# IL-ĦAJJA f'Għawdex

€2

Marzu 2010 * LEĦEN L-GĦAWDXIN GĦAL 65 SENA * Nru. 916



## Il-Qrar

## B' Apprezzament u Tislima lil "Dun Ġwann"



# Jum is-Saċerdoti

*Ħamis ix-Xirka - 1 ta' April 2010*

## Is-saċerdot ikkonsagrat biex iħabbar il-Bxara t-Tajba

Iċ-ċelebrazzjoni ta' dalgħodu tissejjaħ "il-quddiesa tal-Griżma". Din il-Griżma hija d-dilka li ssir permezz taż-żjut li ser inbierek u nikkonsagra minn hawn u ftit mumenti oħra...

Id-dilka li tinżel fuq il-persuna kollha kemm hi tfisser li l-Ispirtu ta' Alla jippossedi lil dik il-persuna: il-bniedem midluk biż-żejt fl-ordinazzjoni saċerdotali tiegħu m'għadux tiegħu nnifsu imma jsir il-bniedem ta' Alla.

Dalgħodu għandna għalfejn nirringrazzjaw lil Alla għaliex f'Għawdex il-Knisja hija mżejna b'dawn is-saċerdoti u li, minkejja l-umanità u d-djgħufija tagħhom, huma bnedmin ta' Alla...

Aħna ġejna kkonsagrati u midlukin biex inkunu nistgħu nfarrġu lil min huwa qalbu maqtugħa, infejqu lil min huwa mkisser, inlibbsu kuruna flok ma nxerrdu l-irmied, insawbu ż-żejt tal-ferħ minflok ma nlibbsu l-ilbies tal-viżtu!...

Għeżież presbiteri, ... nistenna minnkom li intom tkunu l-fwieħa ta' Kristu għad-dinja: kull wieħed minnkom għandu jkun mimli b'dan iż-zejt tal-ferħ. Hekk il-kuntatti tagħna bl-esperjenzi pastorali li nagħmlu jfarrġu lil dawk li huma qalbhom imtaqqla, infejqu lil dawk miksurin u nsawbu ż-żejt tal-ferħ minflok inlibbsu lbies tal-viżtu.

*(Mons Isqof Mario Grech, siltiet mill-Omelija "Il-midluka biż-Żejt tal-ferħ" Quddiesa tat-Tberik taż-Żjut, Ħamis ix-Xirka, Katidral, 20 ta' Marzu 2008)*

F'dan il-jum għażiż, li fih niċċelebraw it-twaqqif tal-Ewkaristija u tas-Saċerdozju Ministerjali,
itlob għas-saċerdoti... għax għandhom bżonn it-talb tiegħek;
ħobb is-saċerdoti... għax għandhom bżonn l-imħabba tiegħek;
għin lis-saċerdoti... għax għandhom bżonn l-għajnuna tiegħek.

**KUN ĠENERUŻ mal-Knisja f'Għawdex fil-ġabra li ssir f'dan il-jum biex tkun tista' tgħin lis-saċerdoti tagħna fil-qadi tal-ministeru pastorali u fil-ħajja tagħhom.**

**IL-ĦAJJA f'Għawdex**

L-Ewwel Ħarġa f'Ġunju 1945
*Ħarġa nru. 916*
*Marzu 2010*
**Maħruġa mid-Djoċesi ta' Għawdex**

*Direzzjoni u Amministrazzjoni:*
**Lumen Christi Media Centre**
**Triq Fortunato Mizzi,**
**Victoria - Għawdex VCT 2579**
**Tel. 21560496/7 Fax. 21561860**
*e-mail*: gozopress@onvol.net

**Abbonament: €10 (Lm 4.30)**
**Benefattur: €20 (Lm 8.60)**

**Issettjata u Stampata:**
***"Gozo Press" Tel.21551534***

*Il-fehmiet li jistqarru l-kittieba m'humiex neċessarjament dawk tal-Bord Editorjali.*

## f'din il-ħarġa

Editorjal • 3
Il-Ħajja fid-Djoċesi • 4
X'jgħidilna l-Isqof • 5
Kummentarju (1) • 6
X'għadda minn għalina • 8
Kummentarju (2) • 14
Kummentarju (3) • 15
Riflessi • 16
Rapport • 17
Kummentarju (4) • 18
Speċjali Sena Saċerdotali • 19
Ftit Fatti u Kummenti • 22
Meditazzjoni Bibblika • 23
Kotba minn Għawdex • 25
Dawl għall-Ħajja • 26
**DOKUMENTAZZJONI**
Solidarjetà Nisranija (8) • 28
Snajja Qodma (28) • 30
Rapport G.T.A. (2) • 32
Kultura Kristjana • 34
Apprezzament • 37
Passiġġata Biblika • 38
Għawdex Qabel ir-Ritratti (23) • 40
Għawdex 300 sena ilu (181) • 41
Xhieda Nisranija • 42
Għawdex "On-Line" (17) • 43
Tieqa fuq l-Ambjent (16) • 44
Intervista • 46
Il-Via Sagra ta' Għammar • 48
Mix-Xena Sportiva • 49
L-Għoljiet ta' Għawdex (3) • 50

**Ritratti:** *Ħajr lil Dun Anton Sultana, Joe Zammit, Charles Spiteri, Toni Calleja, Kurja ta'l-Isqof, Parroċċi u Kunsilli Lokali t'Għawdex, u Ministeru għal Għawdex.*
**Qoxra:** *Dun Ġwann Scicluna jqarar. Ritratt: Arkivju L.C.M.C. Ara p. 37.*




# *Omeliji Medjokri jew Udjenzi Bla Aptit?*

***Fl-aħħar Ittra Pastorali tar-Randan, fit-taqsima "Għarfien tal-Iskrittura", l-Isqfijiet tagħna jitkellmu dwar "Is-Smigħ tal-Kelma t'Alla" u jistednuna nirriflettu dwar tliet punti: "l-edukazzjoni vera fil-fidi sseħħ biss fl-għarfien iktar profond tal-Kelma t'Alla; jeħtieġ nagħrfu l-ħtieġa urġenti li l-Kelma t'Alla terġa' ssib postha fil-qalba tal-komunitajiet parrokkjali...(biex) jinbnew aktar fuqha; nagħrfu b'onestà li ħafna ħidmiet (pastorali) tagħna li ma jitilqux mill-Kelma u ma jwasslux għall-Kelma, huma sforz inutli li qed itaqqlu u mhux jgħinu l-formazzjoni Nisranija tagħna."***

*Is-smigħ tal-Kelma t'Alla jimplika wkoll li tkun imxandra. Din id-dimensjoni doppja tal-Kelma tqiegħed ix-xandir u s-smigħ tagħha f'relazzjoni fejn iż-żewġ dimensjonijiet jinfluwenzaw lil xulxin. Wieħed mill-waqtiet speċjali tax-xandir u smigħ tal-Kelma hija l-"omelija". L-omelija tista' sservi biex ir-relazzjoni xandir-smigħ tissaħħaħ u titkattar jew biex titbiel u tinxef. U fostna l-"omelija" mhux l-ewwel darba li ntlaqtet minn baraxx ta' kritika anke fil-ġurnali!*

*Imma r-realtà x'inhi? Tħejjija bla kont min-naħa ta' xi saċerdoti jew attitudni ta' x'insara għaliex il-verità tal-Kelma t'Alla toqroshom fil-laħam il-ħaj u għaldaqstant jiddejqu jisimgħuha? Is-saċerdoti jwaħħlu fil-poplu: "Tippriedka għalxejn għax ma jridux jisimgħu!" Il-poplu jwaħħal fis-saċerdoti, "għax," issib min jgħidlek, "jonqsu fil-kredibbiltà." Min għandu raġun?*

***Ftit jew wisq is-sitwazzjoni attwali ta' indifferenza fil-prattika tal-fidi tirrifletti lakuni kemm fix-xandir tal-Kelma t'Alla kif ukoll fir-rieda għas-smigħ tagħha.***

*Jingħad li l-Kardinal John Henry Newman kien iħalli impressjoni dejjiema fuq min jisimgħu; u sadattant il-priedki tiegħu kien jaqrahom, b'għajnejh dejjem fissi fuq id-dokument. Imma l-omeliji tiegħu kienu komunikazzjoni sinċiera mill-qalb tal-predikatur għall-qalb tal-persuni fl-udjenza. F'**The Idea of a University** (p.426) kiteb: "Dak li hu anonimu ma jistax jippriedka... Il-ħsieb u l-kelma huma ħaġa waħda fil-'Logos' Etern u jridu joħorġu ħajjin u mġedda minn fomm il-predikatur daqskemm minn sidru, biex ikunu jistgħu jagħtu 'spirtu u ħajja' fil-qlub tas-semmiegħa." Min ixandar il-Kelma u ma jinkixifx, ftit jew wisq, fil-personalità spiritwali tiegħu, jkun jissogra li jagħmel fjask personali.*

***Li kieku ma tkunx il-Grazzja t'Alla li għandha l-ħila misterjuża li tolqot ukoll meta l-kliem tal-predikatur ikun dgħajjef u medjokri! Imma l-Grazzja teħtieġ ukoll dispożizzjoni xierqa kemm f'min ixandar u kemm f'min jisma'. Għaldaqstant jixraq nistaqsu: il-poplu kemm qed jersaq għas-smigħ tal-Kelma b'umiltà u b'qalb miftuħa qabel ma jaqbad u jikkritika lis-saċerdot?***

*Id-dokument tas-Sinodu Djoċesan ta' Malta (2003) hu tabilħaqq prattiku fil-proposti tiegħu (par.1-17): "Il-Ministeru tal-Kelma jitlob l-ewwelnett konverżjoni u tiġdid kontinwi mill-individwi u strutturi" u "jrid jinbena fuq analisi tal-kultura u l-istorja ta' żmienna". Id-dokument ma joqgħodx jomgħodha u jgħid ċar u tond li xi omeliji huma neqsin mit-tagħlim minħabba "kontenut" jew minħabba "il-mod kif jitwassal il-kontenut". Jissuġġerixxi taħriġ fil-**public speaking** u riċerka ta' forom ta' kontribut mil-lajċi fil-qasam tat-Tħabbir tal-Kelma fil-Liturġija. Xi saċerdoti jistgħu jippreparaw l-omelija aħjar!*

***Fi kliem id-dokument ukoll, "il-kejl ta' kollox huwa l-bini ta' komunità ta' fidi." Iżda dan il-kejl kemm qegħdin aħna nirreferu għalih biex jiggwidana?***

**Joseph W. Psaila**

www.gozodiocese.org

# Il-Ħajja fid-Djoċesi



*Ritratti ta' Charles Spiteri*



*Mons. Isqof Grech waqt il-funzjoni fil-knisja parrokkjali taż-Żebbuġ. Jidhru wkoll, mix-xellug għal-lemin, l-Arċipriet il-Kanonku Reuben Micallef, iċ-Ċerimonier Dun Roberto Gauci u Dun Giovanni Curmi, Segretarju Pastorali tad-Djoċesi.*

### *Pellegrinaġġ Penitenzjali*

Id-Djoċesi t'Għawdex, nhar il-Ġimgħa, 19 ta' Frar, filgħaxija, organizzat l-ewwel Pellegrinaġġ Penitenzjali tar-Randan, bit-tema "Ejjew nagħtu ferħ u gost lil Alla Missierna, nerġgħu lura għandu, u hekk insibu l-ferħ" (Kurat t'Ars).

Il-Mixja Penitenzjali telqet minn ħdejn id-Dar Parrokkjali taż-Żebbuġ għall-knisja, fost kant u talb ieħor. Fil-knisja



*Uħud minn dawk preżenti waqt il-funzjoni.*

Mons. Isqof Grech mexxa Ċelebrazzjoni Komunitarja tal-Qrar u ta wkoll il-Mandat lill-Predikaturi tal-Eżerċizzi. Fl-Omelija tiegħu tal-okkażjoni, Mons. Isqof tkellem dwar kif ir-Randan jgħin lin-Nisrani jiġġieled kontra d-dnub.

### *Quddiesa ta' Radd il-Ħajr*

Il-Moviment *Pro Sanctitate* f'Għawdex fakkar il-81 sena ta' ħajja tal-Eċċ. Tiegħu. Mons. Nikol Cauchi, Isqof Emeritu għal Għawdex, b'konċelebrazzjoni ta' Radd il-Ħajr fil-knisja tar-Ragħaj it-Tajjeb, fiż-Żona taċ-Ċawla, ir-Rabat, nhar it-Tlieta 2 ta' Marzu, fis-6.00 ta' filgħaxija.



*Mons. Isqof Nikol Cauchi waqt l-omelija tal-okkażjoni*

Flimkien mal-Isqof Cauchi kkonċelebraw ukoll l-Isqof t'Għawdex Mons. Mario Grech, il-Vigarju Ġenerali tad-Djoċesi, l-Arċidjaknu Mons. Giovanni Bosco Gauci u numru sabiħ ta' saċerdoti u reliġjużi, fosthom l-Arċipriet Tarċisju Camilleri, Segretarju tal-Kulleġġ tal-Kappillani.

Wara li rringrazzja lil Alla għal dak kollu li għamel miegħu matul dawn is-snin kollha, Mons. Cauchi reġa' għal darb'oħra f'din l-okkażjoni wkoll talab skuża lil min forsi b'xi mod setgħa naqas u rringrazzja lil kulħadd għall-appoġġ u lealtà lejn il-Knisja.

Joe Psaila, editur tal-perjodiku ta' kull xahar, 'il-Ħajja f'Għawdex' qara l-lezzjoni. Il-Vigarju Ġenerali tad-Djoċesi, l-Arċidjaknu Mons. Giovanni Bosco Gauci qara l-evanġelju. It-talbiet inqraw minn diversi. Il-kant tmexxa mill-Kor *Fraternitas* taħt id-direzzjoni ta'Mary Rose Attard.

Wara l-quddiesa, Mons. Isqof Cauchi ltaqa' mas-saċerdoti u reliġjużi, fis-sala taċ-Ċentru Pastorali, fejn ħadu kafè flimkien waqt li Mons. Isqof qasam ukoll kejk żgħir tal-okkażjoni.



### *Pellegrinaġġ f'Ars*

Bħala parti mill-attivitajiet organizzati mis-Seminarju tad-Djoċesi ta' Għawdex biex ifakkru l-150 sena mill-mewt ta' San Ġwann Maria Vianney f'din is-sena ddedikata lis-saċerdoti, grupp ta' madwar 40 persuna, kompost fost l-oħrajn mis-seminaristi flimkien mas-superjuri tagħhom, marru Ars fi Franza, biex jgħaddu ġimgħa flimkien, f'talb u riflessjoni, proprju fejn wettaq il-ministeru saċerdotali tiegħu l-Kurat ta' Ars.

Huma żaru ukoll il-komunità ta' Taize fejn għamlu esperjenza ta' talb ekumeniku.

Flimkien mas-seminaristi marru wkoll diversi saċerdoti, reliġjużi u ż-żewġ Sorijiet Franġiskani tal-Qalb ta' Ġesù, Madre Carmelina Debono u Swor Ġużeppina Farrugia, li jservu fis-Seminarju. Il-grupp kien immexxi mir-Rettur tas-Seminarju Dun Daniel Xerri, mill-Viċi Rettur Dun Michael Curmi u minn Dun Ġwann Sultana.

## *X'jgħidilna Mons. Isqof Mario Grech dwar ir-Randan:*

# "Barra l-ħtieġa ta' ġustizzja materjali, hemm ukoll il-bżonn ta' dik spiritwali"



***Diskors tal-E.T. Mons Isqof Mario Grech waqt konċelebrazzjoni fil-Knisja Katidrali f'Ras ir-Randan, is-17 ta' Frar 2010.***

**"Għalina l-Insara r-Randan huwa żmien ta' 40 ġurnata li matulhom inħejju lilna nfusna biex niltaqgħu ma' Kristu fil-misteru tal-Għid, Kristu li bata, miet u qam rebbieħ."**

Mons. Grech irrefera mbagħad għal dik li jgħid San Pawl fl-Ittri tiegħu, jiġifieri li "dak li ma kienx jaf x'inhu dnub, Alla għamlu dnub għalina sabiex aħna nsiru fih ġustizzja ta' Alla" *(2 Kor 5,21)*. U staqsa: "X'inhi din il-ġustizzja li Alla jagħti permezz tal-fidi fi Kristu (cfr. *Rum 3,22*)?

Spjega li "skont id-definizzjoni klassika, il-ġustizzja hija li kull wieħed jirċievi dak li hu tiegħu. Imma ħafna drabi, dan is-sens ta' ġustizzja napplikawh biss f'dak li għandu x'jaqsam mal-ġid materjali. Dan huwa biss diskors limitat dwar il-vera ġustizzja. Huwa fatt li ħafna drabi d-dinja sa dan il-livell ta' ġustizzja tasal – jekk tasal!

"Imma l-bniedem, barra li għandu ħtiġijiet materjali li b'ġustizzja hemm bżonn li jkunu sodisfatti, għandu wkoll ħtiġijiet spiritwali. Il-bniedem għandu bżonn ta' xi ħaġa intima li ebda liġi umana ma tista' tissodisfa għal kollox. **Il-bniedem jeħtieġ li jkun maħbub. Ikun hemm verament ġustizzja meta dan il-bżonn tal-imħabba jkun ikkurat. L-imħabba ta' bejnietna hija neċessarja, imma din l-imħabba umana ma timliex il-qalb għal kollox! Mhix imħabba sħiħa. Alla biss jista' jimla l-qalb umana. Kif jgħid Santu Wistin: 'il-qalb tal-bniedem ma ssibx mistrieħ jekk mhux fik, o Alla'."**

L-Isqof Grech tenna li "l-bniedem għandu dritt għal Alla. Soċjetà li tassew tgħożż il-ġustizzja ma tistax ma tirrikonoxxix li l-bniedem jirċievi dak li huwa tiegħu meta l-ftuħ tiegħu għal Alla ma jiġix fgat. Santu Wistin jistaqsi: 'fejn qegħda l-ġustizzja meta l-bniedem jaħrab lil Alla?'. X'ġustizzja qegħdin infittxu aħna meta qegħdin inwarrbu lil Alla? X'ordni ġust qed nibnu fis-soċjetà meta nagħmlu għażliet li jbegħdu lill-bniedem minn Alla, jew meta ma neħdux miżuri biex inrażżnu dak li qed jipprova joqtol lil Alla mill-kuxjenza taċ-ċittadin?

**"Il-ġustizzja distributtiva, jiġifieri li l-ġid u l-piżijiet jitqassmu fuq iċ-ċittadini proporzjonalment skont il-ħtiġijiet u l-ħiliet ta' kull wieħed hija valur importanti; imma weħidha mhix biżżejjed. Min fis-soċjetà u fil-Knisja għandu r-responsabbiltà li jipprovdi biex ikun hemm ordni ġust, irid jagħti każ mhux biss li jkun hemm il-ġustizzja distributtiva, imma li tiġi mħarsa l-ġustizzja f'dan is-sens wiesgħa li semmejt. Min hu responsabbli għandu jgħin lill-bniedem u lis-soċjetà jagħrfu jissodisfaw dan il-bżonn interjuri u spiritwali.**

"Fil-ħajja tal-komunità ekkleżjali forsi dan huwa diskors skontat għax huwa floku f'kuntest reliġjuż. Anzi, ikun jistona jekk il-komunità Nisranija twettaq ħidma filantropika biss u ma tipprovdix kif nissodisfaw il-bżonn ta' Alla li għandu l-bniedem."

Imma fil-fehma tal-Isqof Grech, **"f'kuntest ċivili, dan jista' jdarras minħabba s-separazzjoni bejn soċjetà sekulari u soċjetà reliġjuża! Filwaqt li għandha tibqa' mħarsa l-awtonomija tas-soċjetà ċivili minn dik reliġjuża, li s-soċjetà ċivili tirrispetta d-dritt tal-bniedem għal Alla, ma jfissirx li l-Istat għandu jiffavorixxi jew jagħti privileġġi lil xi soċjetà reliġjuża jew Knisja, imma jfisser li s-soċjetà ċivili b'sens ta' ġustizzja għandha d-dmir li tirrispetta u tippromwovi d-dimensjoni spiritwali taċ-ċittadini.**

"Kristu sar ġustizzja għalina għaliex bil-mewt u l-qawmien tiegħu Hu ħabbibna mill-ġdid ma' Alla. Fil-misteru tal-Għid niltaqgħu ma' Kristu li jiftħilna mill-ġdid it-triq li tgħaqqadna mal-Missier. Kristu hu feddej ta' kull bniedem għax ħelisna mid-dnub li kien jimblokka l-ftuħ tal-bniedem għal Alla. Hekk nistgħu nimtlew b'din l-imħabba divina li dehret fi Kristu.

"Għalhekk f'dan iż-żmien tar-Randan, li matulu Alla jistedinna biex inċarrtu qlubna u mhux ilbiesna, aħna għandna l-grazzja mhux biss li nissodisfaw dan il-bżonn naturali li niltaqgħu ma' Alla f'Ġesù Kristu, imma wkoll li ngħinu lill-aħwa biex ma jibqgħux fl-iżball meta jaħsbu li jistgħu jgħaddu mingħajr Alla. **Ir-Randan huwa żmien li matulu aħna niskopru r-rilevanza t'Alla u nfittxu li nagħmluh aktar rilevanti għall-oħrajn. Jekk Alla jkun fostna, id-diskors dwar il-ġustizzja distributtiva jsegwi; imma jekk Alla ma jkunx magħna u nibqgħu sajmin dwaru, l-inġustizzji jkomplu jikbru."**

Mons. Grech ħeġġeġ lil dawk preżenti biex iħallu l-Kelma t'Alla "tagħmel lil Alla preżenti fostna". Qal li meta jixxandar l-Evanġelju dawk fil-knisja jibqgħu bilwieqfa u jistennew il-barka bil-Ktieb tal-Evanġelju, "għaliex għalina, dak il-Ktieb huwa qaddis. Kif noqogħdu miġbura meta nirċievu l-barka Ewkaristika, daqshekk ieħor għandna nuru qima lill-Kelma.

**"Hija din il-Kelma li se taslilna b'qawwa kbira matul dawn l-40 jum tar-Randan. Permezz ta' din il-Kelma aħna mhux biss nidħlu fi djalogu ma' Alla, imma nintebħu x'nistgħu nagħmlu biex madwarna jkun hawn ordni soċjali aktar ġust,"** temm jgħid l-Isqof Grech fl-omelija tiegħu

*Kummentarju (1)*

# *Jagħlaq 5 snin waqt żjara fostna*



*kitba ta'* MONS. SALV GRIMA

**L-għada li jħalli Malta, id-19 t'April, il-Papa Benedittu XVI ifakkar, u aħna miegħu, il-bidu tas-6 sena tal-Pontifikat tiegħu bħala suċċessur tal-Papa Ġwanni Pawlu II. Għalina din hija ġrajja speċjali u għalhekk b'tifsira mhux żgħira jekk mad-dehra tiegħu fostna nifirħu wkoll billi nitfgħu ħarsa lura u nġeddu l-memorja ta' xi waqtiet minn ħajtu b'dak li offrielna bħala l-Missier spiritwali tagħna.**

X'hemm partikulari fl-isem? Dan joħroġ l-iktar meta niflu xi ismijiet mill-aspett bibliku u fil-ħajja Nisranija, bħal per eżempju l-isem ta' Iżrael jew Emmanuel.

Anki "Ġużeppi" huwa isem ta' żewġ persunaġġi li kemm fl-Antik kif ukoll fil-Ġdid Testment huwa marbut mat-tmexxija misterjuża li Alla nnifsu wettaq biex itemm il-pjan tiegħu. Iż-żewġ figuri kellhom missjoni divina, li mhix waħda tas-soltu u lanqas mhi xi waħda bla tbatija.



Bħala żagħżugħ fil-Bavaria, Ġużeppi Ratzinger bata meta għadda minn esperjenza ta' ħajja bil-konsegwenzi tagħha taħt ir-reġim ta' Hitler. Setax kien dak il-perijodu li, bħala Kattoliku, Ratzinger rawwam fih għeruq teoloġiċi iktar profondi biex jibqa' jiddefendi b'kapaċità intellettwali l-fidi fi Kristu fi ħdan il-Knisja waħda tiegħu?

Jekk Ġużeppi huwa l-isem li tawhulu l-ġenituri, Benedittu huwa l-isem li għażel għalih bħala Papa. San Benedittu, il-missier tal-monastiċiżmu fil-punent, huwa magħruf għar-Regola mibnija fuq is-solitudni, il-kontemplazzjoni u r-riflessjoni mistika li sawru l-wirt ewropew, u għal dan kien xieraq li jkun wieħed mill-Patruni tal-kontinent li nagħmlu parti minnu bħala pajjiż. Bl-għażla li għamel ta' ismu, il-Papa Ratzinger, qabel xejn, fakkar lill-Knisja fl-Ewropa dwar l-għeruq Insara tagħha. Benedittu, u għalhekk "imbierek" minn Alla qed ikompli jsejjaħ lil Malta wkoll biex tirrifletti x'qed tgawdi u x'għandha taqsam u tgħaddi mill-esperjenza tagħha lil pajjiżi oħrajn. F'kelma waħda s-sejħa nisranija tagħha. F'wieħed mill-messaġġi tiegħu tal-bidu fuq ir-Radju Vatikan kien qal: "Huwa sabiħ li tkun Nisrani". Ħsieb sempliċi imma qawwi!

### *B'ħarstu fuq kulħadd*

**Dakinhar li deher għall-ewwel darba fil-gallerija ta' San Pietru biex isellem lill-folla u lid-dinja, Benedittu XVI stqarr li hu "qaddej umli fl-għalqa tad-dwieli tal-Mulej", kliem li bih fisser il-vokazzjoni tiegħu ta' responsabbiltà pastorali li kellu għall-ġid tal-merħla afdata lilu. Dan esprimih permezz ta' l-ewwel enċiklika "Alla huwa Mħabba" (2005) li turi biżżejjed il-programm ta' Ragħaj fit-tmexxija ta' qadi lill-komunità. Ma' dan is-servizz qed jagħmel stedina wkoll għall-fidi Nisranija biex wieħed jibqa' jagħraf li Kristu huwa uniku bħalma uniku huwa Alla fl-imħabba fih innifsu u fil-manifestazzjoni tiegħu.**

Fit-tieni enċiklika tiegħu "Salvati bit-Tama" (2007), Papa Benedittu fakkarna li bħall-imħabba anki t-tama għandha għeruqha f'Alla. L-udjenzi ġenerali ta' nhar t'Erbgħa komplew juru s-sbuħija tal-pjan pastorali tiegħu b'tagħlim li neħtiġuh ilkoll. Dan għamlu dan l-aħħar permezz tas-Sena Pawlina, imma sa mill-bidu poġġielna quddiem għajnejna tant xhieda oħra, beda mill-Appostli u baqa' sejjer b'lista twila ta' Missirijiet il-Knisja, waqt

li wara beda għaddej b'numru kbir ta' qaddisin bħala eżempju għalina lkoll aħna u niċċelebraw is-Sena Saċerdotali.

Fuq l-eżempju ta' Pietru l-Appostlu, il-Papa Benedittu għamel stqarrija fi Kristu bħala l-Iben ta' Alla l-ħaj, speċjalment permezz tal-ktieb tiegħu "Ġesù ta' Nazaret" (2007). Jittratta mixja ta' esperjenza ta' fidi li għandha tħaddan dawk kollha li għandhom fidi fi Kristu. Dan jista' jissarraf fil-qasam ekumeniku fejn, issa wara tant snin ta' diskussjoni u laqgħat ma' Nsara oħrajn, bdew ifeġġu passi konkreti bħalma huma dawk reċenti bi qbil ma' ex-anglikani li jixtiequ jissieħbu mal-Knisja Kattolika.

Il-messaġġ tal-Papa Benedittu XVI lid-dinja u lil dawk kollha ta' rieda tajba jingħata ta' spiss, speċjalment fl-okkażjonijiet tal-Milied u ta' l-Għid il-Kbir. Ma jonqosx li jagħmel dan ukoll fil-vjaġġi pastorali li jkollu barra mill-Italja jew meta jilqa' għandu kapijiet ta' l-istat jew ambaxxaturi ġodda. L-aħħar enċiklika tiegħu "Il-Karità fil-Verità" (2009) toffri riflessjonijiet ta' natura soċjali bħala stedina għal iktar impenn fl-iżvilupp soċjo-ekonomiku f'ċirkostanzi diffiċli bħal dawk li għaddiet minnhom id-dinja kollha.

***X'rigal jixraqlu minn Malta?***

Lanqas lilna ma ħalliena bla messaġġ. Jekk dan għamlu permezz ta' laqgħat li kellu mal-awtoritajiet ekkleżjastiċi u ċivili Maltin f'dawn l-aħħar snin, għamlu b'mod sollenni fit-3 ta' Ġunju 2007 meta kkanonizza lil San Ġorġ Preca. Ma ndirizzax biss lill-eluf ta' Maltin li dakinhar kellu quddiemu fi pjazza San Pietru, imma lil pajjiżna kollu kemm hu, għax fil-ftit kliem li lissen b'ilsienna tana ħafna x'nifhmu. Din "l-art ħelwa" mhix hekk għal xejn. Fi kliemu hija nazzjon li jeħtieġ li jibqa' fil-ħarsien ta' min hu "Missier" għalina, fit-tagħriġ ta' l-ogħla ġid marbut mal-"fidi" u f'rabta fidila mal-wirt nisrani li twasslilna "mill-Appostlu San Pawl".

Issa li għandna l-unur li nilqgħuh fostna, bħalma lqajna lill-Papa Ġwanni Pawlu II anki l-Papa Benedittu XVI, żgur se jkollu x'jgħidilna jew aħjar x'jifthilna għajnejna. Iktar mill-furja tal-laqgħa u l-entużjażmu li m'aħniex nieqsa minnu, bħala Missier Spiritwali tagħna jimmerita xi ħaġa serja minna lkoll. **Tgħid tisħiħ ta' veru fil-valuri Nsara?**

GP gozo press
Offset & Letterpress Printing
Graphic Design Studio
Mġarr Road, Għajnsielem, Gozo - Malta.
Tel: 2155 1534 - Fax: 2156 0857 - Mob: 9982 6350
E-mail: gozopress@onvol.net



*Il-Papa Benedittu XVI f'Malta fis-sena 2010 waqt li nfakkru l-miġja tal-Appostlu Missierna San Pawl*

# Ġej il-Papa!

*Tislima lill-Papa Benedittu XVI*
*fl-okkażjoni tal-miġja tiegħu f'Malta*
*17-18 April 2010*

Għad li mhuiex l-istess wieħed,
ġej il-Papa, iva ġej,
ġej iżurna, nazzjon ċkejken,
dal-Vigarju tal-Feddej.

Ġej il-Papa, ġej il-Papa,
f'ta' Pawlu l-miġja, t-tifkira,
żewġ millennji, ħamsin nieqsa,
tan-nawfraġju, fuq dil-gżira.

Ġej il-Papa, ġej il-Papa!
Ser noħorġu nfaħħruh,
għad li mhux mija fil-mija
id-Din għadna nħaddnuh!

Ġej il-Papa, ġej il-Papa,
biex f'Għar Pawlu jleħħen talba,
sabiex Malta lifgħat tfarfar
qabel semm iwebbes qalbha.

Ġej il-Papa, ġej il-Papa,
tal-port jofroq l-ilmijiet,
fl-entużjażmu fidi jheġġeġ
u l-qlub jimla' bil-barkiet.

Ġej il-Papa, ġej il-Papa.
Fuq il-Fosos nagħtu xhieda,
b'talba għan-nagħaġ barra mill-merħla,
biex ta' Kristu sseħħ ir-rieda.

Li kull nagħġa f'għelt maqbuda
fuq spallejh jerfa' u jġorr,
biex kemm Pawlu, kif il-Papa,
frott, mitt ġid, minn Malta jsorr.

***Francis Sultana***

# X'għadda minn għalina



*Kronaka Għawdxija*
*minn Charles Spiteri*

## *Serata għall-ġenituri fl-istitut għall-Istudji Turistiċi*

Fl-Istitut għall-Istudji Turistiċi, nhar il-Ġimgħa 19 ta' Frar, filgħaxija, ġiet organizzata l-ewwel *Parents Information Evening*. Għal din l-attività attendew għadd inkoraġġanti ta' ġenituri li uliedhom qed isegwu korsijiet *full-time* ġewwa dan l-istitut li jinsab fil-Qala. Huma kellhom il-possibbiltà li jiffamiljarizzaw ruħhom mal-iskola fejn qegħdin jitħarrġu uliedhom, filwaqt li jsiru jafu iżjed dwar il-korsijiet li għaddejjin bħalissa. Barraminhekk ingħatat ukoll informazzjoni dwar korsijiet oħra li uliedhom jistgħu ikomplu hekk kif jispiċċaw il-kors ta' sentejn ġewwa l-Istitut f'Għawdex. Saret ukoll preżentazzjoni minn Marvic Cassar, uffiċjal ta' l-ETC, dwar *sponsorships* li jistgħu jingħataw dawk l-istudenti li jagħżlu li jkomplu bl-istudji tagħhom.



*Il-Ministru għal Għawdex, Giovanna Debono, akkumpanjata minn Fleur Attard, (fuq il-lemin), waqt iż-żjara li għamlet fl-Istitut għall-Istudji Turistiċi*

Għal din l-okkażjoni l-istudenti ppreparaw ikel u xorb waqt riċeviment żgħir li permezz tiegħu setgħu wkoll juru l-kompetenzi li rnexxielhom jiksbu permezz ta' l-istudji u l-prattika tagħhom. Fil-fatt l-istitut joffri faċilitajiet moderni li jippermettu *hands-on training* kemm permezz ta' units individwali waqt il-preparazzjoni ta' l-ikel, kif ukoll permezz ta' faċilitajiet oħra bħal laboratorju tal-kompjuter, ristorant u *training hotel.*

Il-Ministru għal Għawdex, Giovanna Debono li attendiet ukoll għal din l-attività, ltaqgħet mal-ġenituri u studenti u ġiet imdawra mal-iskola u uriet l-apprezzament tagħha għal mod pożittiv ta' kif intlaqgħu l-faċilitajiet f'dan l-istitut, kemm mill-istudenti kif ukoll minn naħa tal-ġenituri. Hija faħħret l-impenn tal-għalliema li qed ikun effettiv biex jintlaħaq l-għan li għalih inbena dan l-istitut.

L-Istitut għall-Istudji Turistiċi f'Għawdex kien inawgurat f'Mejju 2009 u inbena permezz ta' ko-finanzjament ta' aktar minn €1.8 miljun, bil-għan li r-riżors uman jitħarreġ f'karrieri fil-qasam turistiku u b'hekk jissarraf f'ġid bit-titjib tas-servizzi turistiċi fil-gżira ta' Għawdex.

Bħalissa f'dan l-istitut qed jattendu 30 student għall-korsijiet *full time* u 32 student għall-korsijiet *part time.*

## *"Il-Ħolma ta' Ġużeppi" fl-Oratorju Don Bosco*

Fil-granet li għaddew, l-Oratorju Don Bosco tella' *musical* bil-Malti dwar l-istorja biblika ta' Ġużeppi bin Ġakobb. Storja ta' għira, ġlied, rikonċiljazzjoni u maħfra. Storja adattata ħafna għal żmien ir-Randan. Dan huwa l-*musical* "Il-Ħolma ta' Ġużeppi".

*Musical* li ttella' f'pajjiżna għall-ewwel darba wara li nqaleb bil-Malti bil-permess ġentili tal-*Paoline Editoriale Audiovisivi* ta' Ruma. Kompożizzjoni ta' Giampaolo Belardinelli fuq lirika ta' Piero Castellacci.

Xogħol ieħor ta' dan ta' l-aħħar fuq Madre Teresa kien diġà ġie ppreżentat b'suċċess lill-pubbliku fl-istess teatru fis-sena 2007.

Il-*musical* "Il-Ħolma ta' Ġużeppi", inqaleb għall-Malti minn Dun Effie Masini li mhux l-ewwel darba li tana xogħlijiet simili f'dawn l-aħħar snin. Id-direzzjoni vokali u mużikali tħalliet f'idejn il-kantanta u kompożitriċi Pamela Bezzina, waqt li d-direzzjoni artistika kienet f'idejn Gordon Grech.

Il-karattri ewlenin f'"Il-Ħolma ta' Ġużeppi" kienu interpretati minn Mark Laurence Zammit fil-parti ta' Ġużeppi, Ruth Portelli fil-parti ta' Asenat, u Mario Caruana fil-parti ta' Ġakobb.

Ħadu sehem ukoll Fabian Galea, Analise Xerri u Teddy Zammit flimkien ma' kast ta' 'il fuq minn mitt persuna.

Dan ix-xogħol teatrali kollu mużika, kant u żfin, ittella' fis-sala tal-Oratorju Don Bosco, is-Sibt 27 ta' Frar, il-Ħadd 28 ta' Frar, kif ukoll is-Sibt 6 ta' Marzu. Saru wkoll xi spettakli oħra għat-tfal ta' l-iskejjel.



*"Il-Ħolma ta' Ġużeppi". Jidhru Mark Laurence Zammit mir-Rabat, fil-parti ta' Ġużeppi u Ruth Portelli mill-Qala, fil-parti ta' Asenat*

## *Tlielaq tal-muturi f'Ta' Xħajma*



Il-Ħadd li għadda, 28 ta' Frar, wara nofsinhar, il-*High Revs Motor Cycles* bil-kooperazzjoni tal-A.S.M. (Assoċjazzjoni Sport Muturi), organizzat tlielaq tal-muturi f'Ta' Xħajma, in-Nadur.

Ħafna minn dawk li pparteċipaw f'din l-attività kienu Maltin, li telgħu Għawdex apposta, flimkien ma' membri tal-Kumitat Ċentrali tal-A.S.M., fosthom il-president Frans Deguara.

Clayton Camilleri mill-Mosta ġie fl-ewwel post fi Klassi A. Steve Xuereb (Bruno) minn Victoria ġie l-ewwel fi Klassi B waqt illi Mario Cauchi min-Nadur ġie fl-ewwel post fi Klassi C.

It-trofej u premjijiet oħra ġew ippreżentati minn Jonathan Attard.

*It-Tiġrijiet fit-trakka Ta' Xħajma, in-Nadur*

## *Għajnuna finanzjarja lill-Għaqdiet Għawdxin*

Iktar minn mitt membru fl-Assoċjazzjoni tal-Organizzazzjonijiet mhux Governattivi Għawdxin irċevew ċekkijiet fl-iskema ta' għajnuna finanzjarja tal-Ministeru għal Għawdex għat-tisħiħ tat-tessut tas-soċjetà Għawdxija. Qassamhom il-President tal-Assoċjazzjoni Antoine Vassallo waqt il-Laqgħa Ġenerali Annwali f'waħda mis-swali tal-bini tal-Ministeru, nhar l-Erbgħa 24 ta' Frar, fil-5.30 ta' filgħaxija.

Is-Sur Vassallo ta ukoll ħarsa lejn dak li l-Assoċjazzjoni u l-Kunsill tagħha huma nvoluti fih. Is-Segretarju Joe Xerri u t-Teżorier Giovanni Zammit taw ir-rapporti tagħhom,



*Uħud minn dawk preżenti għal-laqgħa ġenerali annwali tal-Assoċjazzjoni tal-Organizzazzjonijiet mhux Governattivi Għawdxin*



*Waqt il-laqgħa ġenerali tal-Assoċjazzjoni tal-Organizzazzjonijiet mhux Governattivi Għawdxin. Jidher il-President Antoine Vassallo waqt id-diskors tiegħu*

waqt li Claire Xuereb, Segretarja Privata tal-Ministru għal Għawdex, tkellmet f'isem il-Ministru Giovanna Debono, li ma setgħetx tattendi minħabba mpenji oħra.

Peress li l-Kunsill kien wasal fl-aħħar tat-tliet snin tiegħu, kellha ssir elezzjoni. Dawk preżenti qablu li jintgħażlu l-persuni nominati kollha, f'ordni alfabetiku, Dun Ġorġ Borg, Carmel Camilleri, Joe Camilleri, Etienne Micallef, Antoine Vassallo, Joe Xerri, Dr Ray Xerri u Giovanni Zammit. Ġaladarba l-istatut jippermetti massimu ta' ħdax

il-membru, jistgħu jiġu kooptjati sa tlieta oħra biex is-settur volontarju jkun rappreżentat bl-iktar mod wiesgħa. Fl-ewwel laqgħa tal-Kunsill, dik tal-10 ta' Marzu, imtlew il-karigi.

## Jiċċelebraw Jum il-Fundatur



L-i*Scouts* tad-Distrett t'Għawdex fakkru Jum il-Fundatur tagħhom Lord Baden Powell, b'parata fil-Belt Victoria u b'ċelebrazzjoni ta' quddiesa fil-knisja ta' San Franġisk, nhar il-Ħadd 21 ta' Frar.

Waqt iċ-ċelebrazzjoni tal-quddiesa li tqaddset mill-Kappillan tal-Parroċċa tal-Munxar, il-Kanonku Tonio Galea, flimkien ma' Dun Jesmond Gauci, il-membri affermaw mill-ġdid il-wegħda tagħhom ta' lealtà.

Wara l-Gruppi ta' Victoria u dawk tax-Xagħra ħadu ritratt tal-okkażjoni fuq iż-żuntier tal-knisja.

*Waqt il-Parata tal-iScouts fil-Belt Victoria*

## Karnival Reġjonali ta' Għawdex

Il-Kumitat għaċ-Ċelebrazzjonijiet Nazzjonali u Reġjonali f'Għawdex għal darba oħra organizza programm sħiħ tal-karnival ta' Għawdex mifrux fuq ħamest ijiem. Ċelebrazzjonijiet li bdew nhar il-Ġimgħa 12 ta' Frar u li ġew fi tmiemhom it-Tlieta 16 ta' Frar.

Attività li ġiet organizzata għall-ewwel darba proprju din is-sena kienet dik tas-Sibt filgħaxija, "La Notte in Maschera", fejn saru diversi attivitajiet fil-pjazez u nħawi ewlenin tal-Belt Victoria. Oħrajn kellhom jiġu kkanċellati minħabba l-maltemp.

Ma naqasx il-briju fil-karnival spontanju ta' bil-lejl fir-raħal tan-Nadur, li ġibed lejh mijiet ta' Għawdxin, Maltin u barranin.



*Ir-Re tal-Karnival fi Pjazza t-Tokk.*



*Il-Karnival fin-Nadur*



*Tfal waqt żifna fi Pjazza t-Tokk.*

## Tibda l-ħidma ta' l-Avukat Azzopardi fil-Kumitat tar-Reġjuni

Is-Sindku tal-Belt Victoria, Dr Samuel Azzopardi li f'Ottubru 2009 ġie elett bħala President tar-Reġjun ta' Għawdex beda t-term tiegħu ta' erba' snin bħala rappreżentant ta' Għawdex fl-istituzzjoni tal-Unjoni Ewropea tal-Kumitat tar-Reġjuni (KtR) **www.cor.europa.eu** li hija l-Istituzzjoni li tirrappreżenta lir-Reġjuni u l-gvernijiet lokali fl-Unjoni Ewropea. Difatti huwa l-iżgħar membru tal-



*Waqt is-Sessjoni Plenarja inawgurali. L-Avukat Azzopardi jidher il-ħames wieħed min-naħa tal-lemin.*

Kumitat tar-Reġjuni u għalhekk intalab biex waqt is-Sessjoni Plenarja inawgurali, li saret bejn id-disgħa u l-għaxra ta' Frar 2010, flimkien ma' tlieta oħra jifforma parti mill-*Praesidium* ta' l-istess Kumitat tar-Reġjuni sakemm jilħaq l-eżekuttiv il-ġdid. Fost l-inkarigi li għandu Dr Azzopardi huwa li hu membru tal-Kummissjoni CIVEX li fost l-oħrajn tittratta l-immigrazzjoni irregolari, l-ażil, l-iżvilupp legali tal-Unjoni Ewropea, r-relazzjonijiet esteri tal-UE, l-kandidati l-ġodda għal sħubija fl-Unjoni Ewropea u r-relazzjonijiet ma' istituzzjonijiet oħra. Huwa ukoll membru tal-Kummissjoni NAT li tikkonċerna fost l-oħrajn it-tibdil tal-Klima, l-enerġija alternattiva u miżuri għal ambjent aħjar.

## *Ippreżentat l-abbozz tad-Dokument tal-Masterplan taċ-Ċittadella*



Waqt laqgħa ta' konsultazzjoni ma' *stakeholders*, rappreżentanti ta' organizzazzjonijiet u persuni li għandhom interess fiċ-Ċittadella, ġie ppreżentat l-ewwel abbozz tad-dokument tal-*Masterplan* taċ-Ċittadella.

Din il-preżentazzjoni saret wara sena sħiħa ta' studju u analiżi minn numru ta' esperti f'diversi oqsma li ħadmu fuq il-linji li ngħataw fit-*tender*, kif ukoll fuq il-linji li ħarġu waqt laqgħat ta' konsultazzjoni kemm fuq livell kollettiv kif ukoll fuq livell individwali.

Waqt din il-laqgħa, l-i*stakeholders* preżenti ngħataw dettalji dwar l-azzjonijiet li qed jipproponi l-*Masterplan*, biex finalment, fi żmien ftit ġimgħat oħra, jiġi konkluż ix-xogħol fuq dan il-proġett u jiġi ppreżentat ir-rapport finali.

Il-proġett tal-*Masterplan* ġie kofinanzjat mill-Mekkaniżmi Finanzjarji taż-Żona Ekonomika Ewropea bil-pajjiżi tan-Norveġja, l-Iżlanda u Liechtenstein (*EEA Financial Mechanisms*) jikkontribwixxu għall-finanzjament tiegħu. Dan kien possibbli b'riżultat tas-sħubija ta' Malta fl-Unjoni Ewropea.

Fi tmiem il-laqgħa, wara li saru diversi interventi minn dawk preżenti, il-Ministru għal Għawdex, l-Onor. Giovanna Debono saħqet li l-proposti li ġew ippreżentati llum, huma proposti li meta jiġu mwettqa, jagħtu dehra u ħajja ġdida liċ-Cittadella. Hija żiedet tgħid li meta jkun iffinalizzat dan il-pjan fi żmien ftit ġimgħat oħra, il-Ministeru għal Għawdex ser ikollu f'idejh pjan ħolistiku li jindirizza l-ħtiġijiet, il-problemi kif ukoll il-potenzjal ta' dan is-sit storiku mill-aktar importanti f'Għawdex u jkun għodda f'idejn il-Ministeru għal Għawdex biex jattira aktar fondi għall-implimentazzjoni tiegħu. Għalkemm f'dan l-istadju l-pjan qed jagħmel numru ta' proposti, dawn iridu jiġu studjati bir-reqqa meta jkunu ser jiġu mwettqa.

Il-Ministru Giovanna Debono rreferiet ukoll għal proġett li hu ko-finanzjat mill-Unjoni Ewropea permezz tal-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali li permezz tiegħu ser jiġu konsolidati u restawrati s-swar taċ-Ċittadella b'finanzjament ta' madwar €7 miljun.

## *Sessjonijiet prattiċi dwar is-saħħa u s-sigurtà fid-dar*



Madwar 35 tifel u tifla li jattendu s-sitt klassi fi skejjel primarji fi ħdan il-Kulleġġ ta' Għawdex, kif ukoll fi skejjel tal-Knisja madwar Għawdex, ipparteċipaw f'sessjonijiet prattiċi dwar is-saħħa u s-sigurtà fid-dar. L-għan ta' din l-attività, li saret ġewwa *farmhouse* fix-Xagħra, huwa li kull ma jmur dejjem jikber l-għarfien fost it-tfal dwar l-importanza tas-saħħa u s-sigurtà fil-ħajja, b'mod partikolari fid-dar.

Matul in-nofstanhar ta' *Hands on experience*, l-istudenti setgħu jaraw b'għajnejhom u jidentifikaw il-perikli li jistgħu jiltaqgħu magħhom fid-dar. Dan l-eżerċizzju jikkumplimenta mal-lezzjonijiet tal-*Health and Safety* li jsiru lill-istudenti matul is-sena skolastika bħala parti mil-lezzjonijiet tal-kurrikulu. It-temi ewlenin għal din is-sena, kienu s-saħħa u s-sigurtà fid-dar, ikel tajjeb għas-saħħa u stili ta' ħajja sani.

Il-Ministru għal Għawdex, l-Onor. Giovanna Debono u s-Segretarju Parlamentari għall-Konsultazzjoni Pubblika u l-Informazzjoni, l-Affarijiet tal-Konsumatur, il-Kompetizzjoni u l-Kunsilli Lokali l-Onor. Chris Said ingħaqdu għal xi ħin mat-tfal waqt is-sessjoni li kienet għaddejja.

L-attivitajiet kienu jinkludu eżempji prattiċi dwar elementi ta' periklu li jippreżentaw ruħhom fi kmamar partikolari bħal ma huma kmamar tas-sodda, kċina, kmamar tal-banju, u partijiet oħra tad-dar bħal ma hu l-ġnien, *swimming pool*, u *barbecue areas*. Rappreżentanti minn *WasteServ Malta Ltd* għaddew tagħrif dwar sistemi ta' enerġija alternattiva bħal ma huma l-pannelli fotovoltaiċi u sistemi li jsaħħnu l-ilma permezz ta' l-enerġija mix-xemx. It-tfal ġew ukoll mogħtija informazzjoni dwar prattiċi tajbin għal ambjent aħjar kif ukoll dawk marbuta ma' stili ta' ħajja li jippromwovu s-saħħa.

Waqt l-attività ġew esebiti wkoll it-tpinġijiet u l-mudelli li nħaddmu mill-istudenti bħala parti mill-kompetizzjoni bit-tema tas-saħħa u s-sigurtà fid-dawl tal-viżjoni Eko-Għawdex. Ġew magħżula xogħlijiet li permezz tagħhom intrebħu premjijiet għall-iskejjel rispettivi.

It-tfal kollha preżenti ngħataw kotba għal-librerija ta' l-iskejjel tagħhom.

## *Preżentazzjoni tat-Trabi*



Fis-Santwarju Nazzjonali tal-Madonna Ta' Pinu, nhar is-Sibt 6 ta' Frar, fl-4.30 ta' wara nofsinhar, Mons. Isqof Mario Grech mexxa ċelebrazzjoni tal-Kelma t'Alla li fiha saret il-preżentazzjoni tat-trabi.

Mons. Isqof tkellem fuq is-sbuħija tal-familja u fuq kemm hi sabiħa li l-familja tagħti l-ħajja u kemm wieħed għandu jappprezza l-imħabba u s-sagrifiċċju tal-ġenituri biex irabbu u jedukaw l-ulied.

*Uħud mill-familji preżenti fis-Santwarju Nazzjonali tal-Madonna Ta' Pinu*

## *L-ewwel pilota mara Għawdxija*



L-Għawdxija Mariella Vella ġiet appuntata bħala *First Officer* ma' l-*Airmalta* plc. Mariella, bint Anthony u Alice neè Dimech, ħadet l-edukazzjoni tagħha fl-Iskola Primarja ta' Victoria u aktar tard fl-iskola sekondarja tal-bniet f'Victoria stess. Hija attendiet kors ta' sentejn fiċ-Ċentru għall-Istudji Ogħla Sir M'Anġ Refalo. Wara li attendiet għal simestru fil-kors ta' l-Inġinerija fl-Università ta' Malta, Mariella bdiet issegwi kors ta' l-avjazzjoni li dam għaddej tnax-il xahar f'*Oxford Aviation Academy* fir-Renju Unit, u kors ta' taħriġ ta' sitt xhur f'Goodyear, Phoenix, l-Istati Uniti. Permezz tat-taħriġ li ħadet, Mariella, li għandha 21 sena, kisbet il-liċenzja ta' pilota kummerċjali u l-*Multi-Engine Instrument Rating* (CPL ME/IR) u l-MCC/JOC. Mariella hija l-ewwel mara Għawdxija li ħadet il-liċenzja ta' pilota kummerċjali. Issa hija ngħaqdet ma' piloti oħra rġiel Għawdxin li jtajru l-flotta ta' l-ajruplani ta' l-Air Malta.

## *Wirja ta' Fotografija*



Wirja tal-fotografija bit-titlu *Carnival in the City 2010*, imtella' mill-Kunsill Lokali tal-Belt Victoria, ġiet inawgurata mis-Sindku, l-Avukat Samuel Azzopardi fil-*Banca Giuratale*, nhar il-Ħadd 7 ta' Marzu, fil-11.00 ta' filgħodu.

Il-parteċipanti riedu jdaħħlu ritratti meħuda fil-Karnival ta' din is-sena li sar fil-Belt Victoria.

Ir-rebbieħ tal-ewwel premju kien Tonio Schembri bir-ritratt '*Green Envy*' filwaqt li ritratt ieħor tas-Sur Schembri u żewġ ritratti oħra ta' Mario Saliba u Cynthia Saliba ħadu ċertifikat ta' rikonoxxenza *Honourable Mention*.

F'kelmtejn qosra tal-okkażjoni s-Sindku saħaq illi dawn l-attivitajiet ser jiġu promossi iktar mill-Kunsill Lokali tal-Belt Victoria u faħħar is-sehem attiv f'din l-inizjattiva tal-kumitat taż-żgħażagħ fi ħdan l-istess Kunsill. Preżenti għall-inawgurazzjoni kien hemm numru ta' kunsilliera kif ukoll il-Membru Parlamentari Frederick Azzopardi.

## *Farsa fil-beraħ ta' Pjazza San Ġorġ*



*Kerċem Drama Group* taħt id-direzzjoni ta' Ġorġ Mizzi ppreżenta farsa fi tliet Atti - "Il-Klassi". Fuq ispirazzjoni tal-Kerċmi Peter Paul Grech, bħala wieħed mill-aktar persuni prominenti fil-qasam edukattiv ta' Għawdex, "Il-Klassi" tiġbor fiha esperjenza sħiħa mill-iskejjel ta' żmienu. Il-farsa li naturalment qasmet lil kulħadd bid-daħk ittellgħet fi Pjazza San Ġorġ,Rabat, Għawdex, nhar is-Sibt, 13 ta' Frar. Naħseb li hi idea tajba li jkollna f'Għawdex aktar "teatru tat-triq" b'xejn għal kulħadd.

## *Il-Karru trijonfali li ġie l-ewwel fil-Karnival ta' dis-sena*



"Bi Ġmielna Npaxxukom u bil-Lwienna Nsaħħrukom" - Karru trijonfali li ġie fl-ewwel post fis-serata tal-Karnival t'Għawdex ta' din is-sena. Xogħol il-voluntiera tal-Komunità Franġiskana (*Labunski Company*), kordinata minn George Zammit, taħt id-direzzjoni tal-artist żagħżugħ Adonai Camilleri Cauchi.

Hawnhekk il-karru jidher fi Triq it-Tiġrija r-Rabat, Għawdex, nhar il-Ħadd 14 ta' Frar, filgħodu.

## *Għoti tal-Ministeru tal-Lettorat*

Nhar il-Ħadd, 28 ta' Frar, Mons. Isqof Mario Grech mexxa quddiesa li fiha ta l-Ministeru tal-Lettorat lis-seminaristi Mark Bonello (Xagħra) u Daniel Grech (Kerċem). Il-quddiesa ġiet iċċelebrata fil-parroċċa ta' Sannat.

Fir-ritratt mix-xellug għal-lemin jidhru, ir-Rettur tas-Seminarju Fr Daniel Xerri, is-Seminarista Daniel Grech, Mons. Isqof Mario Grech, is-Seminarista Mark Bonello, id-Direttur Spiritwali tas-Seminarju Fr Joseph Farrugia u l-Viċi Rettur Fr Michael Curmi.








**JEKK GĦADEK MA ĠEDDITX L-ABBONAMENT TIEGĦEK, TITLIFX AKTAR ŻMIEN!**

*Kommentarju (2)*

# 2010 – L-isfidi ekonomiċi għadhom magħna . . .



*kitba ta'* MICHAEL GRECH

**Fil-ħarġa ta' Frar temmejt l-artiklu tiegħi bil-mistoqsija jekk id-dinja hix ħierġa mill-problemi ekonomiċi u finanzjarji li sabet ruħha fihom matul is-sena l-oħra. Mhix domanda faċli biex issibilha tweġiba għaliex minn imkejjen differenti wieħed jisma' verżjonijiet totalment differenti u kuntrastanti ta' xulxin.**

Is-sena l-oħra għalqet bl-inkwiet għaliex kien qiegħed iberraq bl-ikrah fuq diversi pajjiżi. Id-Dubai sab ruħu fi stat li ma setax iħallas lura *bonds* li kien issellef minn fuq is-suq u kellu jidħol l-Emirati ta' Abu Dhabi biex tahom ftit tan-nifs. Bħalissa għandna lill-Greċja li għaddejja minn maltempata qawwija ħafna u jista' jkun li din ukoll tista' tiġi fi stat li ma tkunx tista' tonora d-djun tagħha. Il-problema hi li l-Unjoni Ewropea hija projbita li tindaħal biex tagħmel dik li jsejħulha *Bail Out* tal-pajjiż, sakemm il-problemi li jkollu dak il-pajjiż ma jkunux kawża ta' xi diżastru naturali kbir li jkun laqtu. Hemm possibbiltà kbira li din il-kriżi li bħalissa għaddejja minnha l-Greċja tista' ma tkunx iżolata. Huwa fatt magħruf li hemm ċerti pajjiżi fil-Balkani u anke f'dawk Baltiċi li għandhom problemi serji. Magħhom wieħed ukoll irid iħares lejn il-pajjiżi Iberiċi li wkoll għaddejjin minn żminijiet diffiċli.

**Din is-sena sejra tkun waħda ta' sfidi kbar għall-Unjoni Ewropea minħabba l-fatt li ċerti gvernijiet kienu qegħdin jonfqu ħafna flus biex jippruvaw jixprunaw 'il quddiem l-ekonomiji tagħhom billi joħolqu proġetti infrastrutturali biex forsi joħolqu postijiet tax-xogħol ġodda. Biex ikunu jistgħu jagħmlu dan, dawn il-pajjiżi qegħdin iżidu fid-dejn nazzjonali tagħhom u għalhekk id-defiċit tal-pajjiż jikber iżjed. Issa l-UE għandha regolamenti li jgħidu li defiċit ta' pajjiż membru ma jistax ikun iżjed min 3% tal-prodott gross domestiku (GDP). Jekk wieħed iħares lejn il-Greċja dan qiegħed aktar minn 12%. Jiġifieri erba' darbiet iżjed mil-limitu stabbilit mill-UE. Bħalissa d-defiċit ta' Malta qiegħed madwar 5%. Infatti l-UE diġà ġibdet l-attenzjoni ta' Malta dwar dan il-fatt. Kif wieħed jista' allura jara għandna pajjiżi li jridu jonfqu iżjed flus biex jikkreaw ix-xogħol u mill-banda l-oħra għandek l-UE li qegħda tgħid lil dawn l-istess pajjiżi li ma jistgħux jaqbżu dak il-limitu stabbilit fejn jidħol defiċit. X'jista' wieħed jagħmel?**

Fl-opinjoni tiegħi, l-ewwelnett, il-problemi ilhom ġejjin snin twal. Is-sistema, kemm fuq livell ta' individwu u kemm fuq dak ta' komunità, li wieħed jiddejjen kemm jiflaħ biex




ikun jista' jagħmel dawk il-kapriċċi kollha ma setgħetx tibqa' sejra *ad infinitum*. Insemmi kas wieħed biss fejn issib numru kbir ta' nies li qegħdin jissellfu l-flus biex isiefru fuq btala. Jekk induru mbagħad lejn il-gvern wieħed jirrealizza l-ineffiċenzi kbar li jeżistu fis-sistema. Hekk per eżempju, wara għexieren ta' snin bit-Tarzna ta' Malta tagħmel it-telf sena wara sena, fl-aħħar intbaħna li l-aħjar ħaġa kienet li din tingħalaq. Huwa stmat li lill-pajjiż din il-pjaga swietlu 'l fuq minn biljun Ewro. **Meta sejjer jasal dak iż-żmien li l-ħaddiem jifhem li meta qiegħed jiskarta minn fuq ix-xogħol, meta qiegħed ma jagħtix lura ġurnata xogħol kif suppost, meta qiegħed jisraq u jġorr materjal minn fuq il-post tax-xogħol lejn id-dar, dan kollu qiegħed jgħin biex il-pajjiż jintafa' fi problemi kbar?!**

Il-problemi tal-pajjiżi li semmejna iżjed 'il fuq jidhru li huma fil-maġġoranza marbuta ma' dawk il-pajjiżi li qegħdin fin-nofsinhar ta' l-Ewropa. Jekk wieħed iħares lejn il-pajjiżi Skandinavi din il-problema hija bil-wisq iżgħar. Il-kultura u prattika tax-xogħol fit-tramuntana ta' l-Ewropa, hija bil-wisq differenti minn dik fin-nofsinhar tagħha. Wasal iż-żmien li ma jistgħux jibqgħu jiġu ttollerati iżjed abbużi minn xi ħaddiema fis-settur pubbliku. **Il-gvern irid jieqaf u jara li qiegħed jieħu lura f'xogħol, il-pagi li qiegħed iħallas. Għandha bżonn tidħol dixxiplina stretta biex l-abbużi ma jibqgħux iżjed ittollerati. Jekk kulħadd jagħti sehmu, l-pajjiż jista' jimxi iżjed 'il quddiem u l-gvern ma jkollux bżonn jagħmel iżjed taxxi li ħafna drabi jolqtu b'mod diskriminatorju sezzjonijiet tal-popolazzjoni.**

*Kommentarju (3)*

# *Il-Logħob tal-Flus Jilgħabek u Jfallik . . .*



*kitba ta'* KAN. JULIAN REFALO RAPA

**B'xorti ħażina u ta' min jistmerrha, ħafna bnedmin baqgħu maħkumin mill-kilba għal-logħob ta' kull xorta ta' flus u ma jridux idaħħluha f'moħħhom li llum jew għada ser jisfaw bil-bwiet vojta. Aħseb u ġib lil min jaħseb, jibqgħu dejjem jittamaw li xi darba x-xorti ser titbissmilhom u jserrħu moħħhom għall-bqija ta' ħajjithom. Mill-banda l-oħra, bir-regħba għal aktar flus, ikomplu jixxennqu u flok li jikkuntentaw b'dak li għandhom, jibqgħu jilagħbu biex fl-aħħar jitilfu kull ħabba li jkollhom u jisfaw lampa stampa.**




*Titlef il-qaleb u l-ġbejna*

Sal-lum dejjem hekk kien l-għajdut, u mhux lakemm jinbidel, li l-logħob tal-azzard aktar għamel falluti milli sinjuri, għax ftit li xejn huma dawk li stagħnew bih. Dan il-vizzju jixbah il-ħakk tal-ġisem. Aktar ma tħokk u tigref, aktar taqbdek il-lala tal-ħakk u tibqa' tigref sakemm ġismek isir pjaga waħda. Tilgħab u tkompli tilgħab. Tissellef u tiddejjen, għax ikollok il-bwiet vojta, bit-tama li fl-aħħar tmissek ix-xorti, u tistgħana biex tpatti għal dak li tkun tlift.

Iż-żmien ikompli jġerbeb għax ma jistenna lil ħadd u l-lagħba mhux biss jiftaqru għal kollox iżda ma jkunx faċli għalihom li jirriformaw ruħhom. Il-problema tkompli tikber għaliex isiru ta' tfixkil għalihom infushom u għall-oħrajn, għall-bqija ta' ħajjithom.

**Tkun tassew grazzja kbira li xi darba wieħed jirnexxilu jaqta' dan il-vizzju. Qisu jkun ittella' bħal min jaqa' f'bir bla qiegħ.**

Hija ħaġa flokha u ta' min jinkuraġġiha li wieħed jistinka biex ifaddal il-flus bl-iskop li miż-żejjed li jkollu jgħin lil kull min ikun fil-bżonn. Fl-istorja tal-Knisja nsibu bosta rejjiet u kapijiet ta' stati li tul il-ħakma tagħhom bnew sptarijiet u djar u ġabru fihom lil dawk kollha li ma kellhomx fejn idabbru rashom. Dan huwa l-iskop ewlieni li għalih għandu jimmira kull min ikun jippossiedi l-ġid u l-għana. Hekk il-flus jintużaw mhux fit-tkissir tal-persuni, bħalma jiġri fil-logħob tal-azzard, iżda fis-sostenn tad-dinjità tagħhom.

**Min irid jagħmel l-aħjar użu tal-flus, iżomm f'moħħu l-kliem ta' Kristu : "Kont bil-ġuħ u tmajtuni, kont bil-għatx u sqejtuni, kont barrani u lqajtuni, kont għeri u libbistuni, kont marid u ġejtu tarawni, kont fil-ħabs u ġejtu żżuruni."** *(Mt. 25, 35)*

*Dmir Waħdieni*

La darba lkoll kemm aħna nagħmlu parti mis-soċjetà li fiha ngħixu, għandna dmir li nistudjaw u niflu sewwa l-konsegwenzi li ġġib il-lala tal-logħob żejjed tal-flus, u naħdmu bla heda, u napplikaw il-mezzi kollha biex kemm jista' jkun inxekkluha u nrażżnuha.

**Fuq kollox l-awtoritajiet ċivili għandhom jaġġornaw il-liġijiet bil-pieni ħorox minn żmien għal żmien biex kemm jista' jkun dan il-vizzju, tal-anqas jekk ma neqirduhx għal kollox, ma nħalluhx jikber.**

Xerri l-Bukkett



Bar

Restaurant Pizzeria

Dine while enjoying the best view in the Maltese islands

Triq iż-Żewwieqa Qala

Tel. 21553500

RIFLESSI — Notamenti tal-Kav. Joe M. Attard

# Il-Ħala...

**Din hija kelma qasira iżda fil-fehma tiegħi għandha tifsira enormi. F'kollox jista'jkun hemm il-ħala imma artiklu reċenti bl-Ingliż dan l-aħħar nebbaħni biex nikteb dwar il-ħala fl-ikel li nipproduċu u nikkunsmaw.**

Andrew Hough jikteb li l-ammont kbir ta' ikel tajjeb li jarmu l-Ingliżi issa laħaq livelli rekord u qed jiswa lill-Ekonomija Ingliża iktar minn għaxar biljun lira sterlina fis-sena. Iktar minn nofs is-6.7 miljun tunnellata ta' ikel li jintrema mill-familji jkun għadu tajjeb għall-ikel. Dan il-fatt joħroġ mill-istudju li għadu kif sar mill-*Waste and Resources Action Programme* (WRAP).

Rapport li ħarġet *The Food We Waste* jiżvela, li madwar biljun lira sterlina ta' ikel li jintrema jkun għadu tajjeb, waqt li b'kemm jiswew sitt biljun lira sterlina ta' ikel li nxtara, ma ġiex ikkunsmat.

Familja normali fir-Renju Unit tarmi b'kemm jiswew 420 lira sterlina ta' ikel li ma jkunx intmess matul sena waħda; dan l-ammont jitla' għal 600 lira sterlina fil-każ ta' familja b'iktar tfal.

**L-impatt fuq l-Ekonomija Ingliża rriżulta b'żieda ta' żewġ biljun lira sterlina iktar milli kien maħsub. Dan it-*team* ta' studjużi kontra l-ħala ta' l-ikel ikkalkula li jekk jirnexxilu jwaqqaf din il-ħala kollha, tonqos ukoll b'mod drastiku l-emmissjoni tal-*Carbon Dioxide* (arja ħażina) bi tmintax-il miljun *tonnes*. Dan ikun ifisser qisek qed tneħħi karozza minn kull ħamsa mit-toroq ta' l-Ingilterra. Ir-rapport ikompli jgħid li minn studju ieħor li sar fost 3000 familja, ta' kuljum iktar minn miljun landa *yoghurt* mhux miftuħa, 5,500 fellus sħiħ u 440,000 ikla lesti (*ready meals*) isibu ruħhom fil-landi taż-żibel. Il-ħala ta' ikel fil-landi li jintrema huwa biżżejjed biex jimla lil *Wembley Stadium* għal tmien darbiet. Temmnuhom intom dawn iċ-ċifri?! Tgħid din x'tissejjaħ jekk mhux ħala!**

L-uffiċjal inkarigat minn din l-istituzzjoni, Liz Goodwin, stqarret li dawn ir-riżultati tassew jixxukjawk! Dan il-ħala kollu għandu impatt sinifikanti fuq l-ambjent ta' madwarna.

Dan biss x'qed jiġri fl-Ingilterra. Min jaf x'qed jiġri f'pajjiżi oħrajn żviluppati! Anke fil-gżejjer żgħar tagħna nemmen li ta' kultant niltaqgħu ma' każi tal-ħala. Jien għamilt għomri u żmieni qalb l-istudenti ta' l-iskejjel. Minn żmien għal żmien kont inħobb noħroġ fil-bitħa ta' l-iskola wara l-ewwel *break* u kont nibqa' mbellah b'dak li jħallu warajhom ma' l-art l-istudenti hekk kif jidħlu lura fil-klassi — nofs *sandwiches* meta mhux ukoll sħaħ, biċċiet tal-perżut, flixken nofshom mimlija b'xi *soft drink*, biċċiet taċ-ċikkulata, parti minn xi tuffieħa b'gidma waħda jew tnejn biss, u ħwejjeġ oħra bħal dawn. L-istess xena tilmaħ fit-teatru wara li jispiċċa l-film jew fuq it-taraġ ta' l-*istadium* wara xi logħba *football*. U nistgħu nibqgħu sejrin b'din l-istorja ta' swied il-qalb meta tiftakar (biex insemmu eżempju wieħed biss) xi sforzi qed jagħmel il-Moviment *Ġesù fil-Proxxmu* biex jitma tant tfal fl-artijiet tal-Missjoni.



Nagħlaq dan il-ftit tagħrif billi nħeġġeġ lil kulħadd sabiex jagħmel l-almu tiegħu ħalli ma jaħlix bla bżonn imma jiftakar li **l-flus ma jinbtux fit-triq u li kulħadd ibati biex jaqlagħhom**. Jiftakar ukoll f'dawk il-ħafna ħluq li ma għandhomx għaxja ta' lejla u saqaf fuq rashom. Kif għidt iktar 'il fuq, il-ħala mhi tajba f'xejn. Li tħalli kamra tixgħel wara li tkun ħriġt minnha; li tħalli l-vit iqattar biex ma tagħlqux sewwa; il-*computer* għaddej għalxejn – dan ukoll jissejjaħ ħala u għandna nippruvaw nevitawh! **Li tekonomizza fejn tista' hija ħaġa sewwa! Ma jfissirx li ma tiekolx sa kemm tixba' jew li ma timxix mal-moda! Iżda dejjem għandek tara li ma toħroġx saqajk barra mill-friex!**

PMC TOURS
PAUL M. CASSAR
DRAMM TAL-PASSJONI
FIL-GERMANJA
B'HOTELS FIC-CENTRU
T'OBERAMMERGAU
U TA' MUNICH
Mill-4 sad-9 t'Awissu
Breakfasts Buffet
Biljetti Kat.2 Garantiti
Prezz minn €1050
Dettalji:Paul M. Cassar
60 Triq Vajringa-Victoria
Tel.21551004-79021033
Email:pmctours@malatanet.net

*"Jum il-Ħajja" 2010*

# *Dar Ġużeppa Debono tfakkar is-7 ta' Frar b'ċelebrazzjoni "ħajja"*

*rapport ta'* **FRANCESCO PIO ATTARD** *u ritratti ta'* **SHAUN SULTANA**




It-temp dubjuż u x-xita xejn ma tellfu mis-suċċess ta' l-attività ta' Jum il-Ħajja, mtellgħa għat-tieni sena konsekuttiva minn Dar Ġużeppa Debono ta' Għajnsielem. Nhar il-Ħadd 7 ta' Frar 2010, Għawdex ingħaqad ma' pajjiżi oħra Ewropej fiċ-ċelebrazzjoni ta' jum iddedikat biex titqajjem iktar kuxjenza favur il-valuri sbieħ tal-ħajja, moviment li fuq quddiem tiegħu hemm Dar Ġużeppa Debono, mwaqqfa ħamsa u għoxrin sena ilu bl-għan li tilqa' u ssostni tfajliet-ommijiet. Maż-żmien is-servizzi tagħha żdiedu sew u llum għandha wkoll sehem fil-formazzjoni umana fl-iskejjel Għawdxin.

Għalkemm ma mmarċjawx fil-mixja ta' solidarjetà li kienet ippjanata, il-membri tal-*Victoria Scouts Group* laqgħu lill-pubbliku fil-bitħa tas-Seminarju ta' Għawdex, li fis-sala tiegħu ttellgħet l-attività. Din bdiet għall-ħabta ta' l-4.00pm b'messaġġ ta' merħba minn Mons. Manwel Curmi, li flimkien ma' Maria Attard kien il-moħħ wara l-proġett ta' Dar Ġużeppa Debono, ħamsa u għoxrin sena ilu. Wassal ukoll messaġġ Dr Samuel Azzopardi, sindku tal-Kunsill Lokali tal-belt Victoria li għen fl-organizzazzjoni taċ-ċelebrazzjoni. Messaġġi oħra ngħataw mill-Ministru għal Għawdex l-Onor. Giovanna



Debono, minn mart il-Prim Ministru s-Sinjura Kate Gonzi, u mill-isqof ta' Għawdex Mons. Mario Grech, li tkellem fuq is-sbuħija tal-valur tal-ħajja f'kuntrast mas-sitwazzjonijiet irregolari fil-familja li spiss iwasslu għal deċiżjonijiet żbaljati bħalma huwa l-qtil bl-abort.




F'din il-manifestazzjoni tkellmu wkoll rappreżentanti ta' kategoriji differenti tas-soċjetà Maltija, fosthom studenta, infermiera, koppja miżżewġa, anzjana kif ukoll persuna b'diżabbiltà. Siltiet qosra mid-dramm ta' Berlie Doherty *Dear Nobody*, imtellgħin mill-*Gozo Creative Theatre*, qanqlu lill-udjenza biex taħseb iżjed fuq l-importanza ta' l-għażla favur il-ħajja. Is-sabiħ tal-ħajja ħareġ ukoll f'bosta interventi ta' żfin u ballet imtellgħin minn studenti tal-Konservatorju ta' l-Isqof ta' Għawdex, ta' l-Iskola tad-Drama fin-Nadur u tas-*Central Academy of Dance*, kif ukoll mill-*Allegria Academia.*

Dar Ġużeppa Debono tkompli tiċċelebra l-ġublew tal-fidda tagħha b'aktar attivitajiet fix-xhur li ġejjin.

**Peter's Butcher Shop**

*For top quality fresh meat, a wide selection of fresh sausages and quality homemade meat products such as meat balls, bragioli, kebabs, burgers, stuffed pork and more...*

St. Joseph Square, Qala Gozo
Mob: **7905 5051** · Tel: **2785 5051**

*Kummentarju (4)*

# *Għaxar snin ta' fejda għan-Negozju f'Għawdex... Kuraġġ għal sfidi ġodda quddiemna!*



*kitba ta'* **FRANCO MASINI**

**Il-Kamra tan-Negozju għal Għawdex, magħrufa aħjar bħala l-*Gozo Business Chamber*, għadha kif għalqet għaxar snin. Frott ta' ħidma sfieqa fis-snin ta' qabel, din il-Kamra rnexxielha mhux biss tistabbilixxi ruħha bħala korp importanti fi gżiritna iżda wettqet rwol importanti bħala r-rappreżentant tan-negozju Għawdxi fl-isfond tal-ekonomija nazzjonali.**

Fost l-għanijiet importanti tal-Kamra wieħed jinnota li din tħares u ġġib 'il quddiem l-interessi tal-membri tagħha, tgħin biex jiġu mxejna jew almenu mnaqqsa d-diffikultajiet li jaffaċċja l-kummerċ f'Għawdex, tippromwovi l-vantaġġi u l-opportunitajiet għall-impriżi f'Għawdex u tirrappreżenta lis-settur ġo fora reġjonali, nazzjonali u internazzjonali. Huma għanijiet importanti u ambizzjużi. Iżda fil-mixja ta' għaxar snin li l-Kamra ilha mwaqqfa ġa tat prova li tista' tilħaqhom. Naturalment hemm iktar għaliex għandha titħabat għaliex il-preżent u l-futur qegħdin u sejrin joffru aktar sfidi għall-imprenditur, kummerċjant u negozjant Għawdxi. Il-Kamra tagħmel tajjeb jekk tlesti ruħha għal dawn l-isfidi. Għandha tħares lejn il-passat, tipprepara ruħha sewwa u titgħallem minn xi nuqqasijiet li forsi tkun għamlet fil-passat tagħha. Huwa importanti ħafna li mal-ħafna membri li għandha jingħaqdu dawk il-ftit li forsi s'issa ma rawx il-bżonn li jissieħbu magħha. L-għaqda fis-settur tkun tfisser li l-Kamra jkollha jedd ikbar għar-rappreżentanza kemm ma' l-awtoritajiet kif ukoll fid-dehra tagħha bħala l-korp awtentiku u ewlieni tan-negozju f'Għawdex.

**Irridu nirrealizzaw illi s-settur tan-negozju huwa settur importanti ħafna fil-ħajja ekonomika u anke soċjali ta' Għawdex. L-imprenditur huwa dak li jkattar il-ġid, jiġġenera l-postijiet tax-xogħol u jgħin biex iġib il-benesseri fil-pajjiż waqt li jkun hu li jassumi r-riskju finanzjarju b'ċertu sogru. Għalhekk il-qasam tan-negozju huwa pedina importanti ħafna fil-qasam ta' żvilupp għal Għawdex. Il-Kamra li tiġbor fiha nies fil-qasam tal-kummerċ hija għalhekk importanti mhux biss għan-nies f'dan is-settur iżda għall-ġid ta' Għawdex.**

Hekk kif qed infakkru dawn l-għaxar snin ta' fejda li l-Kamra għexet b'risq Għawdex, ma nistgħux ma nfakkrux lill-protagonisti tal-Kamra u l-fundaturi tagħha. Għamlet sew il-Kamra li tat ġieħ liż-żewġ ex-presidenti tagħha John Magro u l-Avukat Michael Caruana u onorathom bit-titolu ta' Presidenti Onorarji. Huma taw sehem prezzjuż fit-twaqqif u l-ħidma tal-Kamra. Ma' dawn wieħed irid ifakkar ukoll lill-membri tal-kumitat tal-Kamra matul l-għaxar snin kif ukoll il-ħidma kbira tad-direttur ġenerali Joe Grech li mingħajrha l-Kamra ftit setgħet twettaq mill-għanijiet tagħha. Kelma ta' kuraġġ lill- President attwali Joe Grech li mexxa u qed imexxi l-Kamra fl-għaxar anniversarju tagħha.

**Il-Kamra għandha ħafna sfidi quddiemha. Prinċipalment hemm l-iżvilupp li sejjer ikun hemm hekk kif is-sħubija fl-Unjoni Ewropea tibqa tiżvolġi u tiżviluppa. Is-sehem li jmissu Għawdex mill-fondi Ewropej kif ukoll is-sehem li gżiritna bi dritt tistenna mill-Gvern Ċentrali huma biss tnejn mill-elementi li l-Kamra trid titħabat għalihom.** Hemm imbagħad id-diffikultajiet li r-reċessjoni qed toħloq għal gżiritna speċjalment bin-numru dejjem ikbar ta' nies bla xogħol li jfisser li riżorsa importanti ta' Għawdex qed tinħela. Dan mhux biss b'nies li huma weqfin iżda bil-problema kbira ta' *brain drain* li għad li hija karatteristika endemika ta' Għawdex, tippronunzja ruħha iktar fi żmien ta' reċessjoni. Barra minn hekk meta u kif ir-rota terġa' tibda ddur ikun hemm bżonn ikbar tal-għaqal, kreattività u ħidma tal-Kamra biex l-ekonomija Għawdxija tirpilja mill-ewwel u tkun kapaċi taħtaf l-okkażjonijiet li jippreżentaw ruħhom.

**L-għaxar snin li ġejjin se jfissru ħafna għal din il-Kamra u wieħed għandu għax jittama li b'Kamra iktar b'saħħitha u b'ħila akbar tkompli tgħin biex Għawdex jistagħna.**

*francomasini@gmail.com*

A Whole New Look

Sharmain's Styling Salon

57,
St. Joseph Square
Qala, Gozo
Tel: 2156 6236

*Servizz Speċjali Sena Saċerdotali (4)*

# *X'jixtieq il-poplu t'Alla mis-saċerdoti tiegħu?*



*kitba ta'* VICTOR DEGABRIELE S.J.

**Li jkunu nies ta' Alla, u li fil-ħajja tagħhom, fi kliemhom, fl-imġieba tagħhom, Alla jiġi l-ewwel u qabel kollox. Ħa jkunu nies li jisimgħu lil Alla jkellimhom u jgħaddu dawn il-kliem lill-poplu tiegħu. Il-poplu t'Alla jifraħ jara s-saċerdoti tiegħu jħobbu 'l Alla b'qalbhom kollha, bil-forzi kollha tagħhom, b'ruħhom kollha, u lil għajrhom bħalhom infushom, jiġifieri bl-istess imħabba li biha jħobbu lil Alla. Jifraħ meta s-saċerdoti, b'qalbhom mimlija b'Alla, imexxuh bil-qima lejn Alla, u fl-istess waqt ikunu għalihom il-profeti t'Alla, ixandrulhom l-għeġubijiet tal-Mulej.**

**Sfortunatament numru ta' Nsara jħallu l-fidi tagħhom biss għal nhar ta' Ħadd, għall-quddiesa.** Dawn in-nies ma jistennew xejn mis-saċerdot ħlief li jqaddes, kif ma jimpurtax, basta jqaddes, u hekk jinqeda d-dover. Għalihom is-saċerdot hu dak li jagħmel biċċa xogħol neċessarja, u mhux dak li jaqdi missjoni fost il-poplu t'Alla. L-aktar importanti għal dawn in-nies hu li l-quddiesa, għax bilfors, iddum mill-inqas. Id-dnub hu li xi saċerdoti jibdew jifhmu l-ħajja saċerdotali tagħhom bħalma jifhmuha dawn in-nies li mingħalihom qed jaqduhom billi jogħġbuhom. Hekk dawn in-nies jaslu jikkonvinċu lilhom infushom li l-quddiesa mhix tassew ta' l-akbar importanza, u li tista' tgħaddi mingħajrha.

**Kull saċerdot jixtieq kieku jaqdi lil Alla u lill-poplu tiegħu.** Jista' jiġri imma li tinħoloq bħall-kompetizzjoni bejn Alla u l-poplu tiegħu, u s-saċerdot isib ruħu fin-nofs. Ma jkunx jista' jaqdi lil Alla u lill-għajru f'armonija interjuri. Jekk is-saċerdot jiddeċiedi li jaqdi l-poplu t'Alla qabel Alla nnifsu, il-poplu jitlef dik it-tmexxija spiritwali li jistenna mis-saċerdot. Ħalli s-saċerdot jisma' l-poplu, iżda mbagħad iġib dak li sema' quddiem Alla fit-talb, ħalli jara u jisma' r-risposta t'Alla. Mhux kulma jixtieq u jrid il-poplu t'Alla fir-realtà jogħġob lil Alla. Jista' jiġri li dawk li l-aktar jinstemgħu, li jkunu jridu li s-saċerdot l-ewwel jagħti kas tagħhom, ma jkunux nies li jħobbu lil Alla b'qalbhom kollha. Qabel ma hi organizzazzjoni l-Knisja hi għaqda f'Alla, u hu l-Ispirtu t'Alla li jmexxiha u mhux l-intelliġenza tagħna.

**Fuq kollox Alla jrid il-qalb tal-bniedem, il-qalb li minnha toħroġ kull opra tajba.** Madwarna naraw evidenza ta' x'jista' joħroġ mill-qalb tal-poplu t'Alla. Kemm monumenti ta' fidi, ta' tama, ta' mħabba, frott ta' qlub mimlija bil-Mulej. Ħafna minn dawn il-monumenti jingħataw f'idejn is-saċerdoti li jridu jkomplu jfakkru lill-poplu li dawn il-monumenti huma frott tar-realtà qaddisa fil-qlub. Jiġri li maż-żmien in-nies jinsew il-għala saru l-monumenti u dawn jieħdu importanza indipendenti minn Alla, u s-saċerdot li jieħu ħsiebhom jispiċċa jaqdi lill-monumenti qabel ma jaqdi lil Alla. Hekk il-monumenti jitilfu l-Ispirtu t'Alla u jibda jgħammar fihom l-ispirtu tal-ftaħir, tal-pretensjoni, tas-suppervja. Meta s-saċerdot jinsisti jfakkar li qabel il-monument jiġi Alla, spiss isib ruħu kontra kurrent qawwi, u jekk Alla ma jkunx ċar



f'moħħu u f'qalbu, jipiċċa billi jagħti aktar importanza lill-monument milli lil Alla, ma jibqax ir-ragħaj it-tajjeb għall-poplu tiegħu. Ebda monument mhu ser jibqa' fl-eternità, imma l-qlub jibqgħu.

**Is-saċerdozju mhux karriera.** Anqas ma hu it-tarġa għall-unuri, għall-poter u għall-ġid. Is-saċerdozju hu risposta ġeneruża għas-sejħa tal-Mulej għall-qadi tal-poplu tiegħu. Fuq hekk, is-saċerdozju, (bħaż-żwieġ) trid taħdem għalih kuljum. Jekk is-saċerdot ma jaħdimx kuljum sabiex kuljum jisma' s-sejħa tal-Mulej, jispiċċa jgħix waħdu, profondament imdejjaq u frustrat. Wieħed jaċċetta s-saċerdozju mhux għax ma jħobbx il-familja, ma japprezzax it-tfal, ma jirrispettax lin-nisa, iżda għax għandu f'qalbu mħabba partikulari. Bħal kull bniedem is-saċerdot irid jgħix bl-imħabba, jew aħjar mal-Mulej. Il-ħajja tiegħu trid tkun konverżazzjoni kontinwa mhux miegħu nnifsu, iżda mal-Mulej li kuljum isejjaħlu. Il-ħbiberija l-aktar intima, u l-aktar sodisfaċenti li għandu s-saċerdot, mhix ma' ommu jew missieru, jew ma' tal-familja, jew mal-parroċċani, kbar jew żgħar, iżda ma' Kristu. Lil Kristu irid jagħtih spazju (ta' ħin), kuljum, u spazju sew. Sabiħ u qaddis hu t-talb tal-Knisja, il-Brevjar, sakemm dan jintalab u mhux sempliċement jingħad, iżda l-Mulej irid jisma' s-saċerdot tiegħu jiftaħ qalbu u jaqsam miegħu dak li hu l-aktar għażiż u fil-fond tal-qalb.

**Is-saċerdot hu msejjaħ biex ikun profeta għall-poplu t'Alla.** Ta' kull fil-għodu jrid jiftaħ widintu, jiġifieri qalbu, biex jisma' xi jgħidlu Alla għan-nies tiegħu. F'kull kelma li jgħid, fl-għemil tiegħu, fl-imġieba, f'dak kollu li jagħmel, hu stess, irid ikun Kelma ta' Alla mxandra b'tant manjieri lill-poplu tiegħu. Kull saċerdot irid jiddeċiedi x'tip ta' profeta jrid ikun: jew jaqdi lil Alla l-ewwel u qabel kollox, jew li jaqdi l-ewwel lil dawk li jħallsuh, li jħares lejn l-uċuħ. Din l-għażla toħloq diffikultà għax kulħadd jieħu pjaċir jingħoġob u jkun imfaħħar. Mhux sewwa li s-saċerdot iħalli l-missjoni tiegħu li jkun profeta, tispiċċa f'messaġġ inutli, jew messaġġ li jfixkel. Biss, jekk is-saċerdot ma jkunx mimli b'Alla u l-messaġġ tiegħu, ma jistax jaqdi l-missjoni li tah Alla, li jkun profeta għall-poplu tiegħu. Minflok hu jmexxi l-poplu bil-Kelma t'Alla, jispiċċa l-poplu jmexxi lilu, jispiċċa jagħti l-barka anki lil dak li hu kontra Alla.

**L-Ewkaristija** il-mument speċjali meta l-poplu jiltaqa' m'Alla, titlob attenzjoni partikolari kuljum. Għaliex is-saċerdot għandu jqis il-quddiesa bħala dover ta' kuljum, u mhux bħall-ħin l-aktar sabiħ u qaddis tal-ġurnata? Dan hu l-ħin meta s-saċerdot jiltaqa' m'Alla b'mod speċjali, u fih il-poplu kollu t'Alla. Skont l-importanza li s-saċerdot jagħti lill-quddiesa, jinvesti fiha. F'kull quddiesa jkun hemm nies preżenti li jixtiequ minn qalbhom iħobbu u jqimu lil Alla. Dawn in-nies jaraw fis-saċerdot, qabel kollox, bniedem ta'Alla. Jekk is-saċerdot jaqdi lil dawn in-nies, ikun qeda' lil kulħadd. Imma jekk jaqdi l-ewwel lil dawk li jkunu preżenti minħabba d-drawwa u bi ftit li xejn interess, is-saċerdot ikun iwarrab lil min tassew qed ifittex lil Alla. Fil-quddiesa, s-saċerdot jitkellem ma'Alla; ħa jkellmu, almenu kif nitkellmu ma' bnedmin ta' xi importanza, bir-rispett, b'attenzjoni, b'ċertu galbu, b'mod li n-nies preżenti jisimgħu l-Kelma tidwi f'qalbhom mas-saċerdot. Ħa jħossu n-nies meta joħorġu mill-knisja, li tassew iltaqgħu m'Alla, u mhux biss li kienu preżenti għal xi ħaġa xi ftit jew wisq qaddisa.

**Mijiet ta' nies jattendu għall-quddiesa ta' kuljum.** Kull ġurnata jisimgħu biċċa mill-Iskrittura. Jekk is-saċerdot ma jippreparax il-Qari, dan ma jħallix il-frott mixtieq. Tajjeb li l-qassis jistaqsi lilu nnifsu, jekk u kemm jixtieq li l-qari ta' l-Iskrittura jħalli frott jew le. Jekk jidhirlu li dan għandu jħalli ħafna frott għax hu l-Kelma t'Alla, allura għandu jipprepara lilu nnifsu sabiex jipproponih bid-devozzjoni. Almenu jibda billi jaċċerta lilu nnifsu li jkun qrah sew qabel joħroġ għall-quddiesa. Xi ħaġa żgħira fuq l-ewwel qari: bosta drabi jekk dan ma jkunx inkwadrat fl-istorja, ma jiftihemx. Jista' jiġri li jekk il-qassis stess ma jagħmilx xi ftit tiftix, anqas hu stess ma jifhem it-tifsir ta' l-ewwel qari. Anki l-Vanġelu trid tarah inkwadrat fl-istorja ta' Ġesù, u t-Testment il-Ġdid fl-istorja tal-Knisja.

**Fit-Talbiet tal-Fidili** in-nies juru li huma japprezzaw il-Kelma t'Alla u jixtiequ li din tħalli ħafna frott fil-ħajja tagħhom u fil-ħajja tal-Knisja, imma l-aktar fil-ħajja tagħhom personali. Fit-talbiet, is-saċerdot irid jara li n-nies jirrispondu għal dak li hemm fil-qari. Per eżempju: nisimgħu li Ġesù ħafer id-dnubiet, u aħna wkoll nixtiequ li issa jaħfrilna dnubietna. Sfortunatament ħafna Talbiet tal-Fidili jinqraw minn kotba li ilhom bosta snin miktubin u kienu jirrispondu għal dawk is-snin li fihom inkitbu, imma li ftit li xejn







huma rilevanti għall-Qari li għandna llum. Nispiċċaw f'sitwazzjonijiet fejn il-qari li jkun instema', jitwarrab, sabiex aħna naqraw dawk it-talbiet. Hekk il-qari ta' kuljum ma jħallix il-frott mixtieq.

**Spiss jiġri li meta n-nies iridu jikkummentaw fuq il-quddiesa, jiċċentraw fuq il-prietka, jew l-omelija.** Din hi ħasra, għax il-quddiesa kollha hi importanti. Biss dan juri li xi saċerdoti jfallu bis-sħiħ fl-omelija. Il-biċċa l-kbira ta' dawk preżenti għall-quddiesa tassew jixtiequ jisimgħu l-Kelma t'Alla llum. Is-saċerdot irid jistaqsi lilu nnifsu kemm jixtieq li l-poplu li jkollu quddiemu jisma' l-messaġġ ta' Alla għalih, illum. Jekk il-qassis mhux interessat jispiċċa jagħmel biss diskursata, li tista' tkun interessanti, u forsi jfaħħruh għaliha wkoll, imma ma tkunx il-messaġġ ta' Alla. Jekk interessat, l-omelija toħroġ minn qalb mimlija b'Alla, u anki jekk mhux faċli tkun aċċettata, tmiss il-qlub. L-Ispirtu f'qalb is-saċerdot, jitkellem ma' l-Ispirtu f'qalb in-nies preżenti għall-quddiesa.

**Kull qassis jifhem li l-poplu t'Alla jinsab kemm fil-bini tal-knisja u barra mill-bini tal-knisja.** Dawk li ma jidħlux fil-bini tal-knisja, xorta huma parti mill-Knisja ta' Kristu. Anki għal dawn, is-saċerdot huwa ministru ta' Alla. Għalhekk irid jieqaf lil kull nuqqas ta' mħabba li jista' jħoss lejn dawn in-nies, li bħal ħaddieħor għandhom f'qalbhom xewqa għall-imħabba u rispett. Għalhekk, jekk is-saċerdot ma jistax imur ifittixhom, almenu jilqagħhom meta jiltaqa'magħhom u jkun lest jgħinhom bl-imħabba ta' Kristu. Parti mill-vokazzjoni ta' kull saċerdot, dik li jiżra' fih il-Mulej, hu l-Ispirtu ta' l-Evanġelizzazzjoni, jkun jixtieq li aktar nies isiru jafu u jaċċettaw lill-Mulej Ġesù. Is-saċerdot jaħtaf kull okkażjoni biex ixandar u jaqsam l-Aħbar it-Tajba ma' ħaddieħor, kemm ma' dawk li jħobbuha, u kemm ma' dawk li tbiegħdu minnha jew qatt ma semgħuha. Is-saċerdot ma jistax jinsa li hu m'għandux ixandar xi ideat sbieħ, biex forsi jkollu aktar nies fil-knisja, iżda lil Kristu, li ta' kull filgħodu hu stess jisimgħu ixandarlu l-Aħbar it-Tajba.


# RAYMOND CEFAI
## TAL-KELBA LTD.

- BUILDING CONTRACTOR
- CRANE &
GENERATOR HIRE



"RayRita", Triq it-Tempju, Qala, Gozo.
Tel: 2155 7847, 2156 2532 Mob: 9949 3169

*Ftit fatti u kummenti*

# PARADOSSI TA' ŻMIENNA...

## *Eżami tal-Kuxjenza Soċjali, mhux anqas ta' dik personali, adatt ħafna għal Żmien ir-Randan*



*kitba ta'* Dr. MARIO SALIBA

- Illum għandna bini iktar għoli, iżda l-bniedem għandu paċenzja iqsar; għandna toroq usa', iżda anqas tolleranza; nonfqu aktar, iżda nakkwistaw anqas; nixtru aktar, imma nieħdu gost anqas b'li nixtru.
- **Nibnu djar akbar, iżda għandna familji iżgħar; iktar spazju fil-kumdità, iżda anqas spazju ta' ħin għal xulxin.**
- Illum kulħadd bil-kwalifiki u d-diplomi, iżda għandna anqas sens komun. Għandna iktar universitajiet mimlijin studenti, iżda anqas ħin għat-tagħlim; iktar għerf, iżda anqas dixxerniment; iktar esperti, iżda anqas soluzzjonijiet prattiċi għall-problemi ta' llum. Ftakru xi ġralna s-sena l-oħra meta bdew ifallu l-banek u xeħtu lid-dinja f'baħar ta' reċessjoni. Is-sens komun jgħidlek biex ma tonfoqx iktar milli taqla', imma l-esperti tal-banek kienu jgħidulna l-kontra, billi jħajruna nissellfu u npoġġu flusna fejn ma għandekx garanzija.
- **Żdied il-ġid materjali, iżda naqsu l-valuri: nitkellmu iktar fil-vojt u nibżgħu mis-silenzju; nuru anqas rispett lejn oħrajn, u ngħiru aktar.**
- Tgħallimna kif naqilgħu sold iżjed, iżda mhux kif nonfquh bil-għaqal.
- Tawwalna l-ħajja tal-bniedem, iżda tlifna s-sens tal-ħajja; irnexxielna negħlbu ħafna mard biex ngħixu aktar u aħjar, imbagħad lesti li neqirdu l-ħajja qabel ma titwieled.
- **Kapaċi mmorru fl-iktar pajjiżi mbiegħedin, imbagħad nsibuha bi kbira biex naqsmu t-triq biex naraw il-ġar tagħna għandux bżonn xi ħaġa.**
- Tlajna fuq il-qamar u rbaħna l-ispazju, iżda ngħalaqna fina nfusna; irridu nnaddfu l-ambjent ta' madwarna, iżda qed inħammġu l-istil ta' ħajjitna.
- Qsamna l-atomu, iżda mhux il-preġudizzji tagħna; żidna l-interessi kapriċċjużi tagħna, iżda naqqasna r-rettitudni u l-onestà; qed nipproduċu l-kwantità iżda faqqarna l-kwalità.
- **Qed ngħixu fi żminijiet ta' soċjetà egoista li qed titlef il-karattru: minħabba l-kilba għall-profitti kbar, iżda miskin il-batut u ż-żgħir; din hi l-globalizzazzjoni u l-faqar assolut. Bil-Malti ngħidu: min hu magħkus u min butu imgħarraq bil-flus.**
- Qed ngħixu fi żminijiet ta' sejħa għall-paċi mondjali wara l-gwerra bierda, iżda mbagħad żdiedu l-konflitti reġjonali li qegħdin ikunu ta' theddida kontinwa għall-paċi fid-dinja; biżżejjed inħarsu lejn l-Afganistan u l-Lvant Nofsani u naraw dak li qed jiġri.



- **Qed ngħixu fi żminijiet ta' iktar divertiment, iżda t'anqas sodisfazzjon; ikel bl-abbundanza għal xi uħud, u ġuħ u debbulizza għal ħafna aktar. Il-Malti jgħid min qed imut għall-qatra u min qed imut fis-sakra.**
- Kapaċi nżommu żewġ impjiegi biex ikollna aktar djar lussużi, u mbagħad insibu aktar familji mfarrkin u membri ta' l-istess familja li ma jiltaqgħux ma' xulxin.
- Wasalna fi żmien ta' mediċini ġodda li jsalvaw ħajjiet in-nies u pesta ta' drogi li joqtlu lin-nies.
- **Hawn ħafna ħbiberiji, iżda anqas ħbieb veri, għandna iktar attività soċjali, iżda ħafna jinsabu midfunin ħajjin fil-qabar tad-dwejjaq u d-dipressjoni tagħhom; insibu aktar libertinaġġ, iżda anqas libertà fil-għażla.**
- Qed ngħixu fi żmien fejn għandek l-għażla li tirċievi ittra dak il-ħin li tintbgħat permezz ta' l-*internet*; dak il-ħin stess għandek l-għażla li jew tirrispondi u tagħmel differenza jew li tagħmel "*delete*" qisu ma ġara xejn.
- **Qed ngħixu fi żmien fejn tista' tara li trid, tisma' li trid, tagħmel li trid u tgħid li trid, iżda mbagħad l-għażliet li nagħmlu la qed iġibulna libertà u lanqas ferħ ġenwin.**
- Għandna aktar minn qatt qabel tifsir tal-verità, madankollu ħafna jippreferu aktar li jimxu wara l-qerq.
- Irridu l-ħajja, u nfittxu aktar dak li joqtolna jew li jagħmel diżastru minn ħajjitna.
- **Għamilna kollox alla tagħna, u Dak li tassew għalina suppost kollox, ma għadux Alla tagħna!**

M'hemmx dubju li qegħdin ngħixu fi żmien ta' paradossi. L-għażla qiegħda f'idejna. X'ser nagħmlu b'ħajjitna?

Meditazzjoni Biblika

# IL-ĠONNA U L-ĠENNA



kitba ta' **ĠUŻI DEBONO** (Vjenna)

**L-Evanġelju ta' San Ġwann jinseġ rabta qawwija bejn il-ħajja ta' Kristu u l-bidu tal-Bibbja fil-ktieb tal-Ġenesi. Dawn iż-żewġ Kotba jibdew b'innu fejn tiġi ċċarata r-relazzjoni tal-Ħallieq mal-bniedem u tal-bniedem mal-ħolqien. San Ġwann irid jgħidilna li f'Ġesù, Alla qed joħloq ħolqien ġdid.**

### *Il-ġnien tas-Sultan*

Meta l-Ġenesi jgħidilna f'Kap. 2,8 li Alla ħawwel gnien fl-Eden u li qiegħed il-bniedem biex jgħix f'dan il-ġnien, l-awtur ta' dan il-ktieb qed iressaqna lejn id-drawwa tal-qedem fl-inħawi tal-Meżopotamja fejn kienu r-rejjiet li jħawlu ġonna sbieħ u jużawhom bħala postijiet ta' qima u bħala turija tal-milja tal-frott fis-saltna. **Meta Alla ħalaq il-bniedem ma ħallieh nieqes minn xejn. Il-ġnien ifisser ħajja mimlija u sħiħa.** Hekk naraw li l-bniedem ġie mogħti s-setgħa minn Alla li jieħu ħsieb dan il-ġnien. Però l-ġennien, is-Sultan jibqa' Alla.



Għalhekk il-milja f'dan il-ġnien hija mfissra f'żewġ għanijiet. L-ewwel għan huwa li l-bniedem jaċċetta lilu nnifsu bħala bniedem u ma jaħsibx li huwa xi Alla (Ġen. 2,17). It-tieni għan huwa li l-bniedem mhux biss isib imma fuq kollox iħobb lill-bnedmin l-oħra u jaqsam magħhom ħajtu u ġidu. **Peress li l-bniedem ma' qabilx m'Alla fuq dawn l-għanijiet, il-Ġenesi jgħidilna li daħlet il-mewt u t-tbatija u l-bniedem tilef l-aċċess għal dan il-ġnien tal-veru ħajja.** U dan jibqa' jgħodd sal-passjoni, l-mewt u l-qawmien ta' Kristu.



Għalhekk fl-Evanġelju ta' San Ġwann niltaqgħu ma' **żewġ ġonna oħra matul il-passjoni, l-mewt u l-qawmien ta' Kristu. Fl-ewwel ġnien Ġesù jiġi mogħti f'idejn il-bnedmin.** Naraw li l-Evanġelista, f'Ġesù qed jara s-Sultan. Ġesù ma jagħmilx bħal bniedem li jinħeba wara l-waqa' tal-bidu fil-Ġenesi. "Jiena hu" jgħidilhom Ġesù (Ġw. 18,5) u dawk li riedu jeliminawh waqgħu lura għal iktar minn darba. Huwa s-Sultan li f'dan il-mument qawwi qed jagħti ħajtu biex l-oħrajn ta' Miegħu jiġu salvati.

### *Il-ġenna tibda fit-tieni ġnien*

It-tieni ġnien li jsemmielna San Ġwann huwa eżatt fil-post fejn Ġesù ġie msallab (Ġw 19, 41) u **f'dan il-ġnien kien hemm qabar ġdid. Is-siġra tas-salib tfakkarna fl-ewwel siġra fil-ġnien Eden.** Min jiekol minn din is-siġra kien imut. Issa min jiekol mis-siġra tas-salib ta' Ġesù jgħix għal dejjem.

L-Evanġelju ma jieqafx hawn. Il-ġisem mejjet ta' Ġesù jiġi midluk bħal ġisem ta' Sultan u għalhekk l-Evanġelista jsemmielna l-kwantità ta' mitt libra żejt balzmu u fwieħa għax il-mejjet kien Sultan tassew. Biex jurina dan iktar fiċ-ċar, l-Evanġelista jlaqqana' ma' Marija Madalena li tassew kienet tħobb lil Ġesù. Din tersaq lejn il-qabar tfittex



lil Ġesù mejjet imma Ġesù mhux fil-qabar. Taħseb li xi ħadd seraq il-ġisem tiegħu. Iddur u tara bniedem li għall-ewwel hi taħsbu l-ġennien (Ġw. 20,15).

L-Evanġelista ma' jużax il-kliem bl-addoċċ. Dan huwa mument qawwi fil-Vanġelu. Tgħid qalbha ħebritha li dan huwa l-Ġennien u s-Sid veru ta' ħajjitha? Tgħid hawn l-Evanġelista jrid ilaqqana' lkoll mal-Ġennien tal-bidu? Kollox qed jindika lejn din id-direzzjoni. Ġesù jgħidilna f'dan il-mument li l-laqgħa m'Alla tiegħu u m'Alla tagħna waslet.

**Fl-ewwel ġnien fil-Bibbja l-bniedem jitlef lil Alla u lil ħutu l-bnedmin. Fil-ġnien tal-mewt u l-Qawmien, il-Bniedem-Alla jaċċetta l-limiti tiegħu bħala bniedem fis-salib u l-mewt u jerġa' jiltaqa' mal-Ħallieq fil-Qawmien ta' Ġesù.** Bosta huma dawk li jaħsbu u jgħixu bħallikieku Alla ma jeżistix, li huwa mejjet. F'Ġesù, Alla qed iwettaq mill-ġdid il-pjan tal-bidu li kien falla għax il-bniedem għamel l-għażliet tiegħu ħażin. F'Ġesù issa l-bniedem għamel l-għażla t-tajba u aħna lkoll mħeġġa biex inkomplu din l-għażla.

**Aħna li nimxu wara Ġesù mistiedna biex nerġgħu nidħlu fil-ġnien li ħawwel Alla għalina, f'ħolqien ġdid li jgħaqqadna mill-ġdid m'Alla u jressaqna lejn xulxin. Alla u ħutna l-bnedmin huma magħna u mhux konkurrenti tagħna. L-għaqda m'Alla u ma' ħutna l-bnedmin hija l-ġenna u din tibda issa fuq l-art f'Ġesù. Ħafna oqbra fl-Ewropa flok huma magħluqa b'irħama għandhom fuqhom ġnien żgħir. Forsi din id-drawwa nibtet mill-fidi li l-Ġennien ta' dejjem għad mill-ġdid jifforma l-ħajja minn dak li f'għajnejna l-bnedmin mhuwiex ħlief trab?**

**Għaliex, kif jgħallimna ċar San Pawl, "il-ħajja ma tintemmx imma tinbidel", u mat-tmiem ta' din il-ħajja fuq l-art, tibda għalina li nemmnu ħajja ġdida "fl-għamara tiegħu" għal dejjem** (1 Kor., kap 15).




# Alex Saliba

## I.T Sales and Services

65, Ta' Said Street Nadur, Gozo Tel: 21 555 358 Mob: 99 864 262

alexandersaliba@gmail.com





Irina Xerri

*Beauty Therapist*

C.I.B.T.A.C. C.I.D.E.S.C.O.

## Magie de Beautè

☆ Facials ☆ Makeup ☆ Manicure ☆ Pedicure ☆

☆ Nail Extensions ☆ Electrolysis ☆ Waxing ☆

☆ Massages ☆ Body Treatments ☆

Mgarr Road, Qala, Gozo • Tel: 2155 7771 • Mob: 9924 9568

KOTBA

Minn Għawdex

# Ġużeppi bi spazju għal kulħadd

*Mons. Lawrenz Sciberras, "Il-Mastrudaxxa ta' Nazaret", Gozo Press, 2009, pp. 108, € 6.*




Xi ħadd ikkommenta u qal li anki San Ġużepp ġie f'ilsien in-nies. Dan ġara f'rabta mad-diskussjoni mqanqla dwar id-divorzju f'pajjiżna li baqgħet għaddejja, u tant ieħor dwar xi forom oħra ta' familji li qed jissemmew illum. Ma naqsux dawk li saħansitra nqdew bl-Iskrittura biex irewħu l-ideat tagħhom u allura anki bil-familja ta' Nazaret.

Fil-ktieb tiegħu *"Il-Mastrudaxxa ta' Nazaret"*, Mons. Sciberras, bi stil mexxej u ċar kemm tridu, joffrilna ġabra ta' tagħrif, tagħlim u anki twemmin ieħor marbut ma' dal-qaddis li jagħmel parti hekk mill-qrib fl-istorja tas-salvazzjoni u fil-misteru ta' Kristu, l-Iben t'Alla magħmul bniedem. Huwa l-persunaġġ privileġġat skont il-pjan t'Alla. X'nippretendu? Li niddettaw 'l Alla x'għandu jagħmel, jew x'ma kellux jagħmel?

Barra mill-parti storika li teħodna għar-rakkonti li nsibu fil-Vanġeli u b'xi riferenzi anki għall-kotba apokrifi, din il-pubblikazzjoni tittratta wkoll ix-xebh li hemm mal-figura ta' Ġużeppi tal-Antik Testment, dwar il-paternità tiegħu u d-diversi ismijiet u forom tagħha, il-qima lejh matul is-sekli u t-tixrid tagħha, kif ukoll ix-xhieda mistqarra permezz ta' Dokumenti tal-Maġisteru tal-Knisja.

Fid-daħla tiegħu, l-awtur jindirizza x-xogħol tiegħu lill-qarrejja f'okkażjonijiet partikulari minħabba li "qed infakkru l-500 sena minn meta l-festa ta' San Ġużepp bdiet tiġi ċċelebrata bħala sollennità fil-gżejjer tagħna". Hija sena li tfakkar ukoll il-120 sena mill-enċiklika tal-Papa Ljun XIII u l-20 sena mill-eżortazzjoni appostolika tal-Papa Ġwanni Pawlu II dwar il-Kustodju tal-Feddej.

Jekk San Ġużepp joffri wisa' u spazju għal kull stat ta' ħajja tal-bniedem, ma jonqosx li jkollu messaġġ ukoll f'dis-sena saċerdotali, meta kien dak li kellu l-missjoni li jħares lis-Saċerdot il-Kbir. Dan hu mod ieħor kif Ġużeppi għandu jkun f'ilsien in-nies! Għalikom il-qarrejja.

Kopji ta' dan il-ktieb jinkisbu mil-*Lumen Christi Bookshop*, Victoria, jew mingħand il-librara ewlenin tal-kotba reliġjużi f'Malta u Għawdex għall-prezz ta' 6 ewro.

***Mons. Salv Grima***

LUMEN CHRISTI BOOKSHOP

Triq Fortunato Mizzi, Victoria. Tel: 21560496/7

*Fil-għodu: 10.00am - 1.00pm Fil-għaxija: 6.00pm - 9.00pm*



*Skont ta' 10% fuq kotba ta' qari tajjeb għat-tfal... is-sena kollha!*



## Ir-Randan: Stedina oħra biex nitħabbu ma' Alla

# IL-QRAR: IS-SAGR

***DAĦLA BI STORJA VERA***

Fil-1981, Peter Copper, l-aqwa vjolinista Ingliż, ġie mistieden biex jagħti Kunċert Speċjali fil-Finlandja.

Bħala ġest ta' apprezzament, ir-*Royal Academy of Music* selfitu l-vjolin prezzjuż ta' Stradevarius biex idoqq fuqu. Dan il-vjolin kien kapulavur magħmul minn 80 biċċa ta' injam speċjali u miksi bi tletin passata verniċ.

Xħin kien tiela' t-taraġ tal-palk, Peter Copper tfixkel u l-vjolin sar biċċiet. Peter Copper ġabar il-frak u reġa' lura lejn l-Ingilterra, imriegħex u ddispjaċut. Vjolin hekk prezzjuż kien rovinat!

Imma jkun hemm mastrudaxxa ta' sengħa kbira, jismu Charles Beare, li bil-paċenzja u jiem twal ta' tiswija, irnexxielu jgħaqqad il-biċċiet u jsewwih.

Tgħid idoqq bħal qabel? Peter Copper ipprovah. U ħaġa tal-għaġeb, **il-vjolin irvinat ġie aħjar minn qabel.**

**Dan il-miraklu għadu jseħħ kuljum fis-Sagrament tal-Qrar.**

**KRISTU JOĦLOQNA BNEDMIN ĠODDA.**

*(Mark J. Links)*

## 1 IL-QRAR: TWELID ĠDID SPIRITWALI

**Papa Benedittu XVI :**

"Il-Konfessur meta jagħti l-assoluzzjoni li hu jlissen f'isem il-Knisja, isir strument ta' grajja meraviljuża tal-grazzja."

"Il-Konfessur, doċli għall-Maġisteru, jagħmel lilu nnifsu Ministru tal-Ħniena ta' Alla li tifdi u ssalva."



"Filwaqt li jiġbed l-attenzjoni għar-realtà tad-dnub, fl-istess ħin hu juri l-QAWWA BLA TMIEM TAL-IMĦABBA DIVINA, imħabba li trodd lura l-ħajja."

"Għalhekk **il-Qrar isir twelid spiritwali ġdid** li jibdel il-penitent fi bniedem ġdid."

Hi biss l-grazzja t'Alla li tista' twettaq dan il-miraklu. U din il-ġrajja sseħħ permezz tal-kliem u l-ġesti tas-saċerdot."

"Kristu għażel lilna, għeżież saċerdoti, biex inkunu l-uniċi nies li għandna s-setgħa li naħfru d-dnubiet f'Ismu. Għaldaqstant għandna nagħtu l-ewwel post lil dan is-servizz ekkleżjali."

Kemm nies ikunu għaddejjin minn diffikultà u jfittxu l-faraġ u l-konsolazzjoni fi Kristu!
Kemm penitenti jsibu fil-Qrar il-Paċi u l-Ferħ,
li tant kienu ilhom ifittxu.

**Jeħtieġ li ukoll fi żmienna,**
**is-sagrament tal-Qrar nerġgħu niskopruh**
**u nipproponuh mill-ġdid.**

*(diskors lill-Konfessuri tal-erba' Bażiliċi ta' Ruma, 19 ta' Frar, 2007)*

## 2 X'QALU DWAR IL-QRAR

***Papa Pawlu VI :***

"Il-Qrar huwa s-Sagrament tal-umiltà u tal-ferħ."



***Papa Ġwanni Pawlu II:***

**"Kunu ċerti li s-Sagrament tar-Rikonċiljazzjoni jibni l-kuxjenzi nsara aktar u aħjar minn kull mezz ieħor. Fis-Sagrament tal-Qrar huwa Alla nnifsu li qed jaħdem, Alla għani fil-ħniena."**

**Dawl għall-Ħajja** — *Riflessjonijiet miġbura mill-Arċipriet C. Mercieca*

# AMENT TAL-FERĦ

***Bruce Marshall**, rumanzier Kattoliku jiddiskrivi l-Konfessur bħala*

"il Ministru tal paċenzja ta' Kristu".

***G.K. Chesterton:***

**"Nemmen fil-Knisja għax għandha l-Qrar. Hemmhekk ħassejtni milqut fil-fond f'din ix-xewqa li nkun maħfur minn Alla."**

***Abbe Michel Quoist:***

"Fil-konfessjonarju ssir bidla misterjuża. Inti tagħti dnubietek kollha lil Ġesù. U Hu fuqek ifawwar il-barkiet kollha tal-fidwa."

## 3 L-EFFETT TAL-QRAR

**Papa Piju XII** isemmi dawn l-effetti :

Bil-Qrar ta' spiss :

- issir tagħraf aħjar lilek innifsek
- tikber fl-umiltà
- teqred minn ġo fik id-drawwiet ħżiena
- tirreżisti aktar għall-bruda u għall-għama spiritwali
- tissaħħaħ fir-rieda tiegħek
- tikseb aktar direzzjoni siewja
- tikber fik aktar il-Grazzja.

*(mill-Enċiklika "Mystici Corporis Christi")*

## 4 X'ĦASSEW X'ĦIN QARREW

**Adolfo Rette:**

Wara aktar minn erbgħin sena mbiegħed minn Alla, il-grazzja messitlu qalbu u mar iqerr. Hekk ħalla fl-awtobijografija tiegħu :

"O KNISJA KATTOLIKA, INT MERAVILJUŻA, għax bi ħniena kbira tilqa' l-iben il-ħali. Meta jien stqarrejt dnubieti, ħassejt li **Kristu stess** kien preżenti u b'idejh stess naddafli ruħi. Wara l-qrar bdejt miexi fit-triq ħafif, bla toqol fil-kuxjenza.

Bdejt ngħid lili nnifsi, "Dnubieti maħfura! Dnubieti maħfura! O x'ferħ! Qalbi trid ittir bil-ferħ." Ħassejtni sirt żagħżugħ mill-ġdid."

*(mill-ktieb tiegħu "Dal Diavolo a Dio)*



***Il-Kurat ta' Ars:***
*"Aħna ma nistgħu qatt nifhmu l-ħniena infinita ta' Ġesu għalina meta waqqaf is-Sagrament tal-Qrar... Imma dan is-sagrament irridu nirċevuh b'dispożizzjoni ta' qalb tassew niedma, inkella nżidu feriti ġodda f'ruħna".*

**Charles De Faucauld**

Wara żgħożija mħassra niżel għarkupptejh quddiem Abbe Huvelin u għamel qrara sinċiera. Hekk ħalla miktub fid-djarju tiegħu :

**"Mulej, meta nebbaħtni biex nidħol f'dak il-Konfessjonarju fis-27 ta' Ottubru 1886, Int farrajt fuqi xita ta' ġid, O Alla.**

**O x'jum imbierek! O x'jum ta' grazzja! Kemm int twajjeb, O Alla tiegħi. Jien kont bħall-iben il-ħali. Sa miż-żgħożija tiegħi, jien tbiegħidt minnek, u ntfajt fil-ħama, fil-ħwejjeġ moqżieża, f'ħajja bla fidi, fl-indifferenza u f'ħajja ta' passjonijiet.**

**Kien ilni tlettax-il sena, ħassart iż-żgħożija tiegħi fid-dnubiet, fil-ġenn u fil-bluha.**

**U mbagħad, xħin imbeżża' u mgerrex, bdejt riesaq pass,pass Lejk, O Alla ħanin, b'liema tjubija Int ġejt tiġri tilqagħni u tfajt dirgħajk m'għonqi biex tbusni u tgħannaqni!**

**O b'liema tjubija Int erġajt libbistni l-libsa tas-safa!"**

*(mill-bijografija tiegħu)*

**QRARA TAJBA = BNIEDEM ĠDID**

*Solidarjetà Nisranija (8)*



# *L-Opri tal-Ħniena (2)*



*kitba ta'*
MONS. ISQOF EMERITU
NIKOL Ġ. CAUCHI

### *3. LIBBES LIL MIN HU FIL-GĦERA*

**Waħda mid-diffikultajiet u mill-umiljazzjonijiet li jġib miegħu l-faqar hija t-tbatija ta' min iġarrab il-ksieħ, għax ma jkollux x'jilbes jew biex jitgħatta. Matul l-istorja tal-Knisja, niltaqgħu ma' xi qaddisin, li ħallewlna eżempji sbieħ kif inwettqu din l-opra ta' karità li nlibbsu lil min hu għarwien. Hekk San Martin ta' Tours li ta biċċa mill-mantell tiegħu biex jostor wieħed fqir u Sant'Eliżabetta, reġina ta' l-Ungerija, li kienet tħit l-ilbiesi lill-foqra.**

Din l-għamla ta' karità hija rrikkmandata wkoll fil-Kotba Mqaddsa. Hekk il-Profeta Iżaija meta jitkellem dwar f'hiex tikkonsisti l-imħabba tal-proxxmu jistaqsi "Mhux li tlibbes lil min hu għarwien u n-nies ta' darek ma tinsihomx?" (*Iż* 58,7); Tobija jistqarr "Ħobżi kont inqassam lill-imġewħin u ħwejġi lill-għarwenin" (*Tob* 1,17); Ġob qatt ma ċaħħad lill-foqra minn dak li kienu jeħtieġu "Jekk rajt xi msejken mifni bl-għera, jew xi fqir li ma kellux għata, u ma berkunix ġenbejh, u ma ssaħħanx bis-suf tan-nagħaġ tiegħi" (*Ġob* 31,19-20).



**Fil-Liġi l-Ġdida għandna kliem Kristu li jordnalna biex "Min għandu żewġ ilbiesi, jaqsam ma' min ma għandu xejn" (*Lq* 3,11) u jkompli jgħidilna li t-tajbin f'jum il-ħaqq jisimgħu din l-istedina, "Ejjew imbierkin minn Missieri...kont għeri u libbistuni" (*Mt* 25,36).**

Tabita, l-għażżiela, li San Pietru qajjimha mill-mewt, kienet tagħmel din l-opra ta' karità, li tipprovdi lbies lil min ma kellux x'jilbes, u meta l-Appostlu ġie msejjaħ biex imur ħalli jerġa' jagħtiha l-ħajja, "tellgħuh fil-kamra ta' fuq, u r-romol kollha daru miegħu, jibku u juruh l-ilbiesi u l-imnatar li kienet għamlitilhom Tabita, meta kienet għadha magħhom" (*Atti* 9,39).

**Min hu għarwien ibati mill-kesħa u l-bard. Hemm bnedmin li jħossu l-kesħa mhux tal-klima u tat-temp xitwi, iżda l-kesħa u l-bruda emozzjonali, fejn ikun hemm nuqqas ta' sħima, mħabba u mogħdrija. Inkunu ntaffu din il-kesħa u nlibbsu lil min hu għeri fis-sens li semmejna, jekk nagħtu sinjali ta' attenzjoni u ġesti ta' ħbiberija lill-oħrajn.**

Forsi xi ħadd jista' jaħseb li din il-problema ta' nuqqas ta' ħwejjeġ x'jilbsu jħossuha biss dawk li ġiet fuqhom xi diżgrazzja għal għarrieda, bħal xi inċendju f'darhom jew li ntlaqtu minn xi terremot jew katastrofi oħra, jew li hija biss problema tan-nies tat-tielet dinja. Iżda anke fil-pajjiżi ċivilizzati hemm xi ġenituri li jsibu diffikultà mhux żgħira sabiex jixtru lbies deċenti għalihom u għal uliedhom. Ta' min jirrifleti, għalhekk li f'ċerti ambjenti fejn il-familji jiddependu totalment mix-xogħol tal-missier jew ta' l-omm, u jeħtieġilhom jagħmlu ekonomija f'kollox, tkun umiljazzjoni kerha meta jinnotaw il-lussu eżaġerat fil-vestjarju li bih jiftaħru ċerti sinjuri. Dan il-kuntrast bejn il-faqar u l-lussu żgur li ntebaħ bih San Pawl meta ta din it-twissija: "Nixtieq li n-nisa jiżejnu bi lbies xieraq, bil-modestja u bil-għaqal" (*I Tim* 2,9).

**Din l-opra tal-ħniena, fi żminijietna tista' tiġi nterpretata wkoll b'tifsira oħra. Fix-xhur tas-sajf, fuq ix-xtut u fit-toroq tagħna, xi wħud ikunu fl-għera, mhux għaliex foqra u m'għandhomx x'jilbsu, iżda għaliex tilfu kull sens ta' mistħija u ma jgħożżu**



**xejn il-valur tal-modestja nisranija.** Din l-għamla ta' immoralità hija ħafna drabi skandlu u provokazzjoni għad-dnub. Li nħarsu lilna nfusna u lil uliedna minn dak kollu li jista' jħajjar għad-dnub huwa dmir tagħna u għemil tajjeb li Alla jistenna minna.

### *4. ILQA' LILL-GĦORBA*

Fil-Bibbja nsibu din it-twissija "Tinsewx tilqgħu lill-barranin; minħabba f'hekk xi wħud laqgħu l-anġli bla ma kienu jafu" (Lh 13,2). Il-barrani, ħafna drabi huwa meqjus bħala persuna li aħna ma nafuhiex u lanqas nafdawha, iżda bħala nsara, għandna dmir li nirrispettaw lill-barrani u nagħmlu ħilitna sabiex ikollu kenn xieraq fejn jinsab 'l bogħod minn artu, bħal m'huma r-refuġjati.

Il-ħajja umana hija pellegrinaġġ minn din id-dinja għall-oħra għax "nafu li sakemm indumu mlibbsa b'dan il-ġisem, nibqgħu l-bogħod mill-Mulej" (*2 Kor* 5,6). Għalhekk aħna wkoll qisna barranin f'din id-dinja fejn qegħdin ngħixu u fejn "ma għandniex belt li tibqa' għal dejjem iżda qegħdin infittxu dik li għad trid tiġi" (*Lh* 13,14).

Fost l-opri soċjali li wettqet il-Knisja f'diversi pajjiżi hemm dik li tħejji djar sabiex fihom tilqa' lill-pellegrini u lil dawk li ma għandhomx fejn joqogħdu jew jeħtieġu attenzjoni speċjali bħalma huma l-orfni u l-anzjani. Meta din il-ħidma titwettaq mingħajr skop ta' qligħ u jkun hemm rispett u karità mal-persuni li jingħatalhom l-alloġġ, issir ukoll opra ta' ħniena mfaħħra fil-Kotba Mqaddsa. **"Mhux li taqsam ħobżok ma' min hu bil-ġuħ u ddaħħal f'darek lill-imsejknin bla saqaf?"** (*Iż* 58,7); **"Kont barrani u lqajtuni"** (*Mt* 25,35).

Biex juri l-faqar estrem tiegħu, Kristu stqarr li m'għandux dar tiegħu fejn jista' jistrieħ: "Il-volpijiet għandhom l-egħrien tagħhom u l-għasafar tas-sema l-bejtiet, iżda Bin il-Bniedem ma għandux fejn imidd rasu" (*Mt* 8,20). **Anki fi żmienna, jingħaddu mal-foqra u l-emarġinati, dawk il-persuni jew familji li ma jsibux jikru jew jixtru dar addattata għalihom jew ma jkollhomx il-mezzi biex jagħmlu dan. Il-ġustizzja soċjali titlob ukoll li kulħadd ikollu dar xierqa fejn joqgħod. Kull ċittadin, mill-aħjar li jista' għandu jagħti sehem biex jintlaħaq dan l-ideal.**

Il-membri tal-familja, huma fid-dmir jagħmlu ħilithom kollha ħalli d-dar li jgħixu fiha ma tkunx qisha lukanda, li fiha jidħlu biss għall-ikel u għall-irqad, mingħajr ebda mġieba ta' rispett u ta' mħabba lejn xulxin jekk ma tkunx ukoll dar fejn hemm l-iskandli u l-vjolenza domestika. Id-dar ta' l-insara għandha tkun bħal "knisja żgħira" fejn lil Alla tingħatalu l-qima li tistħoqqlu, u għalhekk, għandha tkun post fejn jinstema' t-talb. Dar l-insara, għandha tkun ukoll bħal ċenaklu jew skola ta' mħabba u tal-virtujiet evanġeliċi, fejn il-membri jikbru ta' kuljum, fir-rispett, mogħdrija u għajnuna reċiproka. **Ma tkunx dar nisranija, jekk ma jkunx hemm fiha atmosfera ta' kordjalità u ta' karità sinċiera. Meta l-ulied isibu dan il-kenn fid-dar tagħhom, ikunu inqas esposti għall-perikli tad-droga u ta' abbużi morali oħra. Meħtieġa l-kollaborazzjoni bejn ir-raġel u l-mara miżżewġin, kif ukoll bejn il-ġenituri u l-ulied, biex joħolqu minn darhom stess, oasi ta' paċi. Hija opra ta' ħniena oħra, li l-membri tal-familja, jistgħu u għandhom iwettqu bla waqfien.**

*(jissokta)*






# IS-SNAJJA' QODMA F'GĦAWDEX

*(It-Tmienja u Għoxrin Parti )*

## IX-XOGĦOL TAL-BIZZILLA F'GĦAWDEX (6)

***Skola tas-Snajja' tal-Bniet, ix-Xagħra.*** Din l-iskola twaqqfet fiż-żmien meta kien Ministru ta' l-Edukazzjoni Dr. Philip Muscat, M.D. Il-għan ewlieni tat-twaqqif ta' din l-iskola kien biex dawk is-snajja' Għawdxin - speċjalment il-bizzilla u l-insiġ - li kienu waslu biex jinqerdu jerġgħu jieħdu l-ħajja. Il-bidu kien fuq skala żgħira fl-Iskola Sekondarja tar-Rabat u fis-Sena Skolastika 1978-79 jew aħjar fis-sena 1978 ittieħdet fil-bini ta' l-Iskola Primarja tax-Xagħra. Fl-1980 f'din l-iskola kien hemm 136 studenta. Fis-sena 1981 id-dħul f'din l-iskola kien estiż għal bniet li jkunu għamlu t-tieni sena tas-sekondarja basta jkollhom ta' l-inqas 14-il sena. Infetaħ ukoll f'din l-istess skola *Ċentru ta' l-Artiġanat* fejn l-istudenti jesibixxu xogħlijiethom.

***Raħal tas-Snajja' Ta' Dbieġi.*** Mhux biżżejjed li wieħed jagħmel il-prodott. Imbagħad irid ibigħu. Il-bejgħ tal-prodotti jista' jsir minn ħwienet privati. Imma, dwar il-bizzilla, biex kemm jista' jkun min jaħdimha jibqagħlu qligh xieraq, il-Gvern Laburista kien fetaħ ukoll il-Villaġġ tas-Snajja'. Dan sar biex dawk kollha li kienu jipproduċu xi xogħol setgħu mbagħad ibigħuh f'dan il-villaġġ tas-snajja' li kien infetaħ f'Ta' Dbieġi f'post li qabel kien okkupat mis-Servizzi Ingliżi. Wara li tlestew ix-xogħlijiet preliminari meħtieġa, il-Ministru tal-Kummerċ, Industrija u Industriji Parastatali u tal-Poplu, l-Onor. Patrick Holland, LL.D., M.P, nhar it-3 ta' April, 1980, qassam iċ-ċwievet lill-ewwel 14-il artiġan li kellhom jibdew jaħdmu f'dan il-lokal. Dan il-lokal għadu jeżisti sa llum.

***Mużew tal-Folklor.*** It-tagħrif u l-esibiti dwar il-bizzilla komplew jiżdiedu meta fil-20 ta' Novembru, 1983, l-Onor. Alex Sceberras Trigona, LL.D., M.A. (Oxon.), M.P., Ministru ta' l-Affarijiet Barranin u Kultura, fetaħ il-Mużew tal-Folklor fiċ-Ċittadella. F'dan il-Mużew tqiegħdet prominenti ħafna taqsima dwar ix-xogħol tal-bizzilla f'Għawdex mhux biss bl-imħaded normali (tat-trajbu), imma wkoll ta' l-imħadda l-kbira, qisha romblu li fuqha jaħdmu l-bizzilla, jistgħu joqogħdu tnejn jew tlieta min-nies. Imma dan kollu kien għadu mhux biżżejjed.

***Skola ta' l-Arti.*** Għalhekk, pass ieħor importanti f'dan ir-rigward ħadu wkoll l-eks-Ministru għal Għawdex Anton Tabone bil-ftuħ ta'



*Consiglia Azzopardi, pijuniera fil-qawmien tax-xogħol tal-bizzilla fi żminijietna*

l-Iskola ta' l-Arti. Din l-iskola fetħet nhar l-Erbgħa, 27 ta' Diċembru, 1989. **Imbagħad kien bis-saħħa u l-ħidma sfiqa ta' Consiglia Azzopardi, esperta f'dan il-qasam, li t-tagħlim tal-bizzilla beda ġej 'il quddiem.** It-tagħlim tas-suġġett ittieħed ukoll fiċ-Ċentru ta' Għawdex ta' l-Università ta' Malta. Rappreżentanti Għawdxin bdew jieħdu sehem fil-Kungress Internazzjonali tal-Bizzilla, ġiet iffurmata wkoll 'Kooperattiva Għawdxija tal-Bizzilla', ħarġu kotba ta' tagħlim u ta' storja dwar il-bizzilla u l-interess u l-entużjażmu għal din is-sengħa kiber kif juru tabilħaqq il-ħerqa u l-ħeġġa ta' dawk kollha li tgħallmu, ħadmu u kkooperaw mal-għalliema tagħhom **Consiglia Azzopardi, li jistħoqqilha kull tifħir u ġieħ għax-xogħol li għamlet biex din is-sengħa terġa' tqum u tieħu l-ħajja. Prosit Consiglia! Jixraqlek tassew grazzi mill-qalb għall-ħidma fejjieda tiegħek, u rikonoxximent u ħajr mingħand kulħadd.** Daqshekk dwar il-Bizzilla.

***RIFERENZI:***


Tagħrif miġbur mingħand diversi individwi.

(Dun Ġużepp Diacono), *Bizzilli li jinħadmu f'Għawdex u f'Malta - Casa Industriale, Għawdex*, 1920; iżda miktub fl-1916.

Consiglia Azzopardi, *Gozo Lace: An Introduction to Lace Making in the Maltese Islands,* Gozo, 1991.

Consiglia Azzopardi, *Il-Bizzilla tal-Gżejjer Maltin,* Pubblikazzjoni Indipendenza, Malta, 2003.

G.Agius, *Lace Making in Gozo,* Unpublished B.A. thesis, University of Malta.

*Guida Generale di Malta e Gozo1939-1940* - Lace Manufacturers: Borg J.A. & Sons, 38 Sda Corsa Victoria, Gozo. Debrincat F., 43 Sda Nuova, Victoria, Gozo.

"L-Industrija tal-Bizzilla - Il-Bejjiegħa jinħtieġu permess speċjali." *Il-Berqa'* 10 ta' Frar, 1935, p. 5.

"L-Industrija tal-Bizzilla ta' Malta terġa' tieħu r-ruħ." *Il-Berqa,* 22 ta' Frar, 1938, p. 5.

"Il-Bizzilla ta' Malta hija l-Aħħar Moda." *Il-Berqa,* 24 ta' Frar, 1938, p. 11.

"Il-Bizzilla ta' Malta." *Il-Berqa,* 22 ta' Marzu, 1938, p. 5.

Paġna ta' Għawdex, "Kummissjoni tal-Bizzilla", *Il-Berqa,* 5 ta' Novembru, 1964, p. 7.

Leħen Għawdex, "Il-Bizzilla taċ-Ċombini", *Il-Qawmien,* 10 ta' Lulju, 1966, p. 7.

Ġuże' Cassar Pullicino, "Il-Bidu tal-Bizzilla f'Għawdex", *L-Orizzont,* 7 ta' Marzu, 1973, pp. 7-8.

"Il-Gvern qed jistudja t-twaqqif ta' Ċentru tas-Snajja' f'Għawdex" (f'Ta' Dbiegħl), *L-Orizzont,* 17 ta' Settembru, 1979, p. 2.

"Fi sforz biex ikompli jitqajjem is-settur tas-snajja' lokali. Se jinbeda x-xogħol biex post tas-servizzi f'Għawdex jiġi mibdul f'raħal tas-snajja'," (f'Ta' Dbieġi), *L-Orizzont,* 10 ta' Diċembru, 1979, p. 7.

"Wara s-suċċess f'Ta' Qali. Se jsir villaġġ tas-snajja' ieħor f'Għawdex", *L-Orizzont,* 1 ta' Marzu, 1980, p. 4.

"Żjara lill-Iskola tas-snajja' tal-bniet f'Għawdex mid-delegazzjoni Ċiniża," *L-Orizzont,* 4 ta' Marzu, 1981, p. 3.

"Villaġġ tas-Snajja' f'Għawdex", *L-Orizzont,* 15 ta' April, 1981, p. 10.

"Tagħlim ta' Snajja' Tradizzjonali f'Għawdex", *L-Orizzont,* 3 ta' Awissu, 1981, p. 3.

"Il-Gvern Soċjalista u l-Artiġanat", *L-Orizzont,* 7 ta' Ġunju, 1983, p. 4.

"Il-Villaġġ tas-Snajja' f'Ta' Dbieġi", *L-Orizzont,* 30 ta' Awissu, 1985, p. 12.

"Skema ta' taħriġ fl-Artiġanat f'Għawdex:, *L-Orizzont,* 23 ta' Settembru, 1985, p. 7.

"Skema ta' Taħriġ fl-Artiġanat f'Għawdex, L-Orizzont, 30 ta' Jannar, 1987, p. 4.

Arthur J. Leaver, "Lace Making - Part One, *Civilisation, No. 9,* pp. 234-237.

Arthur J. Leaver, "Lace Making - Part Two, *Civilisation, No. 10,* pp. 256-257.

Arthur J. Leaver, "The Fascinating Story of Lace Making in Malta", *The Times,* 19th December, 1985, p. 6.

*In-Nazzjon,* 4 ta' Jannar, 1990, p. 7.

*Reports on the Working of Government Departments between 1st April, 1978 and 13th August, 1979,* p. 50.

*Reports on the Working of Government Departments for the year 1980,* p. 50.

*Reports on the Working of Government Departments for the year 1981,* p. 52.

P.G. Galea, "Traditional Crafts. Lace-Making", *Heritage Part 98,* pp. 1949-1952.


**Nota:** Kelina Xerri li kienet tieħu ħsieb il-*Casa Industriale* tar-Rabat, Għawdex, kienet titħallas ħamsin lira (£50) fis-sena mingħand il-Gvern biex tgħallem b'xejn l-insiġ lil kulmin kien ikun irid u jattendi f'din id-dar.

**(TMIEM)**


**ĦALLI F'IDEJN MIN JIFHEM!**

*Għoxrin sena esperjenza fit-tiswija ta' bjut li joqtru jew li jimmoffaw bl-ilma tax-xita...*



**GREZZJU BONELLO**

*lest li jiġi jagħtik parir u stima b'xejn!*

Tel: **2155 7694** Mob: **9946 9102**

**BOGI AUTO LTD**

**■ Spare Parts**
**■ Batteries**
**■ Accessories**

**J.F. Kennedy Square, Victoria VCT 111, Gozo**
**Tel: 2155 1070 Fax: 2156 3073**

*Rapport (2)*

# Nibżgħu għas-Suq Domestiku



**Gozo Tourism Association – Laqgħa Ġenerali, 28 ta' Jannar 2010**

*ikompli l-messaġġ ta'* **PAUL SCICLUNA**, Chairman G.T.A.

*(jaqbad mal-ħarġa ta' Frar)*

**Sadanittant, imnalla kien is-suq domestiku li qed jgħinna ntaffu xi ftit din il-problema ta' nuqqas ta' turisti barranin. Għalhekk dawk li qed jiġu, irridu nieħdu ħsiebhom u mhux nabbużaw minnhom. Niddejjaq naqra u nisma' programmi fuq ir-Radju u t-televiżjoni fejn Maltin jistqarru li ġew iċċarġjati xi ħames ewro ta' flixkun ilma, li hawn tliet tipi ta' menus u prezzijiet differenti fir-Restoranti, li niċċarġjaw għoli u ħwejjeġ oħra li m'għandhomx ikunu. Jien nemmen li jekk hawn dawn l-abbuzi mhux qed isiru mill-membri tal-G.T.A. Nappella biex lill-klijent, ikun min ikun, nagħtuh valur ta' li jħallas u mhux nabbużaw minnu, anzi rridu nagħmluhielu aktar faċli ħalli jżurna aktar frekwenti.**

Sa ftit xhur ilu kien jiġi ppubblikat kull xahar il-*magazine Let's Gozo* li jitqassam Malta u jsir reklamar dwar Għawdex fuq l-istazzjon televiżiv nazzjonali. Dawn kienu jsiru bis-saħħa ta' fondi pprovduti lil GTA mill-*Gozo Channel* u l-Ministeru għal Għawdex. Hu ta' diżappunt li l-*Gozo Channel* għal raġunijiet li jafuhom huma, kkanċellat l-ftehim ta' bejnietna, b'konsegwenza li dawn iż-żewġ inizjattivi kellhom jieqfu.




Intant, waqt laqgħa li saret fil-bidu ta' Diċembru li għadda, il-Ministru Giovanna Debono wegħditna li ser tgħinna nkomplu bil-pubblikazzjoni tal-*magazine* u r-reklami fuq it-televiżjoni. Importanti li dawn l-inizjattivi jitwettqu immedjatament għax bħalissa għandna bżonn ix-xogħol u għalina s-suq domestiku hu indispensabbli f'dawn ix-xhur tax-xitwa. Jekk mhux ser jitħarrku l-affarijiet issa, tgħaddi x-xitwa u kulħadd joqgħod jeqred x'xitwa ħażina għaddejna.

### *Web Portal*

Hawn irrid nieħu spunt u nsemmi l-inizjattiva li ħadet il-GTA matul ix-xhur li għaddew bil-mezzi limitati li għandna u hawn qed nirreferi għall-proġett ta' '*Web Portal*' ġdid. Permezz ta' dan il-*Web Portal*, l-istabbilimenti u l-intrapriżi tagħna kollettivament qed jiġu f'kuntatt direttament ma' miljuni ta' turisti madwar id-dinja.

L-għan prinċipali ta' dan il-*Web Portal* hu li l-membri tagħna jingħaqdu u mmorru nbiegħu lil pajjiżna magħqudin flimkien bħala destinazzjoni waħda. Għalhekk hemm bżonn nemmnu u nissapportjaw dan il-proġett għax il-futur tagħna jiddependi prinċipalment minn kemm ser jirnexxielna naħdmu u ningħaqdu ma' xulxin.

Bħalissa dan il-*Web Portal* jikkonsisti f'informazzjoni u aħbarijiet dwar Għawdex kif ukoll diskrezzjoni dettaljata tan-niċeċ turistiċi, l-istorja, l-folklor, id-drawwiet, l-ikel tradizzjonali, l-attivitajiet kurrenti u ritratti spettakalori. Qed isir reklamar sabiex dan il-*Web Portal* jiġi stabbilit u jieħu pożizzjoni prominenti fil-paġni ta' l-*internet.*

It-tieni u l-aktar fażi importanti, ser ikun il-*linking* tal-lukandi u l-istabbilimenti tagħna fejn ukoll ikunu jistgħu jieħdu *bookings* u jitħallsu direttament mingħand klijenti prospettivi. **Din hi sfida għalina u nemmen li għandha tirnexxi. Iżda s-suċċess ta' dan jiddependi minna lkoll. Jekk aħna se nkunu kapaċi naħdmu flimkien, biex inbiegħu s-servizzi u l-pajjiżna direttament mingħajr id-dipendenza ta' l-operaturi barranin, it-turiżmu lejn**



**pajjiżna għandu jieħu żvolta differenti. Jien nemmen u fiduċjuż li dan hu l-futur tagħna.**

*Il-prodott Għawdxi*

Aktar qabel elenkajt dwar il-kompetittività ma' swieq oħra fir-reġjun tal-Mediterran li bħalna wkoll qed jaħdmu bis-sħiħ biex iħajru lejhom it-turisti. Pajjiżi li bħalna wkoll joffru xemx u baħar kaħlani, prodott kulturali u storiku marbut ma' eluf ta' snin. Joffru divertiment, rilass u servizz ta' l-aħjar kwalità. Irridu naħdmu b'ħeġġa biex nikkompetu magħhom u dana m'aħniex nagħmluh biżejjed, avolja għandna siti uniċi u x'noffru aktar minnhom.

Il-G.T.A. ser tagħmel diskussjoni dwar il-prodott Għawdxi mar-rappreżentant tal-Ministeru għal Għawdex u s-Sindki ta' żoni turistiċi. **Flimkien irridu nistħarrġu għaliex għadna ma sibniex tarf u x'ħa nagħmlu, mingħajr ħafna ħela ta' żmien sabiex intejbu l-ambjent, il-bajjiet, it-tniġġis ta' l-arja, il-kwalità tat-toroq, neqirdu l-istorbju eżaġerat u dħaħen minn vetturi u dak kollu li jolqot ħażin il-prodott. Hu tal-mistħija li għadna nsibu oġġetti wżati mormija fil-kampanja bħal *appliances* qodma, saqqijiet, rimi tal-kostruzzjoni u mbarazz ieħor.**

**Naħseb li liġijiet hawn biżżejjed biex jittrażżnu l-abbużi, iżda l-infurzar mhux daqstant effettiv. Hemm ħtieġa urġenti u determinazzjoni akbar mill-awtoritajiet, Kunsill Lokali u l-għaqdiet li jirrappreżentaw lis-soċjetà ċivili biex kwalunkwe abbuż jinqata'. Inutli nonfqu eluf ta' flus biex nirreklamaw lil pajjiżna, mbagħad meta jiġi turist joħroġ diżappuntat. Bħal ma diġà għedt, it-turist għandu għażla kbira minn fejn jagħżel u ħadd mhu ser jiġi hawn biex jagħmlilna xi pjaċir.**

Kumplimentari għall-prodott turistiku, irrid naqsam magħkom xi ħsibijiet dwar l-inizjattiva pożittiva li l-gvern beda jaħdem biex jagħmel lil Għawdex gżira Ekoloġika. Dan hu proġett li nemmnu fih u għalhekk konna minn ta' quddiem li ressaqna l-proposti tagħna. Minn dan, is-settur tat-turiżmu u l-pajjiż kollu għandu jgawdi. Smajna riċentement li bdiet kampanja fl-iskejjel dwar dan is-suġġett, u din hi importanti ħafna biex miċ-ċokon irid jitnissel sens ċiviku li kull ċittadin għandu josserva l-liġijiet u jirrispetta l-ambjent fejn irid jgħix.

Minn dan li għadni kif spjegajt malajr tindunaw kemm xogħol u inizjattivi dħalna għalihom biex lis-settur tat-turiżmu intellgħuh skalluna 'l fuq. Xejn mhu faċli u tagħmel kemm tagħmel, xorta waħda ssib uħud li jeqirdu u jgergru li l-GTA ma tagħmel xejn. Dan l-ilment jekk hux ġustifikat jew le inħallieh għalikom. Jien nistqarr, li kien jiddependi totalment minna, l-affarijiet jimxu ferm malajr u aħjar. Niftakru li aħna m'aħniex awtorità u niddependu għal kollox minn ħaddieħor.

Nagħmel appell ta' l-aħħar lill-awtoritajiet biex il-proġetti, l-azzjonijiet u d-deċiżjonijiet meħtieġa, għandhom jittieħdu fl-iqsar żmien possibbli. Il-kompetizzjoni ma' destinazzjonijiet oħra hi qawwija u turist li jiġi pajjiżna u ma joħroġx kuntent mhux ser nerġgħu narawh b'għajnejna.

Intant, hemm ukoll bżonn ta' impenn u sostenn akbar, ħalli anke l-GTA tkun kapaċi tifrex il-ħidmiet u tagħti kontribut aktar qawwi. Ma jistax ikun li assoċjazzjoni tiddependi mill-miżati tal-membri iżda hemm il-ħtieġa ta' aktar kooperazzjoni mis-settur privat, finanzjarju u governattiv.

Irrodd ħajr lill-amministrazzjoni, l-uffiċjali u membri tal-kunsill li volontarjament jiddedikaw il-ħin u r-riżorsi biex immexxu s-settur tagħna 'l quddiem. Kien ikun aktar faċli li dan il-ħin iddedikajnieh għall-familja jew il-*business* tagħna u nagħmlu bħal ħaddieħor, noqgħodu gallarija u ma nagħmlu xejn. Nagħmlu kuraġġ, għax għalkemm bħalissa għaddej minn fuqna sħab iswed, dan jgħaddi u għada jisbaħ bnazzi mill-ġdid.

Kultura Kristjana (2)

# Statwi artistiċi ta' Kristu Mislub

## - storja, kummenti, għajdut -



kitba ta' JOE CAMILLERI

**Fl-arti sagra, il-figura ta' Kristu hija spiss waħda ċentrali, iktar u iktar f'dawk l-opri mnebbħa mill-passjoni u l-mewt ta' l-Imgħallem Divin. Minkejja ċ-ċokon tagħna, f'Għawdex insibu wkoll xogħlijiet ta' arti viżiva li jirrappreżentaw stazzjonijiet mill-passjoni. Ser inħares biss lejn ix-xbieha ta' Kristu Mislub, ittrattata b'mod tridimensjonali, imnaqqxa jew immodellata. Kif mistenni, fil-knejjes tagħna ssib bosta kurċifissi, uħud qodma, oħrajn ġodda, uħud ta' livell provinċjali, oħrajn artistiċi jew marbuta sħiħ mal-ħajja soċjo-kulturali tal-poplu tagħna. Għażilt li nifli ħamsa minnhom, l-iktar għal raġunijiet ta' varjazzjoni. Hemm opri oħra li jixirqilhom għarfien, għax huma prodott artistiku.**

Fil-Vanġelu ta' San Mattew naqraw li *"ma' s-sitt siegħa waqgħet dalma fuq l-art kollha sad-disa' siegħa. Madwar id-disa' siegħa għajjat Ġesu' b'leħen qawwi u qal: "Eli, Eli, lema sabaqtani?" jiġifieri: "Alla tiegħi, Alla tiegħi, il-għala tlaqtni?" Xi wħud milli kienu hemm, malli semgħu dan, qalu: "Qiegħed isejjaħ 'l Elija dan." U malajr ġera wieħed minnhom li qabad sponża mimlija ħall, daħħalha f'qasba u tah jixrob. U l-oħrajn qalu: "Ħa narawjiġix Elija biex jeħilsu". U reġa' Ġesù għajjat b'leħen qawwi u radd ruħu.*

Din is-silta turina l-aħħar waqtiet fil-passjoni ta' Kristu. Huma sewwa sew dawn il-waqtiet ta' tbatija u niket, iżda wkoll waqtiet ta' mħabba Divina li jippruvaw joħorġu l-iskulturi u l-istatwarji meta juru lil Kristu agonizzant jew mejjet fuq is-salib.



*Il-Kurċifiss tal-Kapuċċini*

**Kurċifiss li dejjem kellu marbut miegħu kult ta' devozzjoni jinsab fuq it-tielet altar in-naħa tax-xellug fil-knisja tal-Patrijiet Kapuċċini, iddedikata lill-Madonna tal-Grazzja. Dan il-Kurċifiss huwa magħruf bħala *ta' De Soldanis* għax jingħad li kien ingħata lill-patrijiet mill-istudjuż u storjografu Għawdxi, il-Kanonku Gian Piet Agius De Soldanis. Ġie li jiġri li tul is-snin, il-poplu jsawwar tradizzjonijiet u stejjer ma' ċerti opri ta' l-arti li jkunu jgawdu popolarità jew devozzjoni. Dan il-kurċifiss tal-Kapuċċini għandu wkoll rakkont marbut miegħu.** Ix-xjuħ tagħna kienu jgħidu li nħadem f'Messina fis-seklu 17 għal wieħed għani. F'xi żmien, lil dan is-sid qabditlu daru. Tilef kollox għajr dan il-kurċifiss li b'mod jew ieħor, sab postu fuq skuna fil-port ta' Sirakuża. L-ekwipaġġ irrikorra għall-għajnuna tal-Mulej meta nqabdu f'maltempata qalila. Għamlu wegħda li jekk jeħilsu b'wiċċ il-ġid, iħallu dan il-kurċifiss bħala għotja votiva fl-ewwel art li jaqbdu. Ir-rakkont ikompli jgħidilna li rregalawh lill-knisja tal-Vitorja, fil-Belt Valletta. Iktar tard ingħata lill-Kanonku Agius DeSoldanis li kien ukoll Bibljotekarju u li min-naħa tiegħu tah lill-patrijiet kapuċċini biex ikun espost fil-knisja tagħhom.

Kurċifiss ieħor li għandu rabta wkoll ma' De Soldanis jinsab fil-parroċċa tax-Xewkija, ddedikata lil San Ġwann Battista. Fil-knisja l-qadima, wieħed mill-altari tal-ġenb kien iddedikat lis-Santissimu Kurċifiss. Il-poplu kellu devozzjoni kbira lejn din ix-xbieha ta' Kristu Msallab li kienet tinsab fuq dan l-altar. Fil-Ġimgħa l-Kbira, dan il-Kurċifiss kien imbagħad jitqiegħed fuq l-altar maġġur għall-qima tan-nies.

Huwa kurċifiss sabiħ maħdum mill-karta pesta. Minkejja t-tiftix estensiv li sar fuq il-parroċċa tax-Xewkija mill- Patri Agostinjan Serafin Borg, ma nstabx l-isem ta' l-awtur ta' dan il-kurċifiss. Id-dedikata ta' l-altar kienet diġà teżisti fis-seklu tmintax. Fil-fatt, fit-3 ta' Diċembru 1739, il-Kanonku De Soldanis kien irregala relikwa b'biċċa mis-salib ta' Kristu lill-Kappillan Dun Pietru Aquilina. Minn hemm bdiet ir-rabta ta' l-istorjografu Għawdxi ma' dan l-altar tal-Kurċifiss. Patri Serafin jgħarrafna kif b'digriet tat-13 ta' Ġunju, 1830, dan l-altar tal-kurċifiss kien ġie pprivileġġat mill-Papa Piju IX. B'xorti ħażina, il-knisja l-qadima — ġawhra ta' l-arti — nħattet biex tagħmel wisa' għall-ġdida. Il-kurċifiss tqiegħed fil-mużew li hemm mal-knisja.



*Il-Kurċifiss ta' San Ġorġ*

**Xbieha oħra ta' Kristu Msallab li tqanqal devozzjoni fil-poplu Għawdxi tinsab fil-Bażilika ta' San Ġorġ, fir-Rabat. Sa ftit ilu kienet it-titular ta' wieħed mill-altari, dak tal-kappellun magħruf bħala tal-Kurċifiss. Tnaqqxet fl-injam fl-1848 mill-iskultur Pietru Pawl Azzopardi, wieħed mill-iskulturi ewlenin Maltin tas-seklu 19. Azzopardi twieled fil-Belt Valletta fl-20 t'April, 1791 u miet fl-24 t'Ottubru, 1875.** Barra din ix-xbieha tal-kurċifiss għal Għawdex, Azzopardi naqqax ukoll l-istatwa titulari ta' San Ġorġ u dik ta' San Ġwann Battista fix-Xewkija. L-istatwi ta' San Makarju u Santa Elena fl-oratorju tal-knisja konventwali ta' San Franġisk huma wkoll xogħol Azzopardi.

**Meta naqqax dan il-kurċifiss, Azzopardi kien fl-aqwa fażi tal-karriera artistika tiegħu. Għalhekk din l-istatwa turi xogħol matur. Hija kapulavur spiritwali li jolqtok bis-sottomissjoni dinjituża tal-Ħaruf t'Alla msallab għalina. Azzopardi jippreżenta lil Kristu agonizzant fl-aħħar waqtiet qabel għalaq għajnejh. Għal darba oħra, l-artist naqqax figura b'karatteristiċi neo-klassiċi, b'anatomija perfetta u b'emozzjoni mrażżna. Hi figura umli fil-kobor tagħha, li tmissna fil-fond ta' ruħna, li tolqotna bid-dinjità u tkellimna bis-skiet tagħha.**

Dwar dan il-Kurċifiss insibu bosta tagħrifiet dokumentati. Kien sar b'inizjattiva ta' Francesco Schembri flimkien ma' ħutu. Schembri kellu ħanut ta' l-inbid fi Triq il-Providenza, ir-Rabat, u kien ġabar il-flus biex setgħet tingħata l-kummissjoni lill-iskultur Azzopardi. Kien il-padrun Francesco Schembri nnifsu li ġarr l-istatwa minn Malta fuq id-dgħajsa tiegħu tal-Latini li kellha n-Numru G3. Il-Kurċifiss tqiegħed fin-niċċa fil-kappellun u beda jinħareġ darba fis-sena fil-purċissjoni tal-Ġimgħa l-Kbira.

F'Novembru, 1996, ix-xbieha tal-Kurċifiss sarilha restawr minn Francesco Buonanno u Antonio Palmieri tad-Ditta Naplitana *Autieri Cinzia*, immexxija mid-Direttur Aurelio Talpa. Tul is-snin, l-istatwa kienet ġarrbet ħsarat, l-iktar minħabba xi intervent infeliċi li kien sar fuqha f'xi żmien, kif ukoll minħabba xpakkaturi fl-injam. Dawn ix-xquq kienu kkaġunati mill-fatt li l-Kurċifiss hu magħmul minn iktar minn biċċa waħda, kif ukoll minn bdil f'daqqa fil-livelli tat-temperatura u l-umdità u l-iskossi x'ħin jinħareġ fil-purċissjoni.

Il-kurċifiss reġa' tqiegħed għall-qima tan-nies li titlob quddiemu, l-iktar tul ir-Randan u b'mod speċjali fil-Ġimgħa Mqaddsa.

*Sawtuh,*
*ġerrħuh,*
*sallbuh,*
*daħħlulu l-imsiemer*
*f'dirgħajh, saqajh,*
*tax-xewk kuruna*
*daħħlulu f'rasu,*
*qalbu nifdulu*
*bil-lanza.....*

Hekk tiftaħ il-poeżija *Ir-Raqda tal-Mewt* tal-poeta Għawdxi Anton Buttigieg. Il-poeta jistqarr li din il-poeżija kienet imnebbħa wkoll mill-**Kurċifiss li kien ħallas u rregala lill-parroċċa tal-Qala, ir-raħal fejn twieled u qatta' tfulitu. Huwa Kurċifiss kbir li jifforma ċ-ċentru tat-titular ta' wieħed mill-altari tal-knisja ddedikata lil San Ġużepp.**

Il-Kurċifiss tnaqqax fl-injam fil-fabbrika ta' arti sagra, *Ferdinando Stuflesser* ta' Osistei, fil-Provinċja ta' Bolzano, fl-Italja. Kien qam 80 lira sterlina. Il-korp hu skolpit minn zokk wieħed waqt li d-dirgħajn huma separati. **Huwa l-uniku kurċifiss titulari mdaqqas f'Għawdex li tħalla fl-istat naturali kif ħareġ mill-formaturi mingħajr ma nżebagħ.** It-telqa għajjiena ta' Kristu u l-patina skura tiegħu donnhom ifakkruna fil-waqtiet mudlama li kienu jsewdu qalb il-poeta. Fil-fatt, **Buttigieg irregala dan il-Kurċifiss fl-1948, is-sena li fiha l-mewt ħasdet lil martu fl-età ta' 29 sena u li nebbħitu jikteb uħud mill-isbaħ eleġiji fl-ilsien Malti. Jingħad li l-poeta kien ta dan il-kurċifiss b'talba ħerqana**



*Il-Kurċifiss tal-Qala ta' Anton Buttigieg*

**u wegħda għall-fejqan ta' martu Carmen, imwielda Bezzina.**

**Kurċifiss ieħor sabiħ li sar bi twettiq ta' wegħda hu t-titular ta' wieħed mill-altari fil-parroċċa tal-Għasri. Hu magħruf bħala l-Kurċifiss tad-Depożizzjoni billi din hija xbieha mekkanika. Id-dirgħajn fihom iċ-ċappetti u jistgħu jinżlu.** Fil-fatt, fl-imgħoddi, wara l-priedka tat-tliet sigħat li ssir fil-Ġimgħa l-Kbira, kienu jinqalgħu l-imsiemer tal-kurċifiss u l-korp jitniżżel minn fuq is-salib b'tifkira ta' kif kien tniżżel Ġesù minn Ġużeppi D'Arematea u Nikodemu. Wara purċissjoni, il-korp bid-dirgħajn mitluqa f'għamla ta' bniedem mejjet, kien jitqiegħed fuq it-taraġ tal-maġġur għall-qima tan-nies. F'dawn l-aħħar snin, id-drawwa tal-purċissjoni reġgħet tqajmet min-nisi.

**Dan il-Kurċifiss inħadem mill-kartapesta fl-1917 mill-iskultur u statwarju Għawdxi Wistin Camilleri. Kien sewa mal-15-il lira u huwa l-ewwel wieħed ta' dan id-daqs li ħadem Camilleri. L-artist kien iqis dan il-Kurċifiss bħala biċċa xogħol li rnexxiet u li tatu sodisfazzjon kbir. Lil Wistin Camilleri nħobb insejjaħlu *l-artist tal-kurċifissi* minħabba l-għadd kbir ta' xbihat ta' Kristu Msallab li ħadem. Il-Kurċifiss tal-Għasri, bħall-kurċifissi l-oħra ta' Wistin, iqanqal ħniena u devozzjoni għax is-sempliċità dinjituża tiegħu tressaq quddiemna l-misterjożità ta' l-Imħabba Divina ssagrifikata għalina.**

Għidna li dan il-kurċifiss kien sar b'wegħda. Fir-rivista *Il-Korpus*, Toni Calleja ppubblika wkoll dan ir-rakkont li



*Il-Kurċifiss tal-Għasri*

ġej u li ġabar minn fomm nies mir-raħal. Marija Mizzi, xebba ta' 39 sena qalgħet daqqa ta' qarn ta' baqra. Għamlet wegħda li jekk tfiq mill-ġerħa li ġarrbet, tirregala kurċifiss lill-knisja l-ġdida tal-Għasri. Ma laħqitx wettqet il-wegħda għax ftit wara tilfet ħajjitha f'inċident ikrah. Waqt li kienet ittella' l-ilma mill-bir, inqalgħet it-tarjola, laqtitha fuq rasha, stordietha u l-imsejkna waqgħet fil-bir fejn għerqet. Jingħad li ġrat xi ħaġa stramba li ġiegħlet lill-Viċendarju tal-Għasri, Dun Karm Caruana, biex javviċina lill-qraba tal-mejta Marija u jitlobhom iwettqu l-wegħda li kienet għamlet oħthom. Hekk, il-Kurċifiss tad-Depożizzjoni tlesta u tqiegħed fil-knisja.

**Il-qlub muġugħa u mnikkta, għadhom jogħlew 'il fuq u jgħaqqdu t-tbatija tagħhom ma' dik ta' Kristu mislub. Huma jafu li hu biss isawwab is-serħ, li hu biss idewwi l-ġrieħi tal-weġgħa. Għax hu biss il-faraġ, hu biss imħabba, hu biss miet għalina l-eħrex mewt fuq salib, għax hu biss it-tama tal-qawmien tagħna wkoll.**





57, MAIN GATE STREET, VICTORIA, GOZO.

Prop.: Mario P. Grech F.A.D.O. (Lond.).

*Appointments for*
*EYE TESTING / EXAMINATION*
*by the Latest Computer Technology*
*and Eye Specialists*

Telephone: 55 65 28 / 56 33 31

APPREZZAMENT

# Kan. Ġwann Scicluna

21-03-1931 - 12-02-2010



Il-Mulej għoġbu jżur mill-ġdid l-għalqa tal-ħsad tiegħu fil-gżira tagħna u jiġbor minnha ħaddiem għaqli u bieżel, li qatta' ħafna mill-ministeru saċerdotali tiegħu jħabbeb mill-ġdid lill-bnedmin ma' Alla: il-Kan. Ġwann Scicluna. Wara jiem ta' kura fl-Isptar Ġenerali ta' Għawdex, Dun Ġwann ħalla d-dinja nhar il-Ġimgħa 12 ta' Frar 2010, fil-għodu, fl-età ta' 78 sena.

Twieled f'familja ta' għaxra, nhar il-21 ta' Marzu 1931, iben Anton u Maria Carmela Grech, u ġie mgħammed fil-knisja protoparrokkjali ta' San Ġorġ. Wara li rċieva l-ewwel edukazzjoni fl-iskejjel tar-Rabat, Ġwanni daħal is-Seminarju ta' l-Isqof fejn beda jitħejja għas-saċerdozju. Fost il-qraba tiegħu diġà kellu l-eżempju ta' l-aħwa Mons. Ġużeppi Cefai, għal xi żmien rettur tas-santwarju Ta' Pinu u konfessur ta' Karmni Grima, u Mons. Ġorġ, dekan tal-kapitlu katidrali; barra minn hekk, il-kuġin ta' missieru kien Patri Akkursju Xerri OFM, predikatur għaref u awtur ta' bosta kitbiet, li, fost l-oħrajn, waqqaf u kien l-ewwel editur tal-ġurnal *Għawdex*. Għalhekk kellhom passi tajbin fuqiex jimxu Ġwanni u ħutu... fil-fatt, minnhom, waħda daħlet soru mal-Franġiskani tal-Qalb ta' Ġesù u ieħor patri ma' l-aħwa Franġiskani Minuri. Ix-xitla ta' vokazzjonijiet saċerdotali mill-istess familja 'l quddiem kompliet tisbieħ bin-neputi ta' Dun Ġwann, Mons. Salv Borg (1944-2007), it-tieni arċipriet tal-kolleġġjata Ġorġjana.

Fil-15 ta' April 1956 Dun Ġwann irċieva l-ordinazzjoni presbiterali minn idejn l-isqof ta' Għawdex Mons. Ġużeppi Pace, u mbagħad fid-29 ta' l-istess xahar iċċelebra l-ewwel quddiesa sollenni tiegħu fil-knisja parrokkjali ta' San Ġorġ. Ma setax jonqos li l-paniġierku jagħmilulu z-"ziju" Patri Akkursju! Sa minn wara l-ordinazzjoni tiegħu Dun Ġwann beda jservi bħala kappillan tas-Sorijiet tal-Karità, li dak iż-żmien kellhom f'idejhom il-Konservatorju ta' l-Isqof fir-Rabat, bi skola miegħu għall-bniet iltiema. Fl-istess żmien hu beda jgħallem ir-Reliġjon u t-Taljan fis-Seminarju Minuri ta' Għawdex, u iktar tard fl-iskola sekondarja tal-bniet immexxija mill-Istat, illum *Agius de Soldanis*. Kien ukoll assistent ekkleżjastiku fl-Azzjoni Kattolika.

Fl-omelija tiegħu waqt il-funeral sollenni ta' Dun Ġwann, li sar fil-bażilika ta' San Ġorġ nhar is-Sibt 13 ta' Frar 2010, l-isqof ta' Għawdex Mons. Mario Grech fakkar lil dan is-saċerdot "bħala konfessur illi ta ħafna mill-ħin tiegħu, f'diversi ċirkostanzi u postijiet, bħala wieħed illi jirrikonċilja lill-bniedem ma' Alla". Fil-fatt, il-Kan. Ġwann Scicluna dan id-dmir tiegħu ta' saċerdot qdieh sew, "f'ħinu u barra minn ħinu", għax dejjem kont issibu disponibbli, għal ħinijiet twal, biex iqarar lill-penitenti. Dan mhux biss kien jagħmlu mill-konfessjonarju tiegħu fil-bażilika ta' San Ġorġ, fejn kull fil-għodu kont tilmaħ serbut ta' nies jistennew biex iqerru għandu, imma wkoll f'bosta parroċċi u knejjes Għawdxin fejn kien joffri s-servizz tiegħu.

Spiss kont inkun San Ġorġ u jiġu n-nies jistaqsuni għal Dun Ġwann, biex iqerru għandu! Kellu tbissima umli li tiġbed lil dak li jkun biex jiftaħ qalbu għall-imħabba ta' Alla; irrid nemmen li hu kien konxju li Alla ried juża l-ħlewwa ta' kliemu biex jiġbed għal għandu tant midinba niedma. Anki meta riġlejh u l-vista ma baqgħux jagħtuh daqs qabel, il-kuraġġ qatt ma naqsu, u, spiss bi tbatija, kont tilmħu jmidd bil-mod pass wara l-ieħor lejn is-sagristija ta' San Ġorġ biex jgħin fil-Qrar. X'xempju, dan, ta' ġenerożità kbira... fi żmien meta donnu l-Qrar m'għadux stmat daqs qabel, la mis-saċerdoti u lanqas mill-komunitajiet tagħna!

Aħna u niftakru fih fit-talb tagħna, insellmu b'għożża lil dan il-"Kurat ta' Ars" ta' Għawdex tagħna, li issa mar igawdi lill-Konfessur il-Kbir fis-Sema.

***Francesco Pio Attard***

***Nota tal-Editur: Ir-Ritratt fil-Qoxra***

*B'tislima u b'apprezzament lejn "Dun Ġwann" qed nippubblikaw ukoll ritratt uniku tiegħu qed iqarar, biex jibqa' mfakkar bħala konfessur mill-aktar żelanti fid-Djoċesi ta' Għawdex. Ir-ritratt instab fl-Arkivju Fotografiku tal-Lumen Christi Media Centre.*

Passiġġata Biblika - 53

# "Ir-Raġel Ġust ta' Marija" San Ġużepp fil-kitba Apokrifa

minn Fr. Charles Buttigieg

**Il-figura dominanti ta' San Ġużepp fl-arti sagra, bħal fl-istatwi u fil-pittura, bħal per eżempju mmaġni taż-żwieġ ta' Ġużeppi ma' Marija, ix-xeni tat-twelid ta' Ġesù fl-għar ta' Betlehem, il-ħajja tal-Familja Mqaddsa f'Nazaret u tal-mewt ta' San Ġużepp imdawwar b'Ġesù u Marija; hija ġeneralment dik ta' raġel matur fi żmien u b'bastun f'idu mfawwar bil-ward tal-ġilju.**

Ovvjament l-ewwel fonti awtentiċi jibqgħu dejjem il-vanġeli rigward il-persuna ta' San Ġużepp li huwa deskritt bħala r-raġel ġust u kastissmu ta' Marija u missier putattiv ta' Ġesù. Fil-vanġeli ma niltaqgħux ma' San Ġużepp bħala raġel xiħ, anzi huwa ppreżentat bħala raġel b'sengħa ta' mastrudaxxa, kap tal-familja u lest li jagħmel vjaġġi twal għall-familja. Aktarx li forsi kellu madwar 25 sena u Marija kella dawk il-15 sena, u għalhekk forsi kien ikbar minn Marija dawk l-għaxar snin jew ftit iktar. Hekk ukoll iħares lejh bħala raġel żagħżugħ, Massimu ta' Turin fil-5 seklu W.K., kif ukoll fl-ikonografija fil-knejjes orjentali u hekk ukoll iddeskrivih il-Papa Pawlu VI fil-Festa ta' San Ġużepp fl-1975.

Il-figura ta' San Ġużepp bħala raġel xiħ u mdaħħal fi żmien għalhekk insibuha fl-apokrifi (il-kelma Griega '*apokrypha*' tfisser 'moħbija'), kitbiet li ma ġewx meqjusin bħala ispirati minħabba d-dettalji sekondarji li fihom u għalhekk ma ġewx inklużi fil-lista tal-kotba ispirati tal-bibbja jiġifieri fil-kanoni. Fihom anke xi eżaġerazzjonijiet żejda u għalhekk ġew moħbijin u npoġġija għal ġenb għax kellhom kontenut dubjuż, però żgur li ħallew l-influwenzi tagħhom fid-devozzjoni populari. Kienu jservu fuq kollox bħala romanzi jew stejjer u għalhekk mhux dejjem ta' min jorbot fuqhom.



Fost din il-kitba apokrifa nsibu 'il-Protovanġelu ta' Ġakbu' jew aħjar kif kien magħruf qabel 'it-Twelid ta' Marija skont Ġakbu' jew 'il-Vanġelu tat-Twelid ta' Marija'. Dan aktarx inkiteb madwar il-150/200 W.K. bil-għan li jkabbar il-glorja ta' Marija u jiddefendi l-Verġinità tagħha. Dan ix-xogħol hu attribwit lil Ġakbu l-appostlu li kien jiġi minn Ġesù, aktarx xi kuġin u mhux ħuh bħalma jipprova jispjega dan il-ktieb, għaliex jgħid li San Ġużepp kien miżżewweġ qabel u safa' armel bit-tfal u għalhekk jipprova jfisser b'dan il-mod il-frażi tal-'aħwa ta' Ġesù' fil-vanġeli u biex isalva fuq kollox il-verġinità ta' Marija. Aħna ngħidu li dawn l-'aħwa ta' Ġesù kienu kuġini tiegħu billi bl-Ebrajk il-kelma 'aħwa' għandha tifsira iktar wiesgħa minn kif nifhmuha aħna u tfisser ġeneralment 'dawk li jiġu minnek mid-demm' bħalma huma l-kuġini jew qraba oħra. Ikompli jgħid dan il-ktieb ukoll, li meta kienet ser issir l-għażla tal-għarus għax-xbejba Marija, San Ġużepp kien quddiem il-qassis il-kbir bl-isem ta' Żakkarija u ġara li ħamiema bdiet iddur fuq San Ġużepp li kien imdaħħal sew fiż-żmien biex tindika li kien huwa r-raġel magħżul għal Marija.

Insibu kitbiet apokrifa oħra fosthom 'il-Vanġelu tal-Psewdo-Mattew' (7-8 seklu W.K.) li fih xi leġġendi dwar meta San Ġużepp kien fl-Eġittu bil-familja tiegħu. Insibu apokrifi oħra bħal: 'il-Vanġelu Sirjak u Għarbi tal-Infanzja' (tas-6-7 seklu W.K.), 'il-Vanġelu Armen tal-Infanzja' u 'il-*Liber de Infantia Salvatoris*'. Insib ukoll 'l-Istorja tal-Infanzja skont Tumas' li jirrakkonta ħafna mirakli tat-tfajjel Ġesù. Jirrakkonta ukoll kif San Ġużepp bħala mastrudaxxa kien jaħdem u jagħmel l-imrieħet tal-injam u għodod oħra għall-għelieqi.

Xogħol ieħor apokrifu huwa dak tal-'Istorja ta' Ġużeppi l-Mastrudaxxa' fejn jirrakkonta l-aħħar snin ta' San Ġużepp. Dan huwa xogħol Grieg tat-2 seklu W.K., fejn jgħid li San Ġużepp kellu iktar minn mitt sena meta miet u li miet madwar is-sena 18 jew 19 A.D, qabel ma Ġesù beda l-ħajja pubblika tiegħu madwar is-sena 30 A.D. Dan il-ktieb jagħti deskrizzjoni dettaljata tal-mewt ta' Ġużeppi



fejn ifisser il-paċi u l-konsolazzjoni li kellu fil-punt tal-mewt tiegħu mdawwar b'Ġesù u Marija. Nafu tajjeb li l-Ġudejo-Kristjani fil-Palestina kienu jikkommemoraw kull sena l-mewt ta' San Ġużepp fuq il-qabar tiegħu ġewwa Nazaret, sakemm imbagħad ġew imkeċċija minn Nazaret. Dan ix-xogħol kellu nfluwenza kbira fil-Knisja Kopta ta' Lixandra ġewwa l-Eġittu fejn teżisti festa li tfakkar meta miet San Ġużepp u li tiġi ċċelebrata fis-26 ta' Abib, li jiġi t-2 t'Awwissu tal-kalendarju tagħna.

Ovvjament dawn il-kitbiet apokrifi fihom ħafna tagħrif dwar San Ġużepp li ma nsibuhx fil-vanġeli però billi ma humiex meqjusin ispirati minn Ommna l-Knisja li hija dejjem immexxija mid-dawl tal-Ispirtu s-Santu, wieħed dejjem irid jgħarbel sew dak li jaqra fihom. Infatti San Irinew kien jikkonsidra dawn il-kitbiet kollha li semmejna bħala mimlija gideb u Tertuljanu kien jarahom bħala foloz. L-istejjer tagħhom huma dejjem fantastiċi u eżaġerati. Żgur li dawn il-kitbiet mhux ta' min joqgħod fuqhom imma jservu biss biex jissodisfaw il-kurżità. Infatti San Ġirolmu u diversi Missirijiet oħra tal-Knisja ċaħdu dawn il-kitbiet u l-istejjer marbuta ma' San Ġużepp li wieħed isib fihom.

Dawn l-apokrifi żgur mela huma kkontaminati minn leġġendi u romanzi li jtellfu l-kredibbiltà tagħhom. Minn naħa l-oħra, il-Vanġeli dejjem taħt l-influss tal-ispirazzjoni, jippreżentawlna figura ta' Ġużeppi iktar korretta, konkreta, ġusta, sempliċi, u fuq kollox żagħżugħa, bniedem li jaħdem, li jmidd għonqu għal kull sengħa, saħansitra li jaħdem l-injam iebes tal-Libanu bħala mastrudaxxa u li lest li jagħmel vjaġġi twal biex isalva l-familja tiegħu, għax din kienet il-missjoni fdata lilu minn Alla, li jieħu ħsieb lil Ġesù u lil Marija.

***Biblijografija***


**Canal, J.M.**, "Doctrina josefina de San Buenaventura. El matrimonio de María y José", in Estudios Josefinos 50 (1996) 25-32.

**Carrasco, J.A.**, "Influencia negativa de los apócrifos en la Josefología", in Estudios Josefinos 47 (1993) 29-45.

**Elliot, J.K.**, *The Apocryphal Jesus. Legends of the Early Church*, Oxford 1996.

**Lovato, U.**, *S. Giuseppe, un personaggio da riscoprire*, Torino 1991.

**Ortiz de Urbina, I.**, "San Giuseppe nella Patrologia siriaca", in Estudios Josefinos 25 (1971) 150-160.

**Solá i Carrio, F.**, "El matrimonio de San José según los apócrifos. Algunas desviaciones", in Estudios Josefinos 8 (1954) 231-254.

**Stramare, T.**, *San Giuseppe nella S. Scrittura, nella Teologia e nel Culto*, Roma 1983.





**SMUGGLER'S CAVE**
**BAR • RESTAURANT • PIZZERIA**
**Il-Menqa, Marsalforn, Gozo.**
**Tel: 21 551005 - 21 551983**
**Fax 21 559959**
Full A La Carte Menu, Fresh Fish,
Take Away & Pizza.
**HOME MADE PASTA IS OUR SPECIALITY**



**Esperti fis-servizzi tal-vjaġġar...**

JPE TravelServices LIMITED
A member of the KDM Group

- Ġiti...
- ***Cruises...***
- Titjiriet... anke tal-Low Cost
- ***Lukandi... u akkomodazzjoni oħra***
- Kiri tal-karozzi u ħafna servizzi oħra

Tel: Victoria Gozo: 21561212/3 Valletta: 21235772 or info@jpetravel.net

*Għawdex Qabel ir-Ritratti (23)* *minn* JOHN CREMONA

# *Xi ġralu s-Sultan?*

Għawdex huwa magħruf għall-ħajja relattivament kwieta tiegħu jekk ta' l-anqas mhux illum, żgur li madwar mitt sena ilu l-ħajja kienet kwieta ħafna u rari kienet tiġri xi ħaġa mhix tas-soltu.

Mhux hekk imma ġara fis-6 ta' Marzu 1898 meta l-popolazzjoni kollha ta' Malta u Għawdex sebħet titkellem dwar vapur navali Ingliż li nkalja fuq blata fuq il-kosta ta' Kemmuna u kien qed jegħreq.

Mhix ħaġa ta' kuljum jew ta' sikwit li Għawdex jissemma fl-istampa internazzjonali, imma sa ġimagħtejn wara l-inċident, l-istorja kienet qed tingħata prominenza f'żewġ ġurnali popolari Ingliżi; l-*Illustrated London News* u *The Graphic.*

Forsi tistaqsuni x'għandu x'jaqsam is-Sultan? **Sultan** mhu xejn ħlief l-isem tal-vapur mibni fl-Ingilterra fl-1870 u li ssemma għas-Sultan Abdulazziz, it-32 Sultan ta' l-Imperu Ottoman li kien għadu kif għamel żjara fl-Ingilterra. Ftit snin wara, il-vapur kien assenjat fil-Mediterran u allura fis-sena li qegħdin nitkellmu dwarha kien jinstab f'Malta.



THE LAST OF THE "SULTAN"—THE SHIP SINKING IN THE COMINO CHANNEL, BETWEEN GOZO AND MALTA

Imma ejja nħallu r-rakkont ta' l-istorja lil *The Graphic* tat-23 ta' Marzu 1889 '*Fis-7 ta' Marzu* (il-ġurnata kienet is-6 mhux is-7) *il-vapur Brittaniku Sultan inkalja fuq xi blat fix-xlokk ta'Kemmuna, gżira żgħira bejn Malta u Għawdex. Minkejja li ngħata attenzjoni mill-ewwel u minkejja l-isforzi għal kważi ġimgħa sħiħa ta' l-iskwadra tal-Mediterran li stinkaw biex iżommu l-vapur fil-wiċċ, l-isforzi kollha fallew. It-temp ħżien u matul grigalata fil-għodu tal-14 tax-xahar, il-vapur inqala' minn fuq il-blata mill-baħar qawwi u għereq.* Fl-istess ġurnata, l-*Illustrated London News* jiddedika paġna sħiħa bi tliet stampi kbar li juru mumenti differenti waqt ix-xogħol ta' salvataġġ inkluża mappa ta' fejn seħħ l-inċident u l-pożizzjoni tal-vapuri kollha li kienu qegħdin jieħdu sehem fl-operazzjoni tas-salvataġġ. Ta' min jgħid li kollox sar taħt il-kmand tal-*Commander-in-chief* tal-flotta tal-Mediterran li ma kien ħadd ħlief il-Prinċep Albert Duka ta' Edinburgh u t-tieni iben tar-Reġina Vittorja ta' l-Ingilterra.

Kemm iż-żewġ ġurnali li semmejna kif ukoll il-*London Times* u n-*New York Times* ippubblikaw diversi rapporti dwar l-inċident li baqgħu jidhru sa xhur wara u ttrattaw dwar diversi temi relatati ma' l-inċident, fosthom it-tentattivi biex il-vapur jittella' mill-ġdid fil-wiċċ kif ukoll, kif jiġri llum, jippruvaw jixħtu t-tort fuq xi ħadd.

Imma mhux il-gazzetti biss tkellmu dwar l-inċident. Fil-parlament Ingliż kien hemm dibattiti twal dwar l-inċident u dwar min seta' kellu t-tort. Dari bħal-lum ikun hemm min jipprova jieħu vantaġġ anki politiku minn kull sitwazzjoni u allura naraw membri tal-parlament jagħmlu diversi mistoqsijiet promettenti bil-għan li jħammġu lil ħadd ħlief il-Prinċep Albert innifsu.

Artikli oħra kienu jittrattaw dwar il-qorti marzjali tal-Kaptan tal-vapur Ernest Rice fl-Ingilterra u dwar ir-raġunijiet li wasslu għall-għarqa tal-vapur. Imma dwar dawn kollha nista' nikteb fit-tul drabi oħra u nġib stampi oħra relatati ma' l-inċident.

Għalkemm l-inċident seħħ fil-fliegu fuq il-kosta ta' Kemmuna u mhux f'Għawdex, madankollu Kemmuna hija għal kull raġuni kkunsidrata bħala parti minn Għawdex u għalhekk ħassejt li għandha tidħol f'din is-sensiela ta' artikli.

L-inċiżjoni li qed nippubblika hija meħuda minn *The Graphic* tat-30 ta' Marzu 1889 u dehret f'paġna 329. Il-proċess tal-produzzjoni tagħha bħala *woodcut* tkellimt dwaru f'artikli li dehru qabel. L-istampa turi l-aħħar mumenti tas-Sultan qabel għab taħt l-ilma kif ukoll il-vapuri tas-salvataġġ iħarsu mingħajr ma jistgħu jagħmlu xejn. Fuq ix-xellug fuq wara tidher il-kosta ta' Kemmuna.

L-istampa hija intitolata *'The last of the "Sultan"- The ship sinking in the Comino Channel, between Gozo and Malta'.* L-istampa għandha qisien ta' 150mm x 227mm.




# Il-prezz tal-karta

**Id-dokument numru mija u wieħed u tmenin li qegħdin nippubblikaw f'din is-sensiela ta' paġni mill-Arkivju Nazzjonali ta' Għawdex tikkonsisti fi ħlas magħmul mill-Università ta' Għawdex għax-xiri ta' karti għar-reġistri. Jinsab reġistrat fil-għaxar volum tal-*Acta* tal-*Universitas Gaudisii*, il-Gvern Reġjunali ta' Għawdex fi żmien il-Kavallieri ta' San Ġwann (1530–1798), manetta (1709–1710), folju 26r (NAG, UG, *Acta*, 10/1709–1710, f. 26r).**



Din hi t-traskrizzjoni tal-ħlas:

*A Damiano Vella, merciere, scudi uno e tarì quattro di moneta per quindici quinterni di carta per il libro delli deliberi di essa Università, lì 10 marzo 1710.*

Din hi nota qasira ta' ħlas ta' karti, iżda nota interessanti ħafna. Damjan Vella kellu ħanut tal-merċa, kelma li daħlet fil-Malti mill-Isqalli *mircia*, li tfisser kull xorta ta' ħwejjeġ maħsubin għall-bejgħ bl-ingrossa jew bl-imnut. Dan l-aħħar il-kelma kienet tintuża għal ħanut tal-groser li jbiegħ ħwejjeġ tal-ikel. Iżda dari tal-merċa kien ibiegħ mhux biss ikel, imma wkoll kull xorta ta' ħwejjeġ għall-bżonnijiet ta' kuljum fil-familji.

Damjan Vella mal-ħwejjeġ tal-ikel kien ibigħ ukoll il-karti. Tliet mitt sena ilu, in-nies qajla kienu jużaw karti. Tneħħi barra l-kappillani, xi qassisin, u n-nutara, ħadd ma kien ikellu bżonn ta' karti. In-nies la kienu jafu jaqraw u wisq inqas jiktbu. Jista' jkun li mill-ħanut tiegħu Damjan kien iforni l-karti lil Għawdex kollu.

Nhar il-10 ta' Marzu, 1710, tliet mitt sena ilu, l-Università xtrat mingħandu ħmistax-il kwintern ta' karti. Kwintern, mill-Isqalli wkoll, tfisser *cinque foglie di carta uniti*; jiġifieri ħames folji karta mitwija b'mod li jiffurmaw manetta jew faxxiklu. Kull folja miftuħa kellha l-qies ta' 295 x 425 millimetru. Kull folja mitwija kienet tifforma erba' paġni; għalhekk kwintern mitwi kien fih għaxar folji jew għoxrin paġna. Dawn il-kwinterni kellhom jintużaw għar-reġistru tad-deliberi jew tal-atti tal-istess Università.

Mill-karti li għadhom jeżistu nafu li kienu karti msejħa tar-Ross u dan għaliex kienu jkunu magħmula mir-ross.

Meta kien ikellhom manetti biżżejjed biex jagħmlu reġistru kienu jgħadduhom lil-legatur biex jillegahom, jiġifieri jorbothom f'reġistru. Il-legatur kien iqiegħed il-manetti mazz mazz fuq xulxin biex jiffurmaw ir-reġistru. Imbagħad kien jagħfashom f'daqqa f'morsa bis-sinsla tal-manetti, li jsejħulha d-dahar, maħruġa 'l barra. Kien jisserrahom f'diversi postijiet b'mod li kull manetta jkollha għadd ta' toqob.

Il-mazz manetti kienu jqegħduhom fuq tilar li f'ġenb minnhom ikollu gwarniċ b'kurdiċelli weqfin vertikali bid-dahar imiss magħhom. Il-legatur kien idaħħal l-imsella minn ġewwa ta' kull manetta u joħrogħa biex iddur mal-kurdiċella u terġa' tidħol minn toqba oħra. B'hekk il-manetti kollha kienu jkunu meħjuta mal-kurdiċella u lesti għall-kolla u l-legatura bil-kartun.

L-Università xtrat ħmistax-il kwintern u ħallset għalihom skut u erba' irbgħajja, li jiġu sittax-il irbigħi. Dan ifisser li kull kwintern kien iqum irbiegħi, ħabba, u żewġ dwiener li jiġu kważi żewġ Ewro ċenteżmi (€0.018). Ma kienx prezz irħis għal dak iż-żmien.

Ktibna fuq, li din in-nota qasira hija interessanti ħafna u dan għal żewġ raġunijiet. L-ewwel, 'l għaliex dan id-dokument jagħtina l-prezz eżatt ta' kemm kienet tinbiegħ il-karta Għawdex tliet mitt sena ilu; it-tieni, 'l għaliex dawn il-karti li nxtraw huma proprji l-karti li fuqhom inkitbu l-atti tal-Università u li minnhom qegħdin nieħdu it-tagħrif li nwasslulkom f'din ir-rubrika.

**XHIEDA NISRANIJA FL-ISTORJA TAL-KNISJA GĦAWDXIJA**

# *Manwel Sultana*

*(1907 - 1992)*



Manwel Sultana twieled fis-7 ta' April 1907 fix-Xagħra Għawdex. Wara li għamlu xi żmien joqogħdu x-Xagħra biddlu r-residenza tagħhom għan-Nadur, Għawdex.

It-tfulija tiegħu kienet waħda bħal dik tat-tfal ta' żmienu. Ġarrab l-għaks tal-ewwel gwerra dinjija li bdiet meta kellu seba' snin u spiċċat meta kellu għaxar snin. L-ambjent li fih trabba kien wieħed reliġjuż għall-aħħar.

Meta kiber ġie f'kuntatt mas-Soċjetà tad-Duttrina Nisranija magħrufa bħala l-Museum u ddeċieda li jservi lil Alla f'din is-sejħa partikulari. Kien fost l-ewwel grupp ta' Soċji li saru mill-Qasam tan-Nadur.

Kien jaħdem bħala skarpan jiġifieri jsewwi ż-żraben. Dan it-tip ta' xogħol kien jippermettilu li jisma' għal sigħat twal ir-rediffusion, li kien mezz ta' tagħlim. Hekk minkejja li ftit kien jaf jaqra kien kapaċi jżomm lilu nnifsu aġġornat. Kiber fl-età iżda moħħu kien miftuħ għal ideat ġodda.

Kien hu li insista mas-Superjuri tiegħu jiġifieri tas-Soċjetà tad-Duttrina Nisranija biex jieħdu biċċa art, li kienet prebenda tal-Arċipriet Mons. Mikiel Portelli. Din kienet tinsab fi sqaq mimlija kollha ħarrub u bajtar. Kien jinsisti li din kienet l-art ideali biex jinbena Museum ġdid. U meta beda x-xogħol kien imur iħares fuq il-lant tax-xogħol, ferħan li s-suġġeriment tiegħu ntlaqa'. U ż-żmien tah raġun.

Minkejja li ma kienx jgħallem it-tfal, Manweli kien jieħu dejjem gost b'dak li jsir fil-Museum. Fuq kollox kien assidwu għal-laqgħat tal-Assenjatur: Din hija siegħa tagħlim li jkollhom is-Soċji biex jaġġornaw ruħhom f'materji ta' teoloġija u spiritwalità. Tant kien konvint minn dan it-tagħlim li kien jirċievi, li baqa' jmur anki meta daħal fiż-żmien. Kien imur bil-mixi mid-dar tiegħu li ma kinitx 'il bogħod ħafna. Kien iżomm *torch* f'idu għal meta jinqata' d-dawl. Kien jinsisti mas-Superjuri tiegħu li jibagħtulu l-van biss meta tkun ix-xita.

Kien jirrimarka li l-fatt li jiġi l-Museum kuljum kien inessieh li huwa anzjan. Ta' min jinnota li Manweli kellu qalbu tad-deheb u kien dejjem lest li jissallab biex ikun ta' servizz għall-oħrajn. Il-ħena tiegħu kienet li jara li l-Museum kien ikun mimli tfal, jiċċajta magħhom.

Manweli kien bniedem spiritwali ħafna. Quddiesa mhux biss ma kienx ifalliha qatt iżda kien jipparteċipa fiha bħala l-ewwel ħaġa tal-ġurnata. Hekk il-jum tiegħu kien jibda f'laqgħa mal-Mulej. Kien ukoll devot tal-Verġni Marija, tant li kien jgħid ħafna posti tar-Rużarju kuljum.

Minkejja li daħal fiż-żmien baqa' bl-ispirtu ta' żagħżugħ. Baqa' jattendi l-Museum sa meta kien jiflaħ, avolja ħafna mill-membri għal fejnu kienu żgħar ħafna. Minkejja l-età kien żagħżugħ fl-ispirtu tant li baqa' jattendi l-laqgħat taż-żgħażagħ li kienu jsiru fil-Museum kif ukoll fil-knisja parrokkjali tan-Nadur. Mhux ta' b'xejn li ż-żgħażagħ tan-Nadur kienu jammirawh ħafna. Nistgħu ngħidu li din iż-żgħożija spiritwali spikkat ħafna f'ħajtu.

Lejn l-aħħar snin ta' ħajtu, peress li kien anzjan ma setax jattendi l-Museum. Iżda qalbu kienet għadha hemm. Ingħaqad mal-Mulej li tant ħabb u li ta xhieda nisranija għalih fid-19 ta' Settembru 1992. Id-dar li kellu ħalliha biex issir dar tad-duttrina tal-Museum (Bniet) fin-Nadur.

***Angelo Xuereb***


**Imperial Eagle**

**DAILY (from Monday to Friday)**
**Transport of goods between**
**Gozo & Malta and Malta & Gozo.**




Contact: **Joseph Spiteri**
"Villa Loreto" Bishop Buttigieg Str.,
Qala, Gozo.
**Tel: 2155 4929 - 2137 6193 - 9944 6521**

Għawdex Online (17)



### *Kappelli Għawdxin Online (11)*

# *Kappella f'gieħ l-ewwel Isqof ta' Malta*



*riċerka u kitba ta'* **SALVU FELICE PACE,** sfelicepace@mail.global.net.mt

Il-villaġġ storiku u pittoresk tal-Għarb huwa magħruf għall-Knisja Arċipretali tiegħu bi stil barokk, skont xi studjużi, x'aktarx perfett. Naturalment is-Santwarju ta' Pinu huwa wkoll f'din iż-żona parrokkjali. Ma' dawn irridu nżidu tlett kappelli oħra, dik ta' San Dimitri, dik tal-Viżitazzjoni jew taż-Żejt u dik ta' San Publiju.

Jingħad li kien l-Isqof Publiju Sant li ta l-permess biex tinbena kappella f'Għawdex dedikata lil dan il-persunaġġ tant importanti fl-istorja tal-Kristjaneżmu fil-gżejjer tagħna. L-ewwel ġebla fil-fatt tpoġġiet nhar is-26 ta' Lulju 1850 u l-kappella tlestiet minn kollox sentejn wara. Interessanti d-dettall li tagħti l-websajt **www.kappellimaltin.org** li r-relazzjoni bejn din il-kappella u s-Santwarju ta' Pinu ilha teżisti minn dak iż-żmien billi saċerdot mis-Santwarju dejjem ħa ħsieb din il-kappella, ftit minuti mixi biss mill-istess Santwarju. Jingħad ukoll li fil-post fejn illum hemm din il-kappella, kien hemm kappella oħra dedikata lil San Anard li fl-1654 kienet ġiet ipprofanata għax kienet instabet fi stat ħażin ħafna.

Riċentement qrajt rapport miktub minn George Maggi (*Il-Mument* 21 ta' Frar 2010) dwar pellegrinaġġ li sar mill-Parroċċa Arċipretali tal-Furjana dedikata lil San Publiju fl-okkażjoni tal-400 sena minn mindu l-Isqof ta' Malta Tommaso Gargallo kien iddikjara lil dan il-qaddis bħala patrun ta' Malta fl-1610. Saret quddiesa fis-Santwarju ta' Pinu mill-Isqof Nikol Cauchi u wara nofsinhar il-pellegrini marru fil-kappella ta' San Publiju fejn tkantat it-talba ta' filgħaxija u saret ukoll ċelebrazzjoni ewkaristika.

Fis-sit issib tagħrif dwar l-arkitettura tal-kappella li tinsab fi sqaq fuq ix-xellug hekk kif titlaq minn Ta' Pinu fid-direzzjoni tal-Għasri. Binja b'żewġ sulari, b'entablatura u frontispizju jserrħu fuq l-ewwel sular u bi spazju fin-nofs tal-frontispizju għal kampnar żgħir, it-tieqa mdaqqsa fl-għoli ġewwa l-kappella ddawwal l-intern. B'saqaf fi stil troll, il-kappella għandha artal wieħed tal-irħam u l-kwadru titulari jippreżenta lil San Publiju liebes ta' Isqof. Is-sit tirrimarka li din il-pittura għandha bżonn tindifa jew restawrazzjoni għax il-figura tal-qaddis martri ma tantx tista' titgawda. Xi ħaġa tassew prezzjuża fil-kappella hija s-sett tal-Via Sagra li huwa l-istess wieħed li kien tpoġġa hemm meta kienet tbierket il-kappella fl-1852.

Għalkemm din il-kappella tintuża biss xi kultant, il-kundizzjoni li tinsab fiha hija waħda tajba. Is-sit tindika



li Pawla Mintoff li toqgħod f'dawk l-inħawi tieħu ħsieb il-kappella. Ħaġa sabiħa, għax b'hekk dejjem hemm par għajnejn attenti għal xi ħsarat li jistgħu jseħħu.



TIEQA FUQ L-AMBJENT (15)

# IL-GARNIJA



*(Dan huwa s-sitt artiklu minn sensiela dwar l-għasafar li jbejtu f'Għawdex)*

*kitba u ritratti ta'* **Joe Sultana**

**Il-Garnija** hija waħda mill-erba' għasafar tal-baħar li jbejtu f'Għawdex. Tajra mdaqqsa, u mbaċċa, ftit iżgħar miċ-Ċiefa. Fiha madwar 63ċm, bi ġwienaħ twal li meta jkunu miftuħin ilaħħqu sa 90 ċm. Minn fuq sewda, tkanġi kemxejn fil-kannella, speċjalment meta tagħmel żmien twil fuq il-baħar esposta għax-xemx. Minn taħt bajda. Ir-raġel u l-mara għandhom l-istess kulur.

Bħal kull speċi tal-**familja taċ-ċief u l-kanġi**, għandha mnifsejha fuq barra forma ta' tubi. Rasha relattivament żgħira u denbha qasir. Munqarha sewdieni bil-parti t'isfel tagħti fil-griż. Saqajha roża bil-parti ta' wara matul il-qasba ta' sieqha sewda. Saqajha qegħdin lura ħafna f'gisimha, bis-swaba' bħal tal-papri, magħqudin flimkien b'rita. Addattati biex taqdef bihom fl-ilma, iżda fuq l-art titkaxkar fuqhom bħaċ-Ċiefa, u ma timxix bħalma jimxu l-għasafar ta' l-art.

Sa xi ftit snin ilu, **il-Garnija**, flimkien ma' speċi ta' Garnija oħra li tbejjet fil-Gżejjer Baleariċi, kienet meqjusa bħala razza (sottospeċi - mhux speċi sħiħa separata) tal-Garnija tan-Nord li tbejjet fl-inħawi tat-tramuntana ta' l-Atlantiku. Iżda f'dawn l-aħħar snin, wara li sar studju fuq il-familja tal-Garni, il-Garnija li tbejjet fin-nofs u fil-lvant tal-Mediterran ġiet rikonoxxuta bħala speċi sħiħa u bdiet tissejjaħ xjentifikament ***Puffinus yelkouan*** (bl-Ingliż – *Yelkouan Shearwater*). Il-kelma ***Puffinus*** hija mnissla minn kelma Ngliża antika ta' żmien il-poeta Geoffrey Chaucer (madwar 1343-1400) ***pophyn*** li tfisser minfuħ, għax dan it-tajr huwa mbaċċaċ. Il-kelma ***yelkouan*** ġejja mill-isem Tork ta' dan it-tip tat-tajr tal-baħar: ***yelkovan***.

Bħaċ-Ċiefa, **il-Garnija** tqatta' l-biċċa l-kbira ta' ħajjitha fuq il-baħar, tissiefaħ fuq il-mewġ, taqbad il-ħut. Tbejjet f'kolonji, u tersaq biss lejn l-art bil-lejl matul l-istaġun tal-bejta li jieħu mas-seba' xhur miż-żmien tan-namra sat-tluq tal-ferħ mill-bejta. L-ewwel garni jibda jżur il-kolonja kmieni ħafna, anke minn Ottubru, fejn ibejtu fl-istess post sena wara l-oħra, f'toqob u xquq fis-sisien u l-irdumijiet ta' madwar il-kosta. In-nisa jibdew ibejtu għall-aħħar ta' Frar u jibqgħu sejrin sa nofs Marzu. Kull mara tbid bajda waħda biss ta' lewn abjad matt, li jkun fiha ta' daqs tat-tiġieġa. Ħafna drabi, jekk l-art tkun ratba, tkompli tħaffer l-art b'saqajha u l-bajda ġeneralment tbidha fl-art.

Ġieli l-bejta tkun fil-fond anke sa 10 metri, imma xi kultant tkun anke metru biss 'l ġewwa. Kemm il-mara kif ukoll ir-raġel isaħħnu l-bajda, u jbiddlu lil xulxin bil-lejl kull ftit jiem. Il-bajda tieħu madwar 50-52 ġurnata biex



*Garnija adulta*



*Ferħ ta' Garnija miksi b'suffolt.*



*Ferħ ta' Garnija nofsu mlibbes bir-rix.*

tfaqqas. Meta jfaqqas il-ferħ ikun miksi b'suf griż, artab u folt. Il-ġenituri jibdew iżuruh bil-lejl biex jitimgħuh. Wara xi erba' ġimgħat jibda jtella' r-rix minn taħt is-suf u meta jkun lest biex iħalli l-bejta, fl-aħħar ġimagħtejn ta' Ġunju, ikun jixbah lix-xjuħ. Sa l-aħħar ta' Lulju l-garni kollha, kbar u frieħ, ikunu abbandunaw il-kolonja.

Meta l-frieħ iħallu l-kolonja, 'l biċċa l-kbira minnhom jerħulha lejn il-Lvant tal-Mediterran, igħaddu mill-Bosfru u jidħlu fil-Baħar l-Iswed, għalkemm x'uħud, partikolarment ix-xjuħ li jkunu bdew ibejtu, jibqgħu fil-Mediterran wara l-istaġun tal-bejta.

Il-Garnija tbcjjct fil-blat għoli tan-nofsinhar u tal-puncnt f'Għawdex u anke f'xi rdumijiet fix-Xagħra u n-Nadur. Ma tagħmilx storbju fiż-żmien tan-namra daqs kemm tagħmel iċ-Ċiefa. Lanqas tidher mill-art bħalma tidher iċ-Ċiefa, għax iżżomm iżjed 'l barra. L-għadu tagħha fuq l-art, speċjalment fil-bejtiet tagħha, huma l-ġrieden il-kbar (il-firien), għax jagħmlu ħerba mill-frieħ, u minħabba fihom kważi nqerdet mill-irdumijiet tax-Xagħra u n-Nadur.




*Mappa t'Għawdex li turi fejn tbejjet il-Garnija. L-akbar kolonja f'Ta Ċenċ fejn ibejtu minn 150 sa 300 par.*






*Ferħ ta' Garnija lest biex jitlaq mill-kolonja bil-lejl. F'dan iż-żmien ikollu rix ġdid u jkun jixbah lill-adulti.*



*Ta' Ċenċ. Il-Garnija tbejjet f'toqob u xtut fl-irdumijiet ta' fuq il-baħar.*

L-Intervista

# "L-Imsallab fi Triqatna"

*(id-dramm tal-passjoni fit-toroq tal-Belt Victoria)*

# Jagħlaq 10 snin

*"Il-Ħajja f'Għawdex" tintervista lil George J. Cassar, President Għaqda Dilettanti Ġimgħa l-Kbira - Għawdex*

Is-sena li għaddiet, l-Għaqda Dilettanti Ġimgħa l-Kbira – Għawdex, fakkret l-għaxar sena minn meta bdiet ittella' d-dramm tal-passjoni fl-1999 ġewwa l-Oratorju Don Bosco. Din is-sena, l-istess għaqda qed tfakkar l-għaxar anniversarju minn meta niżlet fit-toroq u bdiet taħdem dan id-dramm fil-qalba tal-Belt Victoria. Il-Ħajja f'Għawdex, qed iżżomm l-appuntament tagħha u tgħaddi informazzjoni lill-qarrejja dwar dan l-avveniment annwali.

Sa mis-sena 2000, il-produzzjoni u t-test ta' dan id-dramm tħallew f'idejn il-president tal-għaqda msemmija, George J. Cassar. George spjegalna kif l-idea li dan id-dramm jitniżżel fit-toroq ħarġet mill-fatt li ġewwa Caltagirone fi Sqallija, ssir xi ħaġa simili. Hu kompla li din kellha tkun xi ħaġa speċjali li kellha ssir biss għall-bidu tal-millennju u l-Ġublew tas-sena 2000. Iżda l-idea tant intlaqgħet tajjeb minn nies li din l-attività baqgħet





issir kull sena. Cassar kompla li fil-bidu ma kienx faċli tispjega lin-nies x'kien hemm imħejji fil-ħsieb ta' l-organizzaturi. Tant li xi wħud ħasbu li d-diriġenti tal-għaqda kienu qed joħolmu b'għajnejhom miftuħa. Iżda, wara l-ewwel rappreżentazzjoni f'April tas-sena 2000, kull min kien xettiku dwar is-suċċess ta' dan l-avveniment malajr biddel fehmtu. Meta mistoqsi jekk matul is-snin l-organizzaturi sabux bsaten fir-roti, bit-tbissima hu spjega li l-aktar waħda klassika kienet meta darba kienu involvuh f'kumitat ġo parroċċa, u biż-żmien induna li kien ġie involut f'dan l-istess kumitat, bl-iskop li jaljenawh u jnaqqas l-interess fl-organizzazzjoni ta' din l-attività. Kien kollu għal xejn għaliex hu qalbu hi marbuta wisq ma' din ir-rappreżentazzjoni.

Bħala atturi li ħadmu l-parti ta' Kristu sa mis-sena 2000, insibu erbgħa. L-ewwel wieħed li ħadem din il-parti kien l-artist Għawdxi Paul A. Stellini. Jeżistu diversi aneddoti dwar il-parteċipazzjoni ta' dan l-attur f'dan id-dramm. Lejliet id-dramm, waqt il-prova ġenerali, meta l-attur kien mislub mas-salib, jingħad li tilef xi ftit il-bilanċ, beża' u qabeż għal isfel - inċident li spiċċa biex bagħat lil Stellini l-isptar għax kien xaqqaq kustilja. Filgħodu tas-Sibt, l-organizzaturi sebħu minn kmieni jqallbu l-*cast* u jħejju attur riżerva li kien issa ser jaħdem il-parti ta' Kristu. Iżda kmieni wara nosfinhar, Paul Stellini xorta tfaċċa fil-kurituri tal-Oratorju Don Bosco u allura kollox mexa kif kien ippjanat. Stellini attur bravu, iżda għall-parti ta' Kristu kellu l-isvantaġġ żgħir ta' *tatoo* fuq spalltu. L-irtokk bl-i*stage blood* irmedja kollox. Drabi oħra Stellini ħadem partijiet oħrajn f'din l-attività fosthom il-parti ta' Erodi.

Attur ieħor li ħadem il-parit ta' Kristu hu Salvinu Cremona. Dak iż-żmien Cremona kien jifforma parti mill-kumitat tal-Għaqda Dilettanti Ġimgħa l-Kbira –



Għawdex. Kien membru attiv u minbarra li kien jaħdem il-parti prinċipali kien ikun involut ħafna fl-armar tal-palkijiet u t-tħejjija tad-dawl. Ġie li kien hemm min ikkummenta kif kien ivinċi biex wara daqstant taħbit, ikun frisk biżżejjed biex jaħdem parti bħal dik, hekk impenjattiva. Salvinu hu mdorri jieħu l-affarijiet b'serjetà kbira, tant li lil dawk li kienu jkunu qed jagħmluha ta' manigoldi, kien jgħidilhom biex jekk jista' jkun isawtuh verament biex hu stess jidħol aktar fl-ispirtu tal-parti ta' Gesù. Din is-sena Cremona ser jaħdem il-parti ta' Kajfa.

Wara Salvinu Cremona, il-parti ta' Gesù ħadimha għal sena waħda Chris Cini. F'dik is-sena, id-dramm ħa forma ta' *musical*. Nistgħu ngħidu li dik ix-xitwa kienet waħda li wriet snienha sew. Tant li dak is-Sibt meta sar dan id-dramm, it-temperatura niżlet inqas minn għaxar gradi. Wieħed jista' jaħseb il-ksieħ li ħass dan l-attur meta ġie mneżża' sabiex issir ix-xena tal-flaġellazzjoni. Meta spiċċat ir-rappreżentazzjoni, l-unika kelma li kellu kienet li ħassu ser imut tassew bil-ksieħ.

Mis-sena 2006 sa din is-sena l-attur li qed jaħdem il-parti prinċipali ta' Kristu, hu Gordon J. Grech. Din hi r-raba' sena li qed jaħdem din il-parti, iżda qabel, Gordon kien jagħmel il-parti ta' Malku, l-qaddej tal-qassis il-kbir. Gordon ukoll jifforma parti mill-kumitat tal-Għaqda Dilettanti Ġimgħa l-Kbira Għawdex. Kemm-il darba smajna lil dan l-attur isostni li l-involviment tiegħu f'dan id-dramm, idaħħlu aktar fl-ispirtu tal-festi tal-Ġimgħa Mqaddsa u l-Għid il-Kbir. Għalih il-parteċipazzjoni tiegħu f'dan id-dramm hu mod ieħor kif jipprepara ruħu wkoll spiritwalment f'dan iż-żmien hekk qawwi fil-kalendarju Kristjan.

Din is-sena, d-Dramm "L-Imsallab fi Triqatna", ser isir bil-kollaborazzjoni tal-Oratorju Don Bosco u l-Kunsill Lokali tal-Belt Victoria. Barra l-membri tal-Għaqda u ż-żgħażagħ ta' l-Oratorju, ser jipparteċipaw ukoll: L-Għaqda Voluntiera Ġimgħa l-Kbira – Luqa, L-Għaqda Dilettanti Personaġġi Bibliċi u l-Voluntiera mill-Każin Banda San Filep ta' Ħaż-Żebbuġ.

Bħal ma' diġà spjegajna, d-direzzjoni u l-kitba tad-dramm ser ikunu f' idejn George J. Cassar, filwaqt li l-koorjografija bħal fis-snin l-imgħoddija tħalliet f'idejn Dr. Simone Grech. Ir-*recordings* kollha tħallew fil-ħsieb ta' Jamie Camilleri ta' *Unique Sound*. Jamie hu responsabbli wkoll mill-armar tas-settijiet kif ukoll hu wieħed mill-atturi prinċipali għax jaħdem il-parti ta' Malku.

"L-Imsallab fi Triqatana" ser isir is-Sibt 20 ta' Marzu u d-dramm jitlaq mill-Oratorju Don Bosco, fis-7.30p.m. Barra minn hekk, din is-sena l-Għaqda Dilettanti Ġimgħa l-Kbira – Għawdex, ġiet mistiedna biex ittella' dan id-dramm fil-festival 'Gabbata' li ser isir fil-Belt Valletta, l-Erbgħa 31 ta' Marzu u li qed jiġi organizzat mis-Soċ. Filar. Nazz. La Vallette. F'dan il-festival ser jieħdu sehem ukoll diversi baned Maltin u Għawdxin.






# IL-VIA SAGRA FUQ L-GĦOLJA TA' GĦAMMAR

*Wieħed mill-avvenimenti sbieħ tar-Randan fil-gżira Għawdxija ta' kull sena, hija ċertament il-Via Sagra Djoċesana li ssir mat-telgħa u fuq l-Għolja t'Għammar, quddiem is-Santwarju Ta' Pinu. Din is-sena din il-Via Sagra, immexxija bħas-soltu minn Mons. Isqof Mario Grech u mxandra wkoll fuq Radju RTK u Radju Marija, ser issir nhar il-Ħadd, 21 ta' Marzu, fis-6.00p.m. Hija Via Sagra Penitenzjali u Meditata li tiġbed ħafna nies.*



*Mix-Xena Sportiva F'GHAWDEX* *minn* **Joe Bajada**



# *Tiġrijiet taż-Żwiemel*

Il-*Gozo Horse Racing Association* kompliet b'iktar ħidma bl-organizzazzjoni ta' iżjed programmi ta' tiġrijiet taż-Żwiemel fil-Korsa tax-Xħajma. Diversi tiġrijiet saru fl-aħħar żewġ programmi organizzati matul l-aħħar ġimgħat. Fil-programm Numru 12 li nżamm nhar is-17 ta' Jannar, saru ħames tiġrijiet. L-ewwel waħda kienet għal tas-Shetland fejn hawn rebħet Holly misjuqa minn Nicholas Cauchi. Warajha daħal Matthew Mamo b'Moonies u Georgina Farrugia fuq Forza Rizita. It-tieni tellieqa kienet għal tat-Trott C/D. Hawn spiċċat fuq quddiem Romana Frost misjuqa minn Josef Farrugia. Fit-tieni u fit-tielet post spiċċaw Lutin de Memartin misjuq minn Dario Fenech u Scantour S.I. misjuq minn Carmel Cauchi. It-tiġrija għal tat-Trott A1 rat jitrijonfa lil Kamis de l'Eveche misjuq minn Salvu Cauchi fejn spiċċa quddiem Joss Royal misjuq minn Josef Farrugia u Solid V.G misjuq minn Joseph Attard. Fit-tiġrija ta' wara għal tat-Trott B ħareġ rebbieħ Pascalino Cefai fuq Agaton Roy. Huwa spiċċa quddiem Fairway misjuqa minn Josef Farrugia u Fraekke Siem misjuq minn Tony Cauchi. L-aħħar tiġrija riservata għal tat-Trott A, ħareġ rebbieħ Grand Allegria misjuq minn Mark Refalo, b'Mambere misjuq minn Mark Debono u Rybo Patzie misjuqa minn John Vella spiċċaw warajh.

Fil-programm sussegwenti li nżamm nhar il-Ħadd 7 ta' Frar, kienu organizzati seba' tiġrijiet. Fl-ewwel waħda li kienet għal tas-Shetland, hawn ħareġ rebbieħ Quitergo misjuq minn Janathan Farrugia, segwit minn Matthew Mamo fuq Anabelle u Giorgina Farrugia li saqet Forza Rozita. It-tieni tiġrija għal Ponijiet kienet mirbuħa minn Claudio Vella fuq Eleonor. Warajh daħal Louis Portelli b'Sketcher. It-tiġrija tat-Trott B rat lil Mambere misjuq minn Mark Debono jispiċċa fuq quddiem qabel Romana Frost misjuqa minn Mario Spiteri u Maestro Sebajac misjuq minn Marvin Cauchi. It-tiġrija għal tat-Trott A intrebħet minn Mario Spiteri fuq Facilon, b'Love d'Anjou misjuq minn Frank Cini u Kymjo de Marvez misjuq minn Ray Saliba spiċċaw fit-tieni u t-tielet post rispettivament. Il-Ħames tiġrija għal tat-Trott C/D intrebħet minn Junior De Carless misjuq minn George Gatt, filwaqt li ż-żwiemel l-oħra ġew skwalifikati. It-tiġrija ta' wara għal tat-Trott A1 intrebħet minn Mint Spirit misjuq minn Peter Paul Said li spiċċa quddiem Kayak De Beylev misjuq minn Josef Farrugia u Rex Daro misjuq minn John Vella. L-aħħar tiġrija rat lil Mario Spiteri jikseb rebħa oħra din id-darba fuq Jalsovien. Warajh daħlu Joe Portelli fuq Ligist Qui u Josef Farrugia fuq Poppos Ironman.







Café & Wine Bar
KAPUTA
Pizza & Local Dishes
60 St. Joseph Square Qala, Gozo,
Tel: 27201355, Mob: 99272074



# L-Għoljiet t'Għawdex

*Versi ta' Anton F. Attard*
*Ritratt ta' Joseph J.P. Zammit*

## 3. TA' GHAMMAR



*Fil-punent t'Għawdex hemm għolja qaddisa*
*bil-Via Sacra hemm fuq tul il-mogħdija,*
*T'Għammar jisimha, qiegħda ħdejn Ta' Pinu,*
*fost il-għoljiet mill-aktar imsemmija.*

*Setgħana u kbira, fil-quċċata fl-għoli*
*jidher salib li twaqqaf hemm b'tifkira,*
*u ħdejh insibu wkoll niċċa meqjuma*
*li tagħha Frenċ tal-Għarb kellu tifsira.*

*Stejjer, leġġendi seħħu qrib din l-għolja*
*imżejna b'sined kollu raba' u ħdura,*
*taħtha jistkenn imħaxken l-iżgħar raħal,*
*bħal tifel żgħir imfissed min-natura.*

*U bħal għassiesa ħutha jieħdu ħsiebha:*
*l-għolja ta' Dbieġi u l-oħra ta' Ġurdan,*
*t'Għammar mibruka f'nofshom dejjem toħlom*
*u ż-żmien dejjem għaddej mingħajr serħan.*

*Fuq 100 sena ilu max-xaqliba tagħha,*
*u mal-ħitan, l-egħlieqi u s-sisien,*
*instema' Leħen jidwi rqiq u ħlejju*
*ġej mill-kappella, kliem ta' l-oħla lsien.*

*"Ejja!" sejjaħ il-Leħen. Mara twajba,*
*li semgħet dan il-kliem, lejn il-mogħdija*
*daret u mxiet bil-mod lejn il-kappella*
*fejn qalbha mtliet b'ferħ kbir u hena smewwija.*

# Djamanti ta' Għawdex

## Ritratti ta' Joseph J.P. Zammit

### STATWETTI U MONUMENTI LILL-QADDISIN PROTETTURI



San Ġużepp
fil-Lunzjata




Sant'Andrija
fix-Xlendi



Il-Madonna
tar-Ramla



San Pawl
tal-Kapuċċini

LUMEN CHRISTI PUBLICATIONS

# *L-isbaħ 6 kotba mnejn tagħżel biex tidħol fl-ispirtu tar-Randan u l-Ġimgħa Mqaddsa*



















*Dawn u diversi kotba oħra żgħar ta' talb u devozzjonijiet, tal-Via Sagra, tad-Duluri, u tas-Seba' Viżti, tistgħu takkwistawhom mil-*

**LUMEN CHRISTI BOOKSHOP, VICTORIA Tel: 2156 0496**